**Parlament Ewropew**
2019-2024

*Dokument ta' sessjoni*

**A9-0176/2023**

9.5.2023

# RAPPORT

dwar Strateġija tal-UE għal Tessuti Sostenibbli u Ċirkolari
(2022/2171(INI))

Kumitat għall-Ambjent, is-Saħħa Pubblika u s-Sikurezza tal-Ikel

Rapporteur: Delara Burkhardt

Rapporteur għal opinjoni tal-kumitat assoċjat skont l-Artikolu 57 tar-Regoli ta' Proċedura
Christian Ehler, Kumitat għall-Industrija, ir-Riċerka u l-Enerġija

## WERREJ

**Paġna**

MOZZJONI GĦAL RIŻOLUZZJONI TAL-PARLAMENT EWROPEW ...............................3

NOTA SPJEGATTIVA ..............................................................................................25

OPINJONI TAL-KUMITAT GĦALL-INDUSTRIJA, IR-RIĊERKA U L-ENERĠIJA ........27

OPINJONI TAL-KUMITAT GĦALL-IŻVILUPP ...................................................37

OPINJONI TAL-KUMITAT GĦAS-SUQ INTERN U L-ĦARSIEN TAL-KONSUMATUR ..............................................................................................45

OPINJONI TAL-KUMITAT GĦAD-DRITTIJIET TAN-NISA U L-UGWALJANZA BEJN IS-SESSI ..............................................................................................53

INFORMAZZJONI DWAR L-ADOZZJONI FIL-KUMITAT RESPONSABBLI .................62

VOTAZZJONI FINALI B'SEJĦA TAL-ISMIJIET FIL-KUMITAT RESPONSABBLI .......63

# MOZZJONI GĦAL RIŻOLUZZJONI TAL-PARLAMENT EWROPEW

**dwar Strateġija tal-UE għal Tessuti Sostenibbli u Ċirkolari**
**(2022/2171(INI))**

*Il-Parlament Ewropew,*

– wara li kkunsidra l-komunikazzjoni tal-Kummissjoni tat-30 ta' Marzu 2022 intitolata "Strateġija tal-UE għal Tessuti Sostenibbli u Ċirkolari" (COM(2022)0141),

– wara li kkunsidra l-Aġenda 2030 tan-Nazzjonijiet Uniti għall-Iżvilupp Sostenibbli u l-Għanijiet ta' Żvilupp Sostenibbli (SDGs),

– wara li kkunsidra l-komunikazzjoni tal-Kummissjoni tal-11 ta' Marzu 2020 intitolata "Pjan ta' Azzjoni ġdid dwar l-Ekonomija Ċirkolari – Għal Ewropa aktar nadifa u kompetittiva" (COM(2020)0098) u r-riżoluzzjoni tal-Parlament tal-10 ta' Frar 2021 dwarha[1],

– wara li kkunsidra l-komunikazzjoni tal-Kummissjoni tal-20 ta' Mejju 2020 intitolata "Strateġija tal-UE għall-Bijodiversità għall-2030 – Inreġġgħu n-natura lura f'ħajjitna" (COM(2020)0380) u r-riżoluzzjoni tal-Parlament tad-9 ta' Ġunju 2021 dwarha[2],

– wara li kkunsidra l-komunikazzjoni tal-Kummissjoni tal-20 ta' Mejju 2020 intitolata "Strateġija mill-Għalqa sal-Platt" għal sistema tal-ikel ġusta, tajba għas-saħħa u favur l-ambjent" (COM(2020)0381) u r-riżoluzzjoni tal-Parlament tal-20 ta' Ottubru 2021 dwarha[3],

– wara li kkunsidra l-komunikazzjoni tal-Kummissjoni tas-16 ta' Jannar 2018 "Strateġija Ewropea għall-Plastiks f'Ekonomija Ċirkolari" (COM(2018)0028) u r-riżoluzzjoni tal-Parlament tat-13 ta' Settembru 2018 dwarha[4],

– wara li kkunsidra l-komunikazzjoni tal-Kummissjoni tal-14 ta' Ottubru 2020 intitolata "Strateġija dwar is-Sustanzi Kimiċi għas-Sostenibbiltà – Lejn Ambjent Ħieles mit-Tossiċità" (COM(2020)0667) u r-riżoluzzjoni tal-Parlament tal-10 ta' Lulju 2020 dwarha[5],

– wara li kkunsidra l-komunikazzjoni tal-Kummissjoni tal-5 ta' Marzu 2020 intitolata "Unjoni ta' Ugwaljanza: Strateġija ta' Ugwaljanza Bejn is-Sessi għall-2020-2025" (COM(2020)0152),

– wara li kkunsidra d-Deċiżjoni (UE) 2022/591 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-6 ta' April 2022 dwar Programm Ġenerali ta' Azzjoni Ambjentali tal-Unjoni sal-2030[6]

---

[1] ĠU C 465, 17.11.2021, p. 11.
[2] ĠU C 67, 8.2.2022, p. 25.
[3] ĠU C 184, 5.5.2022, p. 2.
[4] ĠU C 433, 23.12.2019, p. 136.
[5] ĠU C 371, 15.9.2021, p. 75.
[6] ĠU L 114, 12.4.2022, p. 22.

("It-tmien Programm ta' Azzjoni Ambjentali"),

– wara li kkunsidra d-Direttiva 2008/98/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-19 ta' Novembru 2008 dwar l-iskart u li tħassar ċerti Direttivi[7] (id-"Direttiva Qafas dwar l-Iskart"),

– wara li kkunsidra r-Regolament (UE) Nru 1007/2011 dwar l-ismijiet ta' fibri ta' tessuti u t-tikkettar u l-immarkar relatati tal-kompożizzjoni tal-fibri ta' prodotti tat-tessut u li jħassar id-Direttiva tal-Kunsill 73/44/KEE u d-Direttivi 96/73/KE u 2008/121/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[8],

– wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni tat-30 ta' Marzu 2022 għal regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jistabbilixxi qafas għall-iffissar ta' rekwiżiti għall-ekodisinn għal prodotti sostenibbli u li jħassar id-Direttiva 2009/125/KE (COM(2022)0142),

– wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni tat-23 ta' Frar 2022 għal direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar id-Diliġenza Dovuta tas-Sostenibbiltà Korporattiva u li temenda d-Direttiva (UE) 2019/1937 (COM(2022)0071),

– wara li kkunsidra l-pożizzjoni tiegħu fl-ewwel qari tas-17 ta' Jannar 2023 dwar il-proposta għal regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-vjeġġi ta' skart u li jemenda r-Regolamenti (UE) Nru 1257/2013 u (UE) 2020/1056[9],

– wara li kkunsidra l-briefings tal-Aġenzija Ewropea għall-Ambjent (EEA) ta' Novembru 2019 intitolata "Textiles in Europe's circular economy" (It-tessuti fl-ekonomija ċirkolari tal-Ewropa), ta' Jannar 2021 intitolata "A framework for enabling circular business models in Europe" (Qafas li jippermetti mudelli ta' negozju ċirkolari fl-Ewropa), ta' Jannary 2021 intitolata "Plastic in textiles: towards a circular economy for synthetic textiles in Europe" (Il-plastik fit-tessuti: lejn ekonomija ċirkolari għat-tessuti sintetiċi fl-Ewropa), ta' Frar 2022 intitolata "Textiles and the environment: the role of design in Europe's circular economy" (It-tessuti u l-ambjent: ir-rwol tad-disinn fl-ekonomija ċirkolari tal-Ewropa) u ta' Frar 2022 intitotala "Microplastics from textiles: towards a circular economy for textiles in Europe" (Il-Mikroplastiks mit-tessuti: lejn ekonomija ċirkolari għat-tessuti fl-Ewropa),

– wara li kkunsidra r-rapport tekniku taċ-Ċentru Konġunt tar-Riċerka ta' Ġunju 2021 intitolat "Circular economy perspectives in the EU Textile sector" (Perspettivi tal-ekonomija ċirkolari fis-settur tat-tessuti tal-UE),

– wara li kkunsidra r-rapport tal-2017 tal-Fergħa dwar is-Swieq tax-Xogħol Inklużivi, ir-Relazzjonijiet tax-Xogħol u tal-Kundizzjonijiet tax-Xogħol tal-Organizzazzjoni Internazzjonali tax-Xogħol intitolat "Purchasing practices and low pay in global supply chains: Empirical cases from the garment industry" (Prattiki ta' akkwist u pagi baxxi fil-ktajjen tal-provvista globali: każijiet empiriċi mill-industrija tal-ħwejjeġ),

[7] ĠU L 312, 22.11.2008, p. 3.
[8] ĠU L 272, 18.10.2011, p. 1.
[9] Testi adottati, P9_TA(2023)0003.

– wara li kkunsidra r-rapport tal-2017 tal-Fondazzjoni Ellen MacArthur intitolat "A New Textiles Economy: Redesigning fashion's future" (Ekonomija ġdida tat-tessuti: it-tfassil mill-ġdid tal-futur tal-moda),

– wara li kkunsidra r-rapport ta' Textile Exchange intitolat "Preferred Fiber & Materials Market Report 2022" (Rapport dwar is-suq tal-2022 relatat mal-fibri u mal-materjali preferuti),

– wara li kkunsidra r-rapport ta' Hot or Cool Institute "Unfit, Unfair, Unfashionable: Resizing Fashion for a Fair Consumption Space (Inadegwata, inġusta, mhux tal-moda: nirristrutturaw il-moda għal spazju ta' konsum ġust)",

– wara li kkunsidra l-Artikolu 54 tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,

– wara li kkunsidra l-opinjonijiet tal-Kumitat għall-Industrija, ir-Riċerka u l-Enerġija, tal-Kumitat għall-Iżvilupp, tal-Kumitat għas-Suq Intern u l-Ħarsien tal-Konsumatur u tal-Kumitat għad-Drittijiet tan-Nisa u l-Ugwaljanza bejn is-Sessi,

– wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għall-Ambjent, is-Saħħa Pubblika u s-Sikurezza tal-Ikel (A9-0176/2023),

A. billi l-produzzjoni tat-tessuti kważi rduppjat bejn is-sena 2000 u l-2015[10] u fl-istess perjodu l-ħwejjeġ jintużaw għal inqas żmien, bi tnaqqis ta' 36 %[11]; billi sal-2030 il-konsum globali ta' ħwejjeġ u żraben huwa mistenni li jiżdied bi 63 %, mit-62 miljun tunnellata attwali għal 102 miljun tunnellata; billi l-ħwejjeġ jinkludu l-akbar perċentwal tal-konsum tat-tessuti tal-UE, b'81 %[12]; billi x-xejra tal-użu tal-ħwejjeġ għal perjodi dejjem iqsar qabel ma jintremew hija l-akbar kontributur għal mudelli insostenibbli ta' produzzjoni żejda u konsum żejjed[13]; billi bejn l-1996 u l-2018, nefqa medja tal-unitajiet domestiċi għall-ħwejjeġ naqset, minkejja l-fatt li l-prezzijiet tal-ħwejjeġ naqsu fl-UE b'rabta mal-inflazzjoni b'aktar minn 30 %; billi t-tendenzi attwali fil-konsum tat-tessuti ma jistgħux jinżammu jekk nimmiraw li nilħqu tranżizzjoni ekwa u ġusta għan-newtralità klimatika; billi r-riċerka reċenti tindika l-eżistenza ta' gradi li jvarjaw ta' responsabbiltà skont id-diversi gruppi ta' introjtu fl-impronti tal-karbonju ġġenerati mill-konsum assoċjat mal-moda[14]; billi l-fibri sintetiċi u artifiċjali diġà jirrappreżentaw aktar minn żewġ terzi (64 %)[15] tal-produzzjoni globali totali tal-fibri;

B. billi l-istudji jindikaw li l-konsumaturi jaqblu li huwa importanti li d-ditti jikkondividu informazzjoni affidabbli dwar l-impatt ambjentali tal-prodotti tagħhom, u li ħafna mill-konsumaturi huma lesti li jibdlu l-mudelli tax-xiri tagħhom favur għażliet sostenibbli, dment li jkollhom għad-dispożizzjoni tagħhom tikketti ċari u affidabbli[16], li jistgħu

[10] https://ellenmacarthurfoundation.org/a-new-textiles-economy
[11] Network Ewropew ta' Informazzjoni u Osservazzjoni tal-Ambjent – Rapport ETC/CE 2/2022 – "Textiles and the Environment – The role of design in Europe's circular economy" (It-tessuti u l-ambjent: ir-rwol tad-disinn fl-ekonomija ċirkolari tal-Ewropa), Aġenzija Ewropea għall-Ambjent, Ċentru Tematiku Ewropew dwar l-Ekonomija Ċirkolari u l-Użu tar-Riżorsi, 10 ta' Frar 2022.
[12] https://publications.jrc.ec.europa.eu/repository/handle/JRC125110
[13] https://eur-lex.europa.eu/legal-content/MT/TXT/HTML/?uri=CELEX:52022DC0141
[14] https://hotorcool.org/wp-content/uploads/2022/12/Hot_or_Cool_1_5_fashion_report_.pdf
[15] https://textileexchange.org/app/uploads/2022/10/Textile-Exchange_PFMR_2022.pdf
[16] https://www.mckinsey.com/industries/consumer-packaged-goods/our-insights/consumers-care-about-

jorjentaw id-domanda lejn ħwejjeġ ta' kwalità għolja li jagħmlu anqas ħsara lill-ambjent u lill-ħaddiema; billi l-għoti ta' informazzjoni ma għandux iwassal għal prattiki ta' greenwashing; billi l-inizjattivi tal-industrija bħall-użu ta' fibri u tessuti aktar sostenibbli jew għażliet li jagħtu kas l-aspetti etiċi jistgħu jirrappreżentaw biss perċentwal żgħir tal-offerti ta' ditta, u l-parti tal-operazzjonijiet li jkun fadal tkompli f'xenarju taż-żamma tal-istatus quo;

C. billi, kull sena, fid-dinja kollha jiġu ġġenerati 92 miljun tunnellata[17] skart tat-tessut, li l-maġġoranza l-kbira tiegħu jispiċċa f'landfills; billi, fl-UE, kull sena jintremew 5,8 miljun tunnellata[18] prodotti tat-tessuti, li jammonta għal madwar 11 kg[19] għal kull persuna, u l-ħwejjeġ ġeneralment jintlibsu biss 7 jew 8 darbiet[20]; billi l-iskart tat-tessuti huwa waħda mill-akbar komponenti tal-iskart muniċipali u għalhekk huwa suġġett għall-objettivi ta' riċiklaġġ stabbiliti fid-Direttiva 2008/98/KE, iżda ma jeżistux objettivi speċifiċi ta' riċiklaġġ tat-tessuti; billi inqas minn 1 %[21] tat-tessuti kollha fid-dinja kollha jiġi riċiklat fi prodotti ġodda;

D. billi fis-settur tat-tessuti u taż-żraben jeżistu diversi problemi soċjali; billi l-katina tal-valur tas-settur tat-tessuti u taż-żraben saret dejjem aktar orjentata lejn ix-xerrej, fatt li qiegħed pressjoni fuq il-manifatturi biex jimminimizzaw il-kostijiet tal-produzzjoni u l-perjodi ta' rotazzjoni; billi l-kundizzjonijiet ta' asimmetriji tas-saħħa fis-suq bejn il-fornituri u x-xerrejja globali, kif ukoll il-prattiki tax-xiri dannużi, jaggravaw ir-riskju ta' abbużi tad-drittijiet tal-ħaddiema; billi n-nisa, il-migranti u l-ħaddiema informali huma partikolarment vulnerabbli għall-impatti soċjali negattivi; billi t-titjib tas-sostenibbiltà soċjali jeħtieġ approċċ olistiku li jkopri l-katina tal-valur;

E. billi 73 %[22] tal-ħwejjeġ u tat-tessuti domestiċi kkunsmati fl-Ewropa huma importati, u dan jirrappreżenta madwar 26 kg[23] tat-tessuti r-ras fis-sena, u 7,4 kg[24] tat-tessuti r-ras fis-sena huma prodotti internament; billi l-biċċa l-kbira tal-impatti ambjentali u marbuta mat-tibdil fil-klima sseħħ fil-proċessi tal-produzzjoni upstream, u tokkorri spiss fil-pajjiżi mhux membri tal-UE fejn il-ħarsien tal-ambjent u r-rispett tad-drittijiet tal-bniedem u tal-ħaddiema jeħtieġ li jkun valutat u żgurat b'mod debitu; jilqa' l-inizjattivi li jwasslu għal titjib kontinwu fir-rigward tad-drittijiet tal-ħaddiema u s-sikurezza tal-fabbriki; billi l-poliester mill-fjuwils fossili jirrappreżenta madwar 50 %[25] tal-produzzjoni tal-fibri, u l-użu tal-fibri sintetiċi mill-industrija tal-moda jirrappreżenta

---

sustainability-and-back-it-up-with-their-wallets
[17] https://www.unep.org/news-and-stories/blogpost/why-fast-fashion-needs-slow-down
[18] https://eur-lex.europa.eu/legal-content/MT/TXT/HTML/?uri=CELEX:52022DC0141#:~:text=Madwar%205%2C8%20miljun%20tunnellati%20ta%E2%80%99%20tessuti%20jintremew%20kull%20sena%20fl%2DUE%2C%20madwar%2011%20kg%20g%C4%A7al%20kull%20persuna%204%20%2C%20u%2C%20xi%20mkien%20fid%2Ddinja%2C%20kull%20sekonda%2C%20tag%C4%A7bija%20ta%E2%80%99%20trakk%20ta%E2%80%99%20tessuti%20tintrema%20f%E2%80%99landfill%20jew%20ti%C4%A1i%20in%C4%8Binerata%205%20
[19] https://www.eea.europa.eu/publications/textiles-in-europes-circular-economy
[20] https://emis.vito.be/sites/emis/files/articles/91/2021/ETC-WMGE_report_final%20for%20website_updated%202020.pdf
[21] https://www.europarl.europa.eu/news/en/headlines/society/20201208STO93327/the-impact-of-textile-production-and-waste-on-the-environment-infographic
[22] https://ec.europa.eu/commission/presscorner/detail/mt/QANDA_22_2015.
[23] https://www.eea.europa.eu/publications/textiles-in-europes-circular-economy
[24] https://ec.europa.eu/commission/presscorner/detail/mt/QANDA_22_2015
[25] https://www.eea.europa.eu/themes/waste/resource-efficiency/plastic-in-textiles-towards-a

1,35 %[26] tal-konsum globali taż-żejt, li ħafna minnu jiġi importat mir-Russja;

F. billi s-sistemi eżistenti għall-ġbir separat tat-tessuti fl-UE huma volontarji u jiffokaw fuq il-ġbir tal-ħwejjeġ li jitqiesu li jistgħu jerġgħu jintlibsu; billi skont l-istimi taċ-Ċentru Konġunt tar-Riċerka, bejn 50 % u 75 %[27] ta' dawn it-tessuti miġbura separatament jerġa' jintuża; billi kwantità kbira ta' ħwejjeġ miġbura tiġi esportata lejn pajjiżi terzi li fihom ma teżistix infrastruttura ta' ġbir; billi attwalment m'hemmx vantaġġi ekonomiċi effettivi marbuta mal-ġbir separat u mal-ipproċessar tal-iskart tat-tessuti kollu fl-UE, u dan jenfasizza l-bżonn ta' sistema u ta' infrastruttura kollettivi biex jinħataf il-valur tat-tessuti użati[28];

G. billi s-settur tat-tessuti Ewropew għandu importanza ekonomika għall-Unjoni u jiżvolġu rwol importanti biex jinkisbu l-objettivi tal-ekonomija ċirkolari tal-UE, b'fatturat annwali ta' EUR 147 biljun[29] u EUR 58 biljun[30] f'esportazzjonijiet u EUR 106 biljun[31] f'importazzjonijiet fl-2022 u għaldaqstant jeżerċita effett ta' lieva konsiderevoli biex jindirizza l-impatti soċjali u ambjentali negattivi tal-industrija tat-tessuti u taż-żraben; billi aktar minn 99 %[32] tal-ekosistema tat-tessuti tal-UE tikkonsisti minn impriżi żgħar u ta' daqs medju (SMEs); billi s-settur tat-tessuti jimpjega 1,3 miljun[33] ċittadin Ewropew; billi din l-industrija hija magħmula minn madwar 423 000[34] kumpanija Ewropea, li minnhom 11 %[35] huma SMEs u 88,8 %[36] huma impriżi mikro b'inqas minn 10 impjegati, li spiss quddiemhom isibu kompetizzjoni ħarxa mill-pajjiżi mhux membri tal-UE; billi leġiżlazzjoni koerenti hija kruċjali biex jiġi evitat li jinħoloq suq frammentat li jista' jkollu impatt negattiv fuq is-settur, b'mod partikolari fuq l-impriżi mikro u l-SMEs;

H. billi l-ktajjen tal-provvista kumplessi u frammentati ħafna fis-settur tal-ħwejjeġ fil-livell globali jkomplu jikkumplikaw il-ħidma tal-awtoritajiet ta' sorveljanza tas-suq, tal-assoċjazzjonijiet tal-konsumaturi u tar-rivendituri, billi s-settur tal-produzzjoni tat-tessuti diġà kien suġġett għal pressjonijiet qawwijin minħabba dumping ambjentali u soċjali, b'riżultat tal-kostijiet tal-produzzjoni baxxi u standards ambjentali fil-pajjiżi terzi u billi dan kien aggravat mill-pandemija tal-COVID-19 li matulha ħarġu fid-dieher ċerti każijiet ta' prattiki abbużivi li involvew ditti internazzjonali u l-fornituri u l-ħaddiema tagħhom;

I. billi l-partijiet ikkonċernati tas-settur huma mħeġġa japplikaw l-prinċipji gwida tal-Bauhaus Ewropea l-Ġdida, jiġifieri sostenibbiltà, inklużjoni u estetika, għat-tranżizzjoni tal-ekosistema tat-tessuti, peress li l-konnessjoni bejn il-kreattività, l-arti u x-xjenza tista' tgħin biex jinħoloq impatt pożittiv;

---

[26] https://changingmarkets.org/wp-content/uploads/2021/01/FOSSIL-FASHION_Web-compressed.pdf
[27] https://publications.jrc.ec.europa.eu/repository/handle/JRC125110
[28] https://www.eea.europa.eu/publications/eu-exports-of-used-textiles
[29] https://euratex.eu/wp-content/uploads/EURATEX_FactsKey_Figures_2022rev-1.pdf
[30] https://euratex.eu/wp-content/uploads/EURATEX_FactsKey_Figures_2022rev-1.pdf
[31] https://euratex.eu/wp-content/uploads/EURATEX_FactsKey_Figures_2022rev-1.pdf
[32] https://euratex.eu/wp-content/uploads/EURATEX_FactsKey_Figures_2022rev-1.pdf
[33] https://euratex.eu/wp-content/uploads/EURATEX_FactsKey_Figures_2022rev-1.pdf
[34] https://euratex.eu/wp-content/uploads/EURATEX_FactsKey_Figures_2022rev-1.pdf
[35] https://euratex.eu/wp-content/uploads/EURATEX_FactsKey_Figures_2022rev-1.pdf
[36] https://euratex.eu/wp-content/uploads/EURATEX_FactsKey_Figures_2022rev-1.pdf

J. billi, skont is-sitt valutazzjoni tal-Grupp Intergovernattiv ta' Esperti dwar it-Tibdil fil-Klima[37], biex jiġi limitat it-tisħin għal madwar 1,5 °C hemm bżonn li l-emissjonijiet globali ta' gassijiet serra jitnaqqsu bi 43 % taħt il-livelli tal-2019 sal-2030; billi l-produzzjoni u l-konsum tat-tessuti għandhom impatti negattivi fuq l-ambjent f'termini ta' emissjonijiet ta' gassijiet serra, tniġġis kimiku, telfien tal-bijodiversità, użu tar-riżorsi naturali tal-ilma u tal-art, u l-volum ta' skart tat-tessuti li jintbagħat fil-landfills, li jirrappreżenta r-raba' l-akbar impronta ambjentali;

K. billi t-tranżizzjoni lejn ekonomija ta' benesseri u l-iżvilupp ta' indikaturi li jkejlu l-progress ekonomiku, soċjali u ambjentali "lil hinn mill-PDG" huma parti integrali tat-Tmien Programm ta' Azzjoni Ambjentali tal-UE; billi wieħed mill-objettivi prijoritarji tat-Tmien Programm ta' Azzjoni Ambjentali huwa l-progress lejn ekonomija ta' benesseri li tagħti lura lill-pjaneta aktar milli tieħu u li tħaffef it-tranżizzjoni lejn ekonomija ċirkolari mingħajr sustanzi tossiċi; billi t-Tmien Programm ta' Azzjoni Ambjentali jirrikonoxxi li l-benesseri u l-prosperità tal-bniedem jiddependu minn ekosistemi sani u mit-tnaqqis b'mod sinifikanti tal-impronti tal-materjali u tal-konsum tal-Unjoni biex jinġiebu mill-aktar fis possibbli fi ħdan il-limiti tal-pjaneta;

L. billi skont stimi bejn 16 u 35 %[38] tal-mikroplastiks rilaxxati fl-oċeani fuq livell dinji ġejjin minn tessuti sintetiċi, li jfisser li bejn 200 000 u 500 000 tunnellata[39] mikroplastiks jidħlu fl-ambjent tal-baħar globali kull sena;

M. billi s-sustanzi kimiċi ta' riskju użati fil-manifattura tat-tessuti jagħmlu ħsara kemm lill-ambjent kif ukoll lill-persuni, u 20 %[40] tat-tniġġis tat-totalità tal-ilma nadif huwa kkawżat minn żebgħa u minn sustanzi kimiċi użati fl-industrija tat-tessuti; billi s-sustanzi kimiċi tossiċi ħafna, pereżempju s-sustanzi per- u polifluworoalkilati (PFAS), ikomplu jiżvolġu rwol fil-produzzjoni tat-tessuti; billi l-PFAS huma preżenti u xi kultant neċessarji fil-prodotti tat-tessuti li jikkostitwixxu użu essenzjali, pereżempju fl-ilbies għall-protezzjoni kontra l-inċidenti; billi ħafna prodotti, inklużi l-prodotti tat-tessuti, mibjugħa lill-konsumaturi Ewropej ma jikkonformawx mal-leġiżlazzjoni tal-UE dwar is-sustanzi kimiċi, pereżempju r-Regolament REACH[41]; billi fil-komunikazzjoni intitolata "Strateġija dwar is-Sustanzi Kimiċi għas-Sostenibbiltà: Lejn Ambjent Ħieles mit-Tossiċità" tagħha, il-Kummissjoni impenjat ruħha li tnaqqas sal-minimu l-preżenza ta' sustanzi fil-prodotti tat-tessuti li jqajmu tħassib permezz tal-introduzzjoni ta' rekwiżiti ġodda;

N. billi s-settur tat-tessuti juża l-partijiet mhux magħmulin mit-tessuti ta' oriġini mill-annimali, u l-annimali spiss huma mnissla speċifikament għal dan l-iskop, anki fil-pajjiżi li għandhom leġiżlazzjoni inadegwata fil-qasam tat-trattament xieraq tal-annimali;

O. billi l-ugwaljanza bejn il-ġeneri hija prinċipju fundamentali tal-UE, minqux fit-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea (TUE)[42], fit-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea

---

[37] https://www.ipcc.ch/report/ar6/wg3/downloads/report/IPCC_AR6_WGIII_SPM.pdf
[38] https://www.eea.europa.eu/publications/microplastics-from-textiles-towards-a.
[39] https://www.eea.europa.eu/publications/microplastics-from-textiles-towards-a.
[40] https://www.europarl.europa.eu/news/en/headlines/society/20201208STO93327/the-impact-of-textile-production-and-waste-on-the-environment-infographic
[41] https://www.greenpeace.de/publikationen/S04261_Konsumwende_StudieEN_Mehr%20Schein_v9.pdf
[42] L-Artikoli 2 u 3(3) tat-TUE, l-Artikolu 8 tat-TFEU u l-Artikolu 23 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-

(TFUE) u fil-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea; billi l-Għan nru 5 tal-Għanijiet ta' Żvilupp Sostenibbli tan-Nazzjonijiet Uniti huwa "Ugwaljanza bejn il-Ġeneri", l-Għan nru 8 huwa "Xogħol deċenti u Tkabbir Ekonomiku" u l-Għan nru 12 huwa "Konsum u Produzzjoni Responsabbli"; billi fl-istrateġija tagħha tal-ugwaljanza bejn il-ġeneri għall-2020-2025, il-Kummissjoni impenjat ruħha li tintegra perspettiva tal-ugwaljanza bejn il-ġeneri fl-aspetti kollha u fil-livelli kollha tat-tfassil tal-politiki, iżda dan l-aspett mhuwiex kopert b'mod adegwat fl-Istrateġija għat-Tessuti;

P. billi n-nisa jikkostitwixxu madwar 80 % tal-forza tax-xogħol globali fis-settur tal-ħwejjeġ[43]; billi l-maġġoranza tal-ħaddiema li taqla' pagi baxxi fis-settur tat-tessuti kemm fl-Unjoni[44] kif ukoll fil-pajjiżi terzi hija magħmula minn nisa, u s-salarju tagħhom jikkontribwixxi b'mod sinifikanti għall-introjtu tal-familji u għat-tnaqqis tal-faqar[45]; billi l-ħaddiema tal-ħwejjeġ jirċievu biss, bħala medja, 1-3 % tal-prezz finali bl-imnut tal-ħwejjeġ[46]; billi l-pagi baxxi, flimkien mal-iskarsezza jew mal-assenza ta' protezzjoni soċjali, jagħmlu lin-nisa u lit-tfal partikolarment vulnerabbli għall-isfruttament, għall-ksur tad-drittijiet tal-bniedem, għall-vjolenza fuq il-post tax-xogħol u għall-fastidju sesswali, għan-nuqqas ta' aċċess għall-assistenza fil-qasam tas-saħħa, għad-diskriminazzjoni bejn il-ġeneri, inkluża d-diskriminazzjoni minħabba t-tqala, bi ftit jew xejn opportunitajiet ta' rimedju jew rikorsi; billi 189 Stat iffirmaw u rratifikaw il-Konvenzjoni tan-Nazzjonijiet Uniti dwar l-Eliminazzjoni ta' Kull Forma ta' Diskriminazzjoni kontra n-Nisa (CEDAW), li tgħid li d-diskriminazzjoni kontra n-nisa "tikser il-prinċipji tal-ugwaljanza tad-drittijiet u r-rispett għad-dinjità tal-bniedem";

Q. billi n-nisa ġeneralment għandhom aċċess għal firxa idjaq ta' impjiegi u kompiti, u jħabbtu wiċċhom ma' segregazzjoni orizzontali u vertikali; billi n-nisa jġarrbu wkoll diskriminazzjoni diretta u indiretta abbażi tal-ġeneru b'riżultat tal-iżbilanċi ta' poter bejn forza tax-xogħol komposta l-aktar min-nisa u strutturi maniġerjali li fihom jippredominaw l-irġiel, b'għadd sproporzjonat ta' rġiel f'pożizzjonijiet ta' tmexxija, maniġerjali u ta' livell medju;

R. billi globalment huwa iktar probabbli li n-nisa u l-bniet ikunu jiddependu finanzjarjament mis-setturi vulnerabbli mil-lat tal-klima u mir-riżorsi naturali[47] u spiss huma esposti għal fatturi u ostakli addizzjonali speċifiċi għall-ġeneru li b'mod konsistenti jagħmluhom aktar vulnerabbli għall-impatti tat-tibdil fil-klima u d-diżastri;

S. billi d-drittijiet tal-bniedem, l-ambjent u t-tibdil fil-klima huma strettament interkonnessi; billi d-drittijiet tal-bniedem ma jistgħux jiġu eżerċitati mingħajr ambjent u klima li ma jagħmlux ħsara lis-saħħa;

***Strateġija tal-Unjoni***

---

Unjoni Ewropea.

[43] Parlament Ewropew, Direttorat Ġenerali għas-Servizzi ta' Riċerka Parlamentari, "Textile workers in developing countries and the European fashion industry: Towards sustainability?" (Il-ħaddiema tat-tessuti fil-pajjiżi li qed jiżviluppaw u l-industrija tal-moda Ewropea: lejn is-sostenibbiltà?), 24 ta' Lulju 2020.

[44] https://cleanclothes.org/file-repository/exploitation-made.pdf/view.

[45] https://www.ilo.org/wcmsp5/groups/public/---asia/---ro-bangkok/documents/publication/wcms_848624.pdf.

[46] Clean Clothes Campaign, "Another wage is possible: A cross-border base living wage in Europe" (Paga oħra hija possibbli: paga ta' bażi transfruntiera dinjituża fl-Ewropa).

[47] https://www.oecd.org/environment/making-climate-finance-work-for-women.htm.

1. Jilqa’ l-komunikazzjoni tal-Kummissjoni dwar Strateġija tal-UE għal Tessuti Sostenibbli u Ċirkolari u l-viżjoni li tippreżenta għall-2030; jisħaq li l-azzjonijiet wara l-pubblikazzjoni tal-Istrateġija għandhom ikunu allinjati bis-sħiħ mal-objettivi klimatiċi u ambjentali tal-Unjoni, b’mod partikolari dawk li tinkiseb in-newtralità klimatika sa mhux aktar tard mill-2050, li jitwaqqaf u jitreġġa’ lura t-telfien tal-bijodiversità, kif ukoll l-isforzi li jinkiseb tniġġis żero għal ambjent ħieles mis-sustanzi tossiċi;

2. Jisħaq ukoll li l-azzjonijiet wara l-pubblikazzjoni tal-istrateġija għandhom ikunu kompletament konformi mal-impenji internazzjonali tal-Unjoni, inklużi l-Ftehim ta’ Pariġi, il-Qafas Globali tal-Bijodiversità Kunming-Montreal u l-Għanijiet ta’ Żvilupp Sostenibbli;

3. Jissottolinja li l-mixja lejn tessuti sostenibbli u ċirkolari tirrikjedi approċċ olistiku li progressivament ikopri l-katina tal-valur kollha tal-prodotti tat-tessuti; jenfasizza l-importanza li jiġu żgurati sinerġiji bejn l-Istrateġija għat-Tessuti u l-istrateġiji industrijali tal-Unjoni, sabiex tiġi żgurata t-tranżizzjoni lejn mudelli ta’ negozju u prodotti sostenibbli u ċirkolari bi standards għoljin għall-protezzjoni tas-saħħa tal-bniedem, id-drittijiet tal-bniedem u l-ambjent, filwaqt li jissaħħu l-kompetittività u r-reżiljenza tal-ekosistemi tat-tessuti sostenibbli; jinnota li l-Istrateġija għat-Tessuti tikkontribwixxi għat-tranżizzjoni doppja ekoloġika u diġitali;

4. Jilqa’ l-fatt li t-tessuti ġew identifikati bħala kategorija ta’ prodotti ta’ prijorità għal azzjoni skont il-Pjan ta’ Azzjoni dwar l-Ekonomija Ċirkolari; jistieden lill-Kummissjoni tistabbilixxi miri speċifiċi għat-tessuti biex tinkiseb il-konformità mal-Istrateġija għall-Bijodiversità għall-2030;

5. Jappella sabiex l-Aġenzija Ewropea għall-Ambjent (EEA) tingħata r-rwol u r-riżorsi biex timmonitorja u tivvaluta jekk il-miżuri meħuda fl-qafas tal-Istrateġija għat-Tessuti humiex biżżejjed għall-objettivi deskritti, inklużi l-miri kwantitattivi, l-indikaturi tal-progress u l-viżjoni globali għall-2030; iqis li l-progress fir-rigward ta’ dawk l-indikaturi għandu jiġi mmonitorjat mill-inqas kull sentejn; jitlob lill-EEA tivvaluta l-lakuni fil-politika u tipprovdi għażliet għal aktar titjib fil-politika;

6. Jirrikonoxxi l-urġenza li jiġi żgurat li l-prodotti tat-tessuti mqiegħda fis-suq tal-UE jkunu b’ħajja twila, riutilizzabbli, riċiklabbli u jistgħu jissewwew, u jkunu magħmula fil-parti kbira tagħhom minn fibri riċiklati, u jkunu ħielsa minn sustanzi perikolużi; jissottolinja li l-prodotti tat-tessuti għandhom jiġu prodotti b’mod li jirrispetta d-drittijiet tal-bniedem d-drittijiet u soċjali, l-ambjent u l-benesseri tal-annimali;

7. Jesprimi t-tħassib tiegħu li l-miżuri identifikati fl-Istrateġija tal-UE jafu ma jkunux biżżejjed biex jissodisfaw l-objettiv tal-2030 u jistieden lill-Kummissjoni tiżgura li jittieħdu l-miżuri kollha meħtieġa, inklużi miżuri leġiżlattivi u mhux leġiżlattivi addizzjonali għal dawk identifikati fl-istrateġija, biex tinkiseb il-viżjoni tal-2030 espressa fl-Istrateġija għat-Tessuti; jissottolinja li l-miżuri adottati għandhom jagħtu prijorità lill-prevenzjoni tal-iskart f’konformità mal-ġerarkija tal-iskart;

8. Jisħaq għalhekk fuq l-importanza li tiġi żgurata koerenza li jiġi definit b’mod ċar il-kamp ta’ applikazzjoni tal-biċċiet kollha ta’ leġiżlazzjoni li se jiġu adottati taħt l-istrateġija, sabiex jiġu żgurati ċ-ċertezza tad-dritt u l-prevedibbiltà fis-suq uniku;

9. Jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jadottaw miżuri biex iġibu fi tmiemha l-moda mgħaġġla, peress li l-livelli attwali ta' produzzjoni u konsum huma insostenibbli; jistieden lill-Kummissjoni, b'kollaborazzjoni mal-Istati Membri u b'konsultazzjoni mar-riċerkaturi, is-soċjetà ċivili u l-partijiet ikkonċernati tal-industrija, tistabbilixxi definizzjoni ċara tal-moda mgħaġġla, li hija bbażata fuq volumi għoljin ta' ħwejjeġ ta' kwalità aktar baxxa b'livelli ta' prezzijiet baxxi; jilqa' l-inkoraġġiment fl-Istrateġija għat-Tessuti biex in-negozji jnaqqsu l-għadd ta' kollezzjonijiet fis-sena; jisħaq fuq il-ħtieġa, b'mod partikolari, għal miżuri biex jitnaqqas l-użu globali tal-materjali primarji u l-produzzjoni żejda tat-tessuti;

10. Jissottolinja l-ħtieġa għal bidla tas-sistema fl-industrija tal-moda biex jintemmu l-produzzjoni żejda u l-konsum insostenibbli, u biex b'hekk il-moda mgħaġġla ma tibqax moda; jinkoraġġixxi l-produzzjoni u l-konsum ta' moda etika sostenibbli; jemmen li l-Istrateġija għat-Tessuti u l-miżuri previsti għandhom jindirizzaw aħjar il-produzzjoni żejda u l-konsum żejjed;

11. Itenni l-ħtieġa ta' diżakkoppjament assolut tat-tkabbir mill-użu tar-riżorsi fis-settur tat-tessuti u t-talba tiegħu lill-Kummissjoni biex tipproponi miri vinkolanti tal-UE għall-2030 biex jitnaqqsu b'mod sinifikanti l-impronti tal-materjali u tal-konsum tal-UE u jinġiebu fil-limiti tal-pjaneta sal-2050, bl-użu tal-indikaturi adottati bħala parti mill-qafas ta' monitoraġġ aġġornat; jistieden lill-Kummissjoni tipproponi miri komprensivi bbażati fuq ix-xjenza għas-settur tat-tessuti mingħajr dewmien, sabiex titkejjel it-tranżizzjoni tas-settur għaċ-ċirkolarità, inkluż dwar l-użu tal-materja prima; itenni t-talba tiegħu biex il-miri tal-UE jiġu stabbiliti permezz ta' approċċ ta' estrapolazzjoni biex jiġi żgurat li l-objettivi tal-politika jkunu fi triq kredibbli biex tinkiseb ekonomija newtrali f'termini ta' emissjonijiet tal-karbonju, ambjentalment sostenibbli, mingħajr sustanzi tossiċi u kompletament ċirkolari fil-limiti tal-pjaneta sa mhux aktar tard mill-2050;

12. Jisħaq fuq il-ħtieġa li l-konsumaturi jiġu appoġġjati biex jitbiegħdu mill-moda mgħaġġla u l-livell għoli ta' konsum tal-ħwejjeġ u biex jagħmlu għażliet informati u sostenibbli tal-konsum tat-tessuti; jissottolinja li ż-żieda fis-sostenibbiltà tat-tessuti, bħat-titjib fid-durabbiltà tagħhom, għandha impatt sinifikanti fuq l-ambjent, filwaqt li fl-istess ħin toħloq opportunitajiet ta' ffrankar ta' kostijiet għall-konsumaturi; jenfasizza l-ħtieġa li jiġi żgurat li l-ħwejjeġ u ż-żraben ta' kwalità għolja, durabbli u sostenibbli jkunu affordabbli; jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jadottaw miżuri biex jitnaqqas ir-reklamar aggressiv u falz; jistieden ukoll lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jiżviluppaw u jimplimentaw programmi ta' sensibilizzazzjoni dwar il-konsum sostenibbli u l-impatti tal-klima, ambjentali, tas-saħħa u soċjali tal-industrija tat-tessuti u tal-ħwejjeġ, b'kollaborazzjoni mar-riċerkaturi, mas-soċjetà ċivili u mal-partijiet ikkonċernati tal-industrija; iqis li l-kampanji u l-programmi għandhom jagħmlu użu minn riċerka aġġornata dwar l-imġiba tal-konsumatur;

13. Jenfasizza l-ħtieġa li nifhmu aħjar l-impatt tas-swieq online u tal-pjattaformi tal-media soċjali biex jixprunaw il-konsum tat-tessuti u l-użu tagħhom ta' prattiki bħar-reklamar immirat u l-ħolqien ta' inċentivi b'opzjonijiet ta' xiri u ħlas aktar tard, trasport u redditi mingħajr ħlas, u skontijiet kwantitattivi; jistieden lill-Kummissjoni tivvaluta l-għażliet ta' politika biex tnaqqas tali prattiki u tippermetti lill-konsumaturi jillimitaw l-esponiment tagħhom għal din il-forma ta' reklamar; jisħaq fuq il-ħtieġa li jinħolqu

inċentivi għall-konsumatur għal konsum sostenibbli;

14. Jiġbed l-attenzjoni għall-fatt li l-importazzjonijiet ta' prodotti mhux konformi mibjugħa permezz ta' pjattaformi online u servizzi diġitali oħra huma mifruxa, u jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jiżguraw li l-prodotti tat-tessuti mibjugħa minn dawk il-fornituri tas-servizzi jikkonformaw mad-dritt tal-UE; jappella sabiex is-swieq online jiġu inklużi fid-definizzjonijiet tat-tipi ta' operaturi ekonomiċi li l-awtoritajiet tas-sorveljanza tas-suq jistgħu jieħdu azzjoni kontra tagħhom;

15. Iħeġġeġ lill-Kummissjoni tiżgura qafas ċar dwar il-kwistjoni tar-responsabbiltà fil-leġiżlazzjoni tal-UE u tiżgura li l-pjattaformi online u s-servizzi diġitali ma jiffaċilitawx l-importazzjoni ta' prodotti tat-tessuti mhux konformi fis-suq intern;

***Impatti ambjentali u klimatiċi***

16. Jesprimi tħassib għall-fatt li mill-perspettiva tal-konsum, matul iċ-ċiklu tal-ħajja tagħhom, it-tessuti għandhom bħala medja r-raba' l-ogħla impatt negattiv fuq il-klima u l-ambjent, wara l-ikel, l-akkomodazzjoni u l-mobilità[48]; jirrimarka li fl-2020, is-settur tat-tessuti kien responsabbli għat-tielet l-ogħla impatt fuq l-użu tal-ilma u tal-art u l-ħames l-ogħla impatt fuq l-użu tal-materja prima u l-emissjonijiet ta' gassijiet serra[49];

17. Jisħaq fuq il-ħtieġa li jitnaqqas l-impatt tal-istadji tal-manifattura u tal-ipproċessar bit-tixrib fejn iseħħ 60 %[50] tal-impatt klimatiku;

18. Ifakkar fil-ħtieġa li tiġi promossa ċ-ċirkolarità u li jiġi implimentat approċċ taċ-ċiklu tal-ħajja li jqis il-katina tal-valur kollha, filwaqt li jiżgura l-produzzjoni u l-użu ta' tessuti li jkunu aktar durabbli, riutilizzabbli, riċiklabbli u effiċjenti fl-użu tal-enerġija u li jistgħu jissewwew;

19. Jistieden lill-Kummissjoni tipproponi leġiżlazzjoni ulterjuri għad-dekarbonizzazzjoni sħiħa tal-industrija b'mod progressiv, billi tibda bi trasparenza sħiħa dwar l-emissjonijiet tal-ambiti 1 u 2 u, fejn rilevanti, aktar trasparenza dwar l-emissjonijiet tal-ambitu 3, fil-ktajjen tal-provvista u tal-valur tat-tessuti, u tistabbilixxi miri ambizzjużi bbażati fuq ix-xjenza sa mhux aktar tard mill-2025 għat-tnaqqis tal-emissjonijiet tal-gassijiet b'effett serra fis-settur tat-tessuti, li jkopru ċ-ċiklu tal-ħajja kollu tagħhom, inklużi l-emissjonijiet tal-materja prima, f'konformità mal-għan tal-Ftehim ta' Pariġi li t-tisħin globali jinżamm għal 1,5 °C 'il fuq mit-temperaturi preindustrijali, li jirriflettu l-ekwità u l-prinċipju tar-responsabbiltajiet komuni iżda differenzjati u l-kapaċitajiet rispettivi; ifakkar li madwar 70 % tal-emissjonijiet relatati mal-konsum tat-tessuti tal-Unjoni jseħħu barra mill-UE[51]; jappella għal informazzjoni u żvelar aktar robusti dwar l-impatti klimatiċi u ambjentali, inklużi dawk fuq il-bijodiversità;

20. Jilqa' l-fatt li bħalissa għaddej rieżami tad-Dokument ta' Referenza tal-Aqwa Tekniki Disponibbli (BREF) għall-industrija tat-tessuti; jisħaq li dan ir-rieżami għandu jirrifletti bis-sħiħ l-aħjar data disponibbli u jikkontribwixxi għall-kisba ta' livell għoli ta'

---

48 https://www.eea.europa.eu/publications/textiles-and-the-environment-the
49 https://www.eea.europa.eu/publications/textiles-and-the-environment-the
50 https://unfccc.int/sites/default/files/resource/20_REP_UN%20FIC%20Playbook_V7.pdf
51 https://www.eea.europa.eu/publications/textiles-in-europes-circular-economy

prestazzjoni ambjentali;

21. Jistieden lill-Kummissjoni, lis-SEAE u lill-Istati Membri jipprovdu appoġġ rilevanti lil pajjiżi terzi biex jgħinu fid-dekarbonizzazzjoni tal-ktajjen tal-provvista tat-tessuti;

22. Jistieden lill-Kummissjoni tiffaċilita djalogi u sħubijiet dwar il-klima speċifiċi għas-settur mal-partijiet ikkonċernati fil-qasam tat-tessuti biex tħeġġeġ it-tfassil ta' pjanijiet direzzjonali volontarji, f'konformità mal-Liġi Ewropea dwar il-Klima (ir-Regolament (UE) 2021/1119[52]);

23. Jesprimi tħassib dwar l-użu tal-ilma tas-settur tat-tessuti u t-tniġġis ikkawżat mit-tiżbigħ tat-tessuti; ifakkar li 20 % tat-tniġġis globali tal-ilma jiġi mit-tiżbigħ u mill-irfinar tal-prodotti tat-tessuti[53]; jistieden lill-Kummissjoni tistabbilixxi miri ambizzjużi, ibbażati fuq ix-xjenza u obbligatorji biex titnaqqas progressivament l-impronta tal-ilma tal-industrija tat-tessuti; jappella lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri biex jinċentivaw l-iżvilupp ta' proċessi li jużaw inqas enerġija u l-ilma b'mod inqas intensiv, u biex jevitaw l-użu u r-rilaxx ta' sustanzi dannużi; jisħaq fuq l-importanza tar-riċerka u l-innovazzjoni, b'mod partikolari f'forom ġodda ta' fibri riċiklabbli sostenibbli li jirrikjedu inqas ilma, kif ukoll fl-iżvilupp ta' alternattivi għall-użu konvenzjonali tas-sustanzi kimiċi, l-użu mill-ġdid tal-ilma permezz tal-iżvilupp ta' teknoloġiji għat-trattament tal-ilma mormi, u biex jitnaqqas il-konsum tal-enerġija u tal-ilma fil-proċess tal-produzzjoni; jistieden lill-Kummissjoni tindirizza l-użu tal-ilma u t-tniġġis ikkawżat mit-tiżbigħ u l-irfinar, fi ħdan ir-Regolament dwar l-Ekodisinn;

24. Ifakkar li aktar minn 200 miljun siġra jinqatgħu kull sena bl-iskop li jiġu pproċessati f'tessuti ċellulożiċi bħall-visk u r-rayon, u li sa 30 % tal-visk u r-rayon użati fl-industrija tal-moda ġej minn foresti fil-periklu u antiki li żmien ilu fihom kienu jgħixu pjanti u annimali nattivi[54]; ifakkar, barra minn hekk, li fil-Brażil l-ikklerjar tal-art għat-trobbija tal-baqar, li mbagħad jinqatlu għall-ikel u l-moda, huwa responsabbli għal 80 % tad-deforestazzjoni tal-Amażonja[55]; jenfasizza li r-regolament il-ġdid tal-UE dwar il-prodotti mingħajr deforestazzjoni se jinkludi wkoll il-ġilda.

25. Jilqa' l-fatt li l-istrateġija tagħmel rabta bejn il-moda mgħaġġla u l-użu ta' fibri sintetiċi bbażati fuq il-fjuwils fossili, li min-naħa tagħhom għandhom implikazzjonijiet kbar għat-tniġġis mill-mikroplastik u n-nanoplastik; jirrimarka li l-mikroplastiks jirrilaxxaw sustanzi niġġiesa klimatiċi bħall-metan u l-etilen fl-ambjent, filwaqt li jikkontribwixxu għat-tibdil fil-klima, u li l-mikroplastiks jimminaw ir-reżiljenza tal-oċeani u tal-ambjent b'mod ġenerali;

26. Jirrimarka li l-mikroplastiks u n-nanoplastiks jista' jkollhom ukoll impatt fuq is-saħħa tal-bniedem; jiġbed l-attenzjoni għall-esponiment għal sustanzi kimiċi li jfixklu s-sistema endokrinali kkawżati mill-mikroplastiks;

27. Jissottolinja l-ħtieġa li jitkomplew ir-riċerka u l-ġbir ta' data dwar kif il-mikrofibri, il-

[52] Ir-Regolament (UE) 2021/1119 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-30 ta' Ġunju 2021 li jistabbilixxi l-qafas biex tinkiseb in-newtralità klimatika u li jemenda r-Regolamenti (KE) Nru 401/2009 u (UE) 2018/1999 (ĠU L 243, 9.7.2021, p. 1).
[53] https://www.eea.europa.eu/publications/textiles-in-europes-circular-economy.
[54] https://www.sustainably-chic.com/blog/how-the-fashion-industry-contributes-to-deforestation
[55] https://www.collectivefashionjustice.org/articles/leather-lobbying-and-deforestation

mikroplastiks u n-nanoplastiks mill-industrija tat-tessuti jħallu impatt fuq l-ambjent, il-klima u s-saħħa tal-bniedem;

28. Jistieden lill-Kummissjoni tippreżenta malajr l-inizjattiva dwar it-tnaqqis tal-mikroplastiks rilaxxati b'mod mhux intenzjonat, ħaġa li ġiet imtawla wisq; jenfasizza l-importanza li l-problema tiġi indirizzata fis-sors u li jiġi kopert iċ-ċiklu tal-ħajja kollu; jitlob li jiġu stabbiliti miri u miżuri ċari għall-prevenzjoni u l-minimizzazzjoni tar-rilaxx tal-mikroplastiks u n-nanoplastiks u l-mikrofibri fl-ambjent, li jkopru kemm ir-rilaxx mhux intenzjonat kif ukoll dak intenzjonat; iqis li r-rekwiżiti tal-ekodisinn għandhom jiffavorixxu t-tessuti li abbażi ta' għarfien xjentifiku, għandhom it-tendenza li jirrilaxxaw inqas mikroplastiks u mikrofibri;

29. Jissottolinja li t-tniġġis mill-mikroplastiks u min-nanoplastiks spiss jiġi kkawżat mill-proċessi tat-tiżbigħ u tal-ħasil tat-tessuti sintetiċi, peress li l-mikrofibri sintetiċi jiġu rilaxxati fl-ilma mormi; jirrimarka, f'dan il-kuntest, li l-biċċa l-kbira tal-mikroplastiks mit-tessuti jiġu rilaxxati matul l-ewwel ħames sa għaxar ħasliet, ħaġa li ssaħħaħ ir-rabta bejn it-tniġġis tal-moda mgħaġġla u dak tal-mikroplastik[56]; jisħaq li huma meħtieġa miżuri biex jitnaqqas l-ammont ta' mikroplastiks rilaxxati matul l-ipproċessar industrijali bit-tixrib u l-ħasil u t-tnixxif mill-industrija u l-konsumaturi;

30. Jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jappoġġjaw ir-riċerka fl-impatti tal-mikroplastiks u n-nanoplastiks, kif ukoll tat-tixrid tal-mikrofibra b'mod ġenerali, inkluż permezz tal-innovazzjoni biex b'hekk jiġi evitat ir-rilaxx tal-mikrofibra u tal-mikroplastik f'kull stadju taċ-ċiklu tal-ħajja;

31. Jissottolinja l-importanza li jiġu żviluppati ċikli ta' materjali mhux tossiċi għat-tranżizzjoni lejn ekonomija ċirkolari u newtrali għall-klima; itenni l-appell biex jingħalqu l-lakuni fil-qafas legali attwali dwar is-sustanzi kimiċi, filwaqt li tingħata prijorità lill-prodotti li l-konsumaturi jiġu f'kuntatt mill-qrib u frekwenti magħhom, bħat-tessuti; jiddispjaċih dwar il-fatt li f'diversi proċessi tal-produzzjoni tat-tessuti jintużaw b'mod wiesa' sustanzi kimiċi perikolużi u dawn għandhom impatti serji fuq l-ambjent u fuq il-ħaddiema, u jistgħu jibqgħu fil-ħwejjeġ u t-tessuti domestiċi; iqis li kwalunkwe użu ta' sustanzi kimiċi dannużi jeħtieġ li jiġi pprevenut jew li jitnaqqas għal livelli li ma jibqgħux dannużi għas-saħħa tal-bniedem u għall-ambjent; jafferma mill-ġdid li, skont il-ġerarkija tal-iskart, kif definita fid-Direttiva Qafas dwar l-Iskart, il-prevenzjoni tieħu prijorità fuq ir-riċiklaġġ u li, għaldaqstant, ir-riċiklaġġ m'għandux jiġġustifika t-tkomplija tal-użu ta' sustanzi li ħallu effett dannuż; jisħaq li t-tessuti għandhom ikunu sikuri, sostenibbli u ċirkolari mid-disinn;

32. Jiddispjaċih dwar il-fatt li l-Istrateġija dwar is-Sustanzi Kimiċi għas-sostenibbiltà qed tiġi implimentata bil-mod, u, b'mod partikolari, jistenna li r-Regolament REACH jiġi rivedut; iħeġġeġ lill-Kummissjoni tadotta l-proposta mingħajr aktar dewmien u twettaq l-impenn tagħha li tissostitwixxi kemm jista' jkun jew inkella timminimizza s-sustanzi ta' tħassib fil-prodotti tat-tessuti mqiegħda fis-suq tal-UE; jissottolinja l-ħtieġa ta' armonizzazzjoni akbar tar-Regolament REACH mal-prinċipji tal-ekonomija ċirkolari fir-rigward tal-ispeċifiċitajiet tas-settur tat-tessuti, partikolarment biex jiġi eliminat gradwalment l-użu ta' sustanzi kimiċi perikolużi, tiġi żvelata informazzjoni dwar is-sustanzi kimiċi użati fil-prodotti u tiġi żgurata t-traċċabbiltà; jenfasizza li l-

[56] https://www.eea.europa.eu/publications/microplastics-from-textiles-towards-a

eliminazzjoni gradwali ta' sustanzi kimiċi perikolużi ssaħħaħ is-swieq tal-materja prima sekondarja;

33. Jesprimi tħassib dwar il-fatt li madwar 60 sustanza kimika fi prodotti tat-tessuti mqiegħda fis-suq tal-UE jitqiesu bħala karċinoġeniċi, mutaġeni jew tossiċi għar-riproduzzjoni; jenfasizza l-importanza li titkompla r-riċerka dwar is-sustanzi kimiċi użati fit-tessuti, inkluż l-impatt tagħhom fuq ir-riċiklabbiltà tat-tessuti; ifakkar fl-impenn tal-Kummissjoni fl-Istrateġija dwar is-Sustanzi Kimiċi għas-Sostenibbiltà li tiżgura li l-prodotti għall-konsumatur ma jkunx fihom sustanzi kimiċi li jikkawżaw il-kanċer u mutazzjonijiet tal-ġeni, jew li jaffettwaw is-sistema riproduttiva jew is-sistema endokrinali, jew ikunu persistenti u bijoakkumulattivi; iħeġġeġ lill-Kummissjoni timplimenta dan l-impenn mingħajr dewmien, inkluż permezz tal-adozzjoni tal-miżuri leġiżlattivi meħtieġa; jenfasizza li l-esponiment għall-interferenti endokrinali jista' jkollu diversi effetti dannużi fuq is-saħħa billi jolqot organi u sistemi differenti fil-ġisem tal-bniedem u jista' jinterrompi proċessi metaboliċi oħra regolati b'mod ormonali, iżda hemm nuqqas ta' qafas speċifiku dwar l-interferenti endokrinali fit-tessuti;

34. Jisħaq li l-PFAS urew li huma estremament persistenti fl-ambjent u kemm il-produzzjoni kif ukoll l-użu tagħhom irriżultaw f'kontaminazzjoni severa tal-ħamrija, tal-ilma u tal-ikel; jenfasizza li l-PFAS jintużaw b'mod wiesa' u komuni fl-industrija tat-tessuti; jitlob, għalhekk, li jkun hemm regolamentazzjoni stretta tal-PFAS fit-tessuti;

*Ċirkolari mid-disinn*

35. Jilqa' l-proposta għal regolament dwar l-ekodisinn għal prodotti sostenibbli; jilqa' l-valutazzjoni tal-Kummissjoni dwar it-tessuti u ż-żraben bħala grupp ta' prodotti prijoritarju li għandhom potenzjalment jiġu rregolati skont ir-Regolament dwar l-Ekodisinn; jisħaq li r-rekwiżiti tal-ekodisinn għall-prodotti kollha tat-tessuti u ż-żraben għandhom jiġu adottati bħala prijorità;

36. Jisħaq li r-rekwiżiti tal-ekodisinn għandhom jindirizzaw is-settur tat-tessuti b'mod komprensiv fil-parametri kollha tal-prodotti; jistieden lill-Kummissjoni tiżgura li jiġu analizzati l-kompromessi bejn aspetti differenti tal-prodott; jissottolinja li r-rekwiżiti tal-ekodisinn għandhom jindirizzaw b'mod effettiv il-produzzjoni żejda u l-konsum żejjed tat-tessuti, l-impronta fuq il-materjali u l-preżenza ta' sustanzi ta' tħassib;

37. Jisħaq li r-rekwiżiti tal-ekodisinn għat-tessuti għandhom jiġu stabbiliti f'konformità mal-objettivi tal-Unjoni fl-oqsma tal-klima, b'mod partikolari l-objettiv li tinkiseb in-newtralità klimatika sa mhux aktar tard mill-2050, l-ambjent, inklużi l-bijodiversità, l-effiċjenza fl-użu tar-riżorsi u s-sigurtà, u t-tnaqqis tal-impronti ambjentali, fuq il-materjali u tal-konsum, u li jibqgħu fil-limiti tal-pjaneta kif stabbilit fit-8 Programm ta' Azzjoni Ambjentali, in-nontossiċità, l-effiċjenza enerġetika kif ukoll objettivi, leġiżlazzjoni u impenji internazzjonali oħra relatati tal-Unjoni;

38. Jistieden lill-Kummissjoni tistabbilixxi malajr rekwiżiti orizzontali tal-ekodisinn għat-tessuti u għaż-żraben, u tiffoka fuq l-istabbiliment ta' rekwiżiti speċifiċi għall-prodott bejn prodotti tat-tessuti differenti aktar tard;

39. Jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jipprovdu biżżejjed żmien lill-operaturi ekonomiċi biex jaġġustaw għar-rekwiżiti l-ġodda tal-ekodisinn, b'mod partikolari billi

jqisu l-ħtiġijiet tal-mikrointrapriżi u tal-SMEs;

40. Iqis li l-konsum ta' tessuti ġodda, bħall-ħwejjeġ, jiddependi fuq ħafna fatturi inkluż fuq id-disponibbiltà tal-prodotti u l-ipprezzar tagħhom, u mhux biss fuq il-ħtieġa li jiġi sostitwit prodott li ma jkunx għadu funzjonali; jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jiżguraw li l-qafas ta' politika dwar it-tessuti jieħu perspettiva olistika tad-durabbiltà, inkluża d-durabbiltà fiżika u emozzjonali tal-prodotti tat-tessuti mqiegħda fis-suq, li tiddeskrivi d-disinn tal-ħwejjeġ li tqis ir-rilevanza fit-tul u x-xewqa għall-konsumaturi, peress li l-ħwejjeġ jirrappreżentaw valur kulturali;

41. Iħeġġeġ lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jappoġġjaw ir-riċerka dwar kif id-durabbiltà emozzjonali tista' titkejjel b'mod effettiv u tiġi riflessa fir-risponsi ta' politika;

42. Jisħaq fuq il-ħtieġa li l-Kummissjoni u l-Istati Membri jippromwovu mudelli ta' negozju u miżuri oħra li jikkontribwixxu għal ħajja itwal għall-prodotti tat-tessuti u l-użu tagħhom għal aktar żmien, kif ukoll is-setturi tal-użu mill-ġdid u tat-tiswija bħala alternattivi għax-xiri ta' prodotti ġodda;

43. Jistieden lill-Istati Membri jesploraw l-istabbiliment ta' inċentivi biex jinkoraġġixxu konsum sostenibbli bħal VAT imnaqqsa għal prodotti użati u tiswijiet;

44. Iqis li l-awtoritajiet pubbliċi għandhom jixprunaw l-iżvilupp ta' tessuti aktar sostenibbli u mudelli ta' negozju ċirkolari u jkollhom l-għan li jnaqqsu l-impatt ambjentali tat-tessuti meta jagħmlu xiri pubbliku; jappella għal applikazzjoni usa' u aktar effettiva tal-kriterji tal-akkwist pubbliku soċjalment responsabbli u sostenibbli għat-tessuti, sabiex tiġi evitata l-frammentazzjoni tas-suq; jinkoraġġixxi l-parteċipazzjoni tal-intrapriżi soċjali fl-offerti pubbliċi;

45. Iqis li l-ħwejjeġ, iż-żraben, l-aċċessorji u prodotti relatati mal-bjankerija tad-dar għandhom jikkonformaw mat-trattament xieraq tal-annimali; jiddispjaċih dwar in-nuqqas ta' attenzjoni mogħtija lit-trattament xieraq tal-annimali fl-Istrateġija għat-Tessuti; jilqa' l-innovazzjonijiet minn xi partijiet tal-industrija bħal alternattivi sostenibbli; jemmen li għandu jingħata aktar appoġġ għar-riċerka u l-iżvilupp relatat;

46. Jistieden lill-Kummissjoni tressaq miżuri dwar t-trattament xieraq u l-protezzjoni tal-annimali fi ħdan l-industrija u s-settur tat-tessuti, filwaqt li tiffoka fuq l-eliminazzjoni ta' prattiki dannużi u l-kummerċ illegali ta' organiżmi selvaġġi, u żżid it-trasparenza u s-sensibilizzazzjoni dwar l-użu tal-annimali għall-produzzjoni u l-ittestjar tat-tessuti, anke f'pajjiżi terzi;

47. Jisħaq fuq il-ħtieġa li l-Kummissjoni u l-Istati Membri jippromwovu r-riċerka, irawmu l-innovazzjoni u jiżviluppaw politiki li jappoġġaw mudelli ta' negozju ċirkolari sostenibbli ġodda għall-industrija tat-tessuti, bħall-użu mill-ġdid, il-kiri, il-produzzjoni fuq talba u l-innovazzjonijiet teknoloġiċi li jistgħu jnaqqsu l-impatti ambjentali u soċjali tas-settur, jipprovdu informazzjoni u jtejbu s-saħħa tal-konsumaturi; jissottolinja li r-riċerka u l-innovazzjoni huma essenzjali għat-tisħiħ tal-kompetittività tal-industrija tat-tessuti tal-UE; jitlob li jkun hemm riċerka u innovazzjoni fil-fibri artifiċjali, inkluż ir-riċiklaġġ tal-iskart għall-fibra u tal-fibra għall-fibra, u l-upcycling tal-iskart sintetiku fl-industrija tat-tessuti;

48. Jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jiffaċilitaw il-ħolqien ta' mudelli ta' negozju sostenibbli u jtejbu l-kompetittività tas-settur;

49. Jenfasizza li mhux biss il-prodotti u l-materjali, iżda wkoll il-mudelli ta' negozju u l-infrastruttura usa' għandhom jitfasslu biex jappoġġjaw il-prevenzjoni tal-iskart, it-tħejjija għall-użu mill-ġdid u r-riċiklaġġ ta' kwalità għolja, f'konformità mal-ġerarkija tal-iskart; iqis li l-mudelli ta' negozju ċirkolari sostenibbli għandhom isiru n-norma; jappella għall-istabbiliment ta' metrika u ta' parametri referenzjarji li juru l-prestazzjoni ambjentali tal-mudell ta' negozju ċirkolari b'inċentivi ta' politika marbuta ma' dawn l-impatti murija;

50. Jissottolinja l-importanza tar-riċiklaġġ għaċ-ċirkolarità, wara li tiġi segwita l-ġerarkija tal-iskart, bħala sors ta' materja prima għall-produzzjoni tat-tessuti fl-Ewropa; jissottolinja l-fatt li l-purità tal-input għat-tessuti taffettwa wkoll l-effiċjenza u l-vijabbiltà ekonomika tal-proċess ta' riċiklaġġ u li t-tnaqqis fil-kompożizzjoni ta' materjal imħallat isaħħaħ ir-riċiklabbiltà fl-Ewropa; jissottolinja l-ħtieġa ta' suq sekondarju Ewropew kompetittiv għall-materja prima;

51. Jappella għal skemi ta' responsabbiltà estiża tal-produttur għat-tessuti u miżuri *ad hoc* oħra biex jinċentivaw ir-riċerka, l-innovazzjoni, l-investimenti fl-infrastruttura u t-tisħiħ tagħha għall-ġbir, is-separazzjoni u l-kompożizzjoni tas-separazzjoni, il-preparazzjoni għall-użu mill-ġdid u l-użu mill-ġdid u soluzzjonijiet għar-riċiklaġġ minn fibra għal fibra li jippermettu s-separazzjoni u r-riċiklaġġ ta' materjali mħallta u d-dekontaminazzjoni tal-flussi tal-iskart;

52. Iħeġġeġ lill-Istati Membri, lir-reġjuni u lill-awtoritajiet ta' ġestjoni jagħmlu użu mill-Fondi Strutturali Ewropej kif ukoll mill-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza biex jisfruttaw il-potenzjal tal-industrija tat-tessuti Ewropea għal soluzzjonijiet innovattivi ħalli jkomplu jiddiġitalizzaw u jiddekarbonizzaw is-settur; iħeġġeġ l-iżvilupp ta' ċentri Ewropej tat-tessuti, li jgħaqqdu ċentri ta' riċerka innovattivi ma' impjanti ta' ġbir, separazzjoni, riċiklaġġ u rimi, li jibdlu l-iskart f'valur u joħolqu impjiegi ġodda fiċ-ċentri tal-manifattura tat-tessuti; jappella, għaldaqstant, għall-ħolqien ta' network ta' ċentri tat-tessuti reġjonali u nazzjonali ta' innovazzjoni u sostenibbiltà biex jassistu lill-kumpaniji, b'mod partikolari lill-SMEs, fit-tranżizzjoni doppja ekoloġika u diġitali;

53. Ifakkar li jeżistu diversi opportunitajiet ta' finanzjament tal-UE, pereżempju fi ħdan ir-Raggruppament 2 ta' Orizzont Ewropa jew permezz il-Kunsill Ewropew tal-Innovazzjoni (EIC); jenfasizza li l-aġenda tar-riċerka u l-innovazzjoni tal-UE għandha tindirizza l-katina tal-valur kollha kemm hi 2etaċ-ċirkolarità fl-ekosistema tat-tessuti; jappella, f'dan il-kuntest, għal sħubija koprogrammata ddedikata fil-livell tal-UE biex tiżdied il-kompetittività tal-Unjoni Ewropea f'tessuti innovattivi u sostenibbli; jisħaq li l-programmi ta' ħidma li jmiss ta' Orizzont Ewropa għandhom jirriflettu l-għanijiet taċ-ċirkolarità u s-sostenibbiltà kif stabbiliti fl-istrateġija tal-UE għat-tessuti u fl-aġenda korrispondenti tal-UE għar-riċerka u l-innovazzjoni għat-tessuti; jissottolinja r-rwol ewlieni li għandu jkollhom l-Istitut Ewropew tal-Innovazzjoni u t-Teknoloġija u l-Komunitajiet ta' Konoxxenza u Innovazzjoni (Kultura u Kreattività u Manifattura); jistieden lill-Kummissjoni taħtar maniġer tal-programm tal-Kunsill Ewropew tal-Innovazzjoni (EIC) dwar tessuti innovattivi, intelliġenti u sostenibbli, u biex dan imexxi sfidi ddedikati tal-Aċċelleratur tal-EIC;

54. Jissottolinja l-importanza ta' djalogi speċifiċi għas-settur biex jiżdied l-involviment settorjali tal-industrija tat-tessuti fit-tranżizzjoni lejn ekonomija ċirkolari u newtrali għall-klima; jistenna bil-ħerqa l-ħolqien ta' perkorsi ta' tranżizzjoni bħala pass importanti biex tiġi ttrasformata l-ekosistema tat-tessuti fl-Ewropa;

55. Jistieden lill-Kummissjoni, f'kollaborazzjoni mal-partijiet ikkonċernati tal-industrija u mal-istituzzjonijiet tar-riċerka, tiżviluppa metodoloġija ta' valutazzjoni taċ-ċiklu tal-ħajja applikabbli għall-industrija tat-tessuti biex tiżgura paraguni ġusti tal-prodotti tat-tessuti; jenfasizza li l-valutazzjoni taċ-ċiklu tal-ħajja bħala prinċipju hija kruċjali biex jiġu evitati impatti ambjentali mhux intenzjonati u tiġi inċentivata l-invenzjoni ta' materja prima ġdida li tista' tħalli impatt aktar baxx fuq l-ambjent; jisħaq fuq il-ħtieġa ta' standard Ewropew dwar il-valutazzjonijiet taċ-ċiklu tal-ħajja u l-ħtieġa ta' infrastrutturi tad-data aħjar tul il-ktajjen tal-provvista biex dan ikun jista' jsir;

56. Jissottolinja l-importanza ta' qafas legali koerenti u konsistenti għall-industrija; jenfasizza r-rwol speċifiku li dawk li jidħlu l-ewwel pass fis-suq, l-mikorintrapriżi, l-SMEs u n-negozji ġodda qed jiżvolġu fit-tranżizzjoni lejn ekonomija ċirkolari u newtrali għall-klima; jenfasizza l-ħtieġa li jingħata appoġġ lill-SMEs fl-industrija tat-tessuti biex jitbiegħdu minn mudelli ta' negozju lineari u prattiki mhux sostenibbli fir-rigward tal-kwistjonijiet klimatiċi, ambjentali, tas-saħħa kif ukoll soċjali, inkluż permezz ta' linji gwida li jiffaċilitaw l-aċċess għall-finanzjament disponibbli u konformità mal-proċeduri amministrattivi; jenfasizza l-importanza tal-opportunitajiet ta' taħriġ għall-SMEs; jinnota l-opportunità li jistgħu joffru Network Enterprise Europe u ċ-Ċentru Ewropew tal-Innovazzjoni Diġitali;

*L-iskart tat-tessuti u r-responsabbiltà estiża tal-produttur*

57. Iqis li l-produtturi tat-tessuti għandu jkollhom responsabbiltà estiża tal-produttur għat-tessuti li jagħmlu disponibbli fis-suq għall-ewwel darba fit-territorju ta' Stat Membru; jilqa' l-intenzjoni tal-Kummissjoni li tistabbilixxi regoli armonizzati tal-UE dwar ir-responsabbiltà estiża tal-produttur għat-tessuti, bl-ekomodulazzjoni tat-tariffi bħala parti mir-reviżjoni tad-Direttiva Qafas dwar l-Iskart; jistieden lill-Kummissjoni tiżgura li proporzjon sinifikanti tal-kontribuzzjonijiet li saru għall-iskemi ta' responsabbiltà estiża tal-produttur jintużaw għall-prevenzjoni tal-iskart u għat-tħejjija għal miżuri ta' użu mill-ġdid, filwaqt li tiġi rrispettata l-ġerarkija tal-iskart;

58. Jenfasizza li r-responsabbiltà estiża tal-produttur għandha tikkonforma bħala minimu mar-rekwiżiti tal-Artikolu 8 u tal-Artikolu 8a tad-Direttiva 2008/98/KE, u li barra minn hekk għandha tinkludi kostijiet oħra rilevanti addizzjonali għas-settur tat-tessuti; jenfasizza l-ħtieġa li tiġi żgurata l-konsistenza bejn l-ekomodulazzjoni tat-tariffi u l-atti delegati futuri dwar it-tessuti adottati skont ir-Regolament dwar l-Ekodisinn, fejn ir-rekwiżiti tal-ekodisinn għandhom jintużaw bħala bażi u t-tariffi tar-responsabbiltà estiża tal-produttur jistgħu jinċentivaw lin-negozji biex imorru lil hinn;

59. Jistieden lill-Kummissjoni tiżgura li s-swieq online jkunu koperti wkoll mir-regoli dwar ir-responsabbiltà estiża tal-produttur; iqis li huwa importanti għall-iskema ta' responsabbiltà estiża tal-produttur li jiġu promossi l-attivitajiet tal-intrapriżi soċjali involuti fil-ġestjoni tat-tessuti użati;

60. Jissottolinja l-ħtieġa li jiġi żgurat immaniġġjar ambjentalment korrett tat-tessuti

miġbura; ifakkar li l-ġbir separat tat-tessuti se jkun obbligatorju mill-1 ta’ Jannar 2025; iħeġġeġ lill-Kummissjoni timmonitorja l-Istati Membri li diġà implimentaw ġbir separat sabiex tiffaċilita l-iskambji tal-aħjar prattiki u ttejjeb l-implimentazzjoni;

61. Jissottolinja li r-reviżjoni tad-Direttiva Qafas dwar l-Iskart għandha tintroduċi miri separati speċifiċi għall-prevenzjoni tal-iskart tat-tessuti, il-ġbir tat-tessuti, l-użu mill-ġdid tat-tessuti, it-tħejjija għall-użu mill-ġdid, ir-riċiklaġġ f’ċirkwit magħluq minn fibra għal fibra u l-eliminazzjoni gradwali tar-rimi tat-tessuti f’landfill; jisħaq li huma meħtieġa data u punti ta’ riferiment affidabbli għall-monitoraġġ tal-miri; jissottolinja l-importanza ta’ kriterji armonizzati ta’ tmiem tal-iskart għat-tessuti;

62. Jenfasizza l-ħtieġa li jsir investiment fl-infrastruttura tal-ġbir mill-ġdid u fil-faċilitajiet tas-separazzjoni u tar-riċiklaġġ ta’ kwalità għolja sabiex ikunu jistgħu jiffaċċjaw iż-żieda fil-volumi tal-iskart fis-settur tat-tessuti mill-2025; jisħaq fuq il-benefiċċji li tiżdied l-infrastruttura tas-separazzjoni awtomatizzata għat-tessuti ta’ wara l-konsum, li tista’ twassal għal livelli għoljin ta’ preċiżjoni u effiċjenza;

63. Iqis li huwa importanti li jiġu promossi l-intrapriżi tal-ekonomija soċjali li jiġbru u jużaw it-tessuti mill-ġdid bħala sħab biex jintlaħqu l-obbligi u l-miri tal-ġbir u tal-immaniġġjar tal-iskart;

64. Jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jippromwovu miżuri konkreti biex titqajjem kuxjenza u jinkisbu rati ogħla ta’ ġbir separat tat-tessuti, inkluż permezz tal-użu ta’ inċentivi ekonomiċi;

65. Jaqbel mal-Kummissjoni li l-produzzjoni ta’ ħwejjeġ minn fliexken riċiklati mhijiex konsistenti mal-mudell ċirkolari għall-fliexken tal-PET; iqis li m’għandhomx isiru asserzjonijiet qarrieqa dwar il-kontenut riċiklat fil-ħwejjeġ ibbażati fuq il-PET, u li dan għandu jitqies, fost oħrajn, fir-rieżami tal-kriterji tal-Ekotikketta tal-UE;

66. Jesprimi dispjaċir għall-fatt li madwar 20 % tal-fibri tat-tessuti jsiru skart qabel ma jilħqu lill-konsumatur aħħari; iqis li hemm inċertezza kbira dwar l-ammont totali ta’ fibri mormija fil-fażi tal-iskart iġġenerat qabel jasal għand il-konsumaturi; jistieden lill-Kummissjoni tintroduċi rekwiżiti obbligatorji ta’ rapportar dwar l-iskart iġġenerat qabel jasal għand il-konsumaturi;

67. Jisħaq fuq l-importanza tar-reviżjoni tar-Regolament dwar Vjeġġi ta’ Skart fit-tisħiħ tal-isforzi biex jiġu miġġielda l-vjeġġi illegali ta’ skart lejn pajjiżi terzi; jisħaq fuq il-ħtieġa li jiġu stabbiliti kriterji li jiddistingwu bejn oġġetti użati u skart; jinnota li dawn il-miżuri se jkunu ta’ importanza partikolari għall-iskart tat-tessuti; jinsab imħasseb li l-iskart tat-tessuti għadu ttikkettat b’mod falz bħala oġġetti użati[57]; filwaqt li jenfasizza l-prinċipju ta’ prossimità kif stabbilit fid-Direttiva Qafas dwar l-Iskart, jirrimarka li l-vjeġġi ta’ skart bejn l-Istati Membri tal-UE jistgħu jkunu importanti biex jiġi ffaċilitat ir-riċiklaġġ tal-iskart sabiex tiġi introdotta materja prima sekondarja fl-ekonomija ċirkolari;

68. Jafferma mill-ġdid il-pożizzjoni tiegħu li l-esportazzjoni tal-iskart lejn pajjiżi mhux membri tal-UE għandha tkun permessa biss meta l-pajjiżi riċeventi jimmaniġġjawha

[57] https://www.eea.europa.eu/publications/eu-exports-of-used-textiles/eu-exports-of-used-textiles

skont standards ta' protezzjoni tas-saħħa u tal-ambjent li huma ekwivalenti għal dawk tal-UE, inkluż ir-rispett tal-konvenzjonijiet internazzjonali dwar id-drittijiet tax-xogħol, u li l-faċilitajiet riċeventi kollha għandhom jiġu awditjati għal immaniġġjar ambjentalment san qabel l-esportazzjonijiet;

69. Iħeġġeġ lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jiżguraw li ż-żieda probabbli fl-iskart tat-tessuti miġbur wara l-introduzzjoni tal-ġbir separat fl-2025 ma twassalx għall-inċinerazzjoni jew ir-rimi f'landfills ta' tali tessuti f'pajjiżi mhux membri tal-UE; jistieden lill-Kummissjoni tiċċara li "ppreparati għal speċifikazzjoni ta' ħwejjeġ milbusa u ta' tessuti milbusa oħra" jinkludi, fost l-oħrajn, is-separazzjoni minn qabel;

*Trasparenza u traċċabbiltà*

70. Jilqa' l-inizjattiva li l-konsumaturi jingħataw is-setgħa fir-rigward tat-tranżizzjoni ekoloġika u r-regoli tal-UE li jirriżultaw li għandhom jiżguraw li l-konsumaturi jirċievu informazzjoni fil-punt tal-bejgħ dwar garanzija kummerċjali tad-durabbiltà għall-prodotti tat-tessuti, kif ukoll informazzjoni rilevanti dwar il-possibbiltà ta' tiswija tagħhom u l-immaniġġjar fi tmiem il-ħajja tagħhom u s-sena tal-produzzjoni tal-prodott;

71. Jesprimi t-tħassib tiegħu dwar il-prattiki mifruxa ta' greenwashing; jirrimarka li 53 % tal-asserzjonijiet ambjentali jagħtu informazzjoni vaga, qarrieqa jew bla bażi u 40 % tal-asserzjonijiet ma għandhom l-ebda evidenza ta' sostenn; jilqa' l-proposta tal-Kummissjoni li tagħti s-setgħa lill-konsumaturi għat-tranżizzjoni ekoloġika u l-proposta għal direttiva dwar l-asserzjonijiet ambjentali; jenfasizza l-ħtieġa li jiġu stabbiliti regoli ċari biex jintemmu l-prattiki ta' greenwashing u biex titqajjem kuxjenza dwar l-implikazzjonijiet tal-moda mgħaġġla u l-imġiba tal-konsumatur għall-ambjent;

72. Jistieden lill-Kummissjoni tirrevedi u ssaħħaħ l-Ekotikketta tal-UE għat-tessuti bħala punt ta' riferiment għall-aktar tessuti sostenibbli;

73. Jilqa' l-iżvilupp ta' Regoli tal-Kategorija marbuta mal-Impronta Ambjentali tal-Prodott għall-ilbies u għaż-żraben; jistieden lill-Kummissjoni tiżgura li dawn il-metodi jindirizzaw l-impatti ambjentali rilevanti kollha; jesprimi tħassib dwar il-fatturi tal-impatt ambjentali, bħall-emissjonijiet mikro u nanoplastiċi u t-telf tal-bijodiversità, li bħalissa huma neqsin; jenfasizza l-ħtieġa li jiġu inklużi organizzazzjonijiet industrijali u mhux industrijali fl-iżvilupp ta' regoli bħal dawn, kif ukoll li jiġu żgurati t-trasparenza u l-aċċessibbiltà tad-data;

74. Jilqa' l-introduzzjoni tal-passaport diġitali tal-prodotti (DPP) fil-proposta dwar l-ekodisinn, li, bħala parti minn qafas koerenti mal-leġiżlazzjoni dwar id-diliġenza dovuta korporattiva dwar is-sostenibbiltà u l-proposta dwar ix-xogħol furzat, se tipprovdi aktar trasparenza; iqis li d-DPP huwa għodda deċiżiva għaċ-ċirkolarità u jilqa' r-rwol li d-DPP jista' jkollu biex jippermetti mudelli ta' negozju sostenibbli ġodda għat-tessuti u fl-għoti tas-setgħa lill-konsumaturi, filwaqt li jiffaċilita għażliet sostenibbli billi jagħmel id-data aktar aċċessibbli u trasparenti; jisħaq li l-informazzjoni pprovduta mid-DPP jeħtieġ li tkun preċiża, kompluta u aġġornata;

75. Jesprimi tħassib li volumi kbar ta' inventarju żejjed u eċċessiv u stokk mhux mibjugħ, kif ukoll stokk irritornat, iwasslu għall-qerda ta' tessuti li jistgħu jintużaw perfettament; jissottolinja li projbizzjoni fuq il-qerda ta' oġġetti tessili mhux mibjugħa u rritornati fil-

livell tal-Unjoni għandha tiġi ppromulgata u jqis li informazzjoni komprensiva li tippermetti l-monitoraġġ tal-projbizzjoni fuq il-qerda ta' oġġetti tat-tessuti mhux mibjugħa hija essenzjali, f'konformità mar-reviżjoni tar-Regolament dwar l-Ekodisinn;

76. Jenfasizza l-importanza ta' suq uniku armonizzat u li jiffunzjona tajjeb; jesprimi dispjaċir għall-frazzjoni kbira tat-tessuti disponibbli fis-suq tal-Unjoni li mhumiex konformi mad-dritt tal-Unjoni[58]; jistieden lill-Istati Membri jiżguraw sorveljanza tas-suq aktar b'saħħitha, kontrolli aktar frekwenti u penali dissważivi għall-ksur, sabiex jiġi żgurat li l-prodotti kollha introdotti fis-suq tal-UE, inkluż minn swieq online minn pajjiżi mhux membri tal-UE, jissodisfaw ir-rekwiżiti stabbiliti fil-leġiżlazzjoni tal-Unjoni; jissottolinja l-importanza tal-prevenzjoni tal-importazzjoni ta' prodotti tat-tessuti ffalsifikati jew mhux sikuri u ta' sorveljanza armonizzata tas-suq intern;

77. Jistieden lill-Kummissjoni tawditja s-sistemi ta' infurzar fl-Istati Membri fir-rigward tat-tessuti u tagħmel rakkomandazzjonijiet għal titjib, issaħħaħ il-kooperazzjoni u l-koordinazzjoni bejn il-korpi ta' infurzar, u tipproponi strumenti ta' infurzar tal-UE, fejn meħtieġ; jistieden lill-Kummissjoni tagħmel użu mis-setgħat mogħtija skont l-Artikolu 11(4) tar-Regolament (UE) 2019/1020 sabiex jiġi żgurat l-ittestjar adegwat tal-prodotti madwar l-Unjoni; jafferma mill-ġdid l-istedina tiegħu lill-Kummissjoni biex tieħu azzjoni legali malajr meta tistabbilixxi li l-liġijiet tal-UE, li jikkonċernaw b'mod partikolari l-protezzjoni tas-saħħa tal-bniedem u tal-ambjent u l-funzjonament tas-suq intern, mhumiex qed jiġu osservati; ifakkar fil-pożizzjoni tiegħu li l-proċeduri jridu jkunu aktar effiċjenti fil-qasam tal-ksur ambjentali[59];

### *Diliġenza dovuta u ġustizzja soċjali*

78. Jiddispjaċih li l-Istrateġija tal-UE għal Tessuti Sostenibbli u Ċirkolari ma tissodisfax l-elementi soċjali, bħad-drittijiet tal-ħaddiema u l-perspettiva tal-ġeneru;

79. Jisħaq li s-settur tat-tessuti huwa affettwat minn firxa wiesgħa ta' abbużi tad-drittijiet tax-xogħol, li jaffettwaw b'mod partikolari lin-nisa u lil gruppi emarġinati oħra, inklużi pagi baxxi ħafna, serq tal-pagi, il-limitazzjoni bla bżonn tad-dritt li wieħed jissieħeb ma' union tal-għażla tiegħu jew li jifforma union bħal din, it-tħaddim tat-tfal, ix-xogħol furzat, l-esponiment għal kundizzjonijiet tax-xogħol mhux sikuri u l-fastidju sesswali[60] [61];

80. Jilqa' l-proposta tal-Kummissjoni għal direttiva dwar id-diliġenza dovuta sostenibbli korporattiva (CSDD) bħala pass importanti biex jiġu indirizzati problemi speċifiċi fis-settur tat-tessuti; jenfasizza li l-impatti ambjentali negattivi u l-impatti soċjali fil-pajjiżi fornituri ma jistgħux jiġu evitati biss permezz ta' leġiżlazzjoni dwar id-diliġenza dovuta, u li t-titjib tas-sostenibbiltà soċjali u ambjentali tirrikjedi approċċ olistiku; jistieden lill-Kummissjoni tipprovdi appoġġ addizzjonali għall-atturi lokali fil-pajjiżi sħab u tieħu miżuri leġiżlattivi addizzjonali biex tindirizza dawn l-impatti f'pajjiżi barra

---

[58] https://ec.europa.eu/safety-gate/#/screen/pages/reports.

[59] Ir-riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tas-16 ta' Jannar 2020 dwar il-15-il laqgħa tal-Konferenza tal-Partijiet (COP15) għall-Konvenzjoni dwar id-Diversità Bijoloġika, paragrafu 59, ĠU C 270, 7.7.2021, p. 94.

[60] https://www.ilo.org/wcmsp5/groups/public/---asia/---ro-bangkok/documents/publication/wcms_836396.pdf

[61] http://www.eprs.sso.ep.parl.union.eu/filerep/upload/EPRS-Briefing-652025-Textile-workers-developing-countries-European-fashion-rev2-FINAL.pdf

mill-UE; jenfasizza, barra minn hekk, il-ħtieġa li l-UE tippromwovi r-ratifika tal-konvenzjonijiet kollha tal-Organizzazzjoni Internazzjonali tax-Xogħol (ILO) li huma rilevanti għall-industrija tat-tessuti; jistieden lill-UE tappoġġja l-isforzi għall-prevenzjoni tal-vjolenza abbażi ta' sess fis-settur tat-tessuti billi timpenja ruħha għar-ratifika u l-implimentazzjoni tal-Konvenzjoni 190 tal-ILO dwar l-Eliminazzjoni tal-Vjolenza u l-Fastidju fid-Dinja tax-Xogħol;

81. Jistieden lill-Kummissjoni tintegra l-perspettiva tal-ġeneru fl-implimentazzjoni tal-Istrateġija tal-UE għat-Tessuti; jiġbed attenzjoni speċjali għall-fatt li n-nisa jirrappreżentaw 80 %[62] tal-forza tax-xogħol globali fis-settur tal-ħwejjeġ u għalhekk huma affettwati b'mod sproporzjonat mill-impatti negattivi tal-industrija; jenfasizza li l-vjolenza abbażi ta' sess ġiet irrappurtata b'mod wiesa' fl-industrija tat-tessuti; jisħaq li n-nisa u l-bniet fil-fabbriki tal-ħwejjeġ huma partikolarment f'riskju ta' fastidju u ta' vjolenza abbażi ta' sess minħabba l-impjieg prekarju u b'introjtu baxx tagħhom, kif ukoll il-mobbiltà limitata 'l fuq tagħhom, il-postijiet tax-xogħol u d-dipendenza tagħhom fuq akkomodazzjoni fuq il-post; jisħaq li għandha tingħata attenzjoni speċjali lill-ugwaljanza bejn il-ġeneri u d-drittijiet tan-nisa fis-settur tat-tessuti; jinsisti bil-qawwa li l-unions tal-ħaddiema nisa jitħallew jistabbilixxu u joperaw liberament u jitlob li d-dritt ta' negozjar kollettiv jiġi rrispettat;

82. Jinnota li n-nisa fl-industrija tat-tessuti spiss jiġu esklużi mit-teħid ta' deċiżjonijiet; jistieden lill-impjegaturi fl-industrija tat-tessuti jieħdu passi biex jiżguraw rappreżentanza femminili fil-pożizzjonijiet maniġerjali u jiżguraw ir-rappreżentanza femminili fil-fora ta' konsultazzjoni; jistieden ukoll lill-impjegaturi jipprovdu korsijiet ta' taħriġ lill-maniġers u lill-impjegati dwar l-ugwaljanza bejn il-ġeneri u d-diskriminazzjoni bbażata fuq is-sess; jistieden lill-Istati Membri jippromwovu t-tagħlim fis-suġġetti tax-xjenza, it-teknoloġija, l-inġinerija, l-arti u l-matematika biex jiżguraw aħjar li n-nisa jkollhom rwol ewlieni fl-aspetti kollha tal-industrija tat-tessuti, inkluż l-użu ta' makkinarju ta' teknoloġija avvanzata li spiss ikun meħtieġ matul diversi proċeduri ta' manifattura, u b'hekk jissottolinjaw ir-rabta bejn in-nisa, it-teknoloġija u t-tessuti;

83. Jistieden lill-Istati Membri u lill-Kummissjoni jiżguraw li jsir ġbir ta' data komprensiva diżaggregata skont il-ġeneru biex jiġi aċċertat l-involviment tan-nisa fl-industrija tat-tessuti u kwalunkwe varjazzjoni jew diskrepanza potenzjali bejn l-Istati Membri;

84. Ifakkar li s-snajja' indiġeni spiss jiġu approprjati, li huwa relatat mar-razziżmu strutturali, u spiss jintużaw għall-ħwejjeġ għall-konsum tal-massa; ifakkar li huma sagrifikati l-artiġjanat tradizzjonali u l-produtturi tiegħu, peress li l-komunitajiet lokali jiġu sfurzati f'impjiegi relatati mal-ħwejjeġ bi ħlas baxx[63];

*Prattiki ta' xiri dannużi*

85. Jiddispjaċih li l-istrateġija ma tipprevedi l-ebda azzjoni kontra l-prattiki ta' xiri dannużi tal-kumpaniji; jirrimarka li skont l-Organizzazzjoni Internazzjonali tax-Xogħol, l-iżbilanċ attwali fil-poter bejn ix-xerrejja tal-ħwejjeġ u l-fornituri tagħhom, b'mod

[62] https://www.ilo.org/wcmsp5/groups/public/---ed_emp/documents/publication/wcms_835423.pdf.
[63] https://cleanclothes.org/file-repository/an-intersectional-approach-challenging-discrimination-in-the-garment-industry_lbl_dci-wpc-paper-final.pdf.

partikolari l-SMEs, jikkawża produzzjoni żejda u sfruttament tal-ħaddiema fl-industrija[64]; iqis li prattiki inġusti ta' xiri bħal bidliet tal-aħħar minuta fid-disinn jew fiż-żminijiet meħtieġa, emendi unilaterali għall-kuntratti u kanċellazzjonijiet tal-aħħar minuta ta' ordnijiet għandhom jiġu indirizzati b'mod effettiv; jistieden lill-Kummissjoni tipprovdi valutazzjoni ta' kif l-aħjar jiġu minimizzati dawn il-prattiki, inkluż permezz ta' leġiżlazzjoni li tispira ruħha u titgħallem mill-esperjenza tal-implimentazzjoni tad-Direttiva (UE) 2019/663[65] dwar prattiki kummerċjali inġusti fil-katina tal-provvista agrikola u alimentari;

86. Jinsisti li t-tranżizzjonijiet ekoloġiċi u diġitali tas-settur Ewropew tat-tessuti jmexxu 'l quddiem Tranżizzjoni Ġusta li ma tħalli lil ħadd jibqa' lura; jisħaq li t-tranżizzjoni lejn mudelli ta' negozju aktar sostenibbli u ċirkolari fl-industrija tat-tessuti tippreżenta potenzjal sinifikanti għall-ħolqien ta' opportunitajiet ġodda ta' negozju, impjiegi ekoloġiċi ġodda u għat-titjib tal-ħiliet u t-taħriġ mill-ġdid tal-forza tax-xogħol, filwaqt li toffri l-opportunità li jittejbu l-kundizzjonijiet tax-xogħol u l-attraenza tas-settur u r-remunerazzjoni tal-ħaddiema, li se jkollhom rwol ċentrali fit-tranżizzjoni; jirrikonoxxi li filwaqt li t-trasformazzjoni tas-settur tista' toħloq impjiegi ġodda bi ħtiġijiet ġodda ta' ħiliet, tipi oħra ta' impjiegi jistgħu jintilfu; jenfasizza l-importanza ta' djalogu soċjali ta' kwalità u l-involviment tal-awtoritajiet nazzjonali u reġjonali biex jippjanaw b'mod adegwat għat-tranżizzjoni u jiżguraw li l-miżuri ta' mitigazzjoni jiġu stabbiliti u li l-bidla tiġi ġestita b'mod soċjalment responsabbli, inkluż l-iżgurar li l-impjiegi ġodda fl-ekonomija ċirkolari jkunu impjiegi ta' kwalità;

87. Jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jiżguraw l-għoti ta' taħriġ u edukazzjoni settorjali fil-qasam tat-tessuti sostenibbli biex jissalvagwardjaw l-impjiegi attwali, itejbu s-sodisfazzjon tal-ħaddiema u jiżguraw id-disponibbiltà ta' forza tax-xogħol b'ħiliet speċjalizzati, flimkien mas-sħab soċjali, l-industrija u partijiet ikkonċernati oħra; jissottolinja l-importanza li jiġi żgurat li l-ħaddiema tas-settur tat-tessuti b'pagi baxxi, inklużi dawk involuti fl-aktar forom prekarji ta' impjieg, ikollhom aċċess għal opportunitajiet ta' tagħlim tul il-ħajja u taħriġ ta' kwalità, b'mod partikolari wara perjodi ta' assenza għal raġunijiet ta' kura;

88. Jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri tassisti lill-atturi tal-ekonomija soċjali, fosthom l-intrapriżi soċjali attivi f'attivitajiet ċirkolari, fl-attivitajiet ta' taħriġ mill-ġdid u ta' titjib tal-ħiliet tagħhom;

89. Jistieden lill-Kummissjoni tiżgura kundizzjonijiet ekwi b'livell għoli ta' ħarsien tal-ambjent għall-prodotti manifatturati u kkunsmati fl-UE u dawk esportati jew importati; jinnota li l-biċċa l-kbira tal-ħwejjeġ fl-Unjoni huma importati minn pajjiżi terzi[66], u dan jikkontribwixxi għal impatti ambjentali u soċjali dannużi barra mill-Unjoni; jirrimarka li l-politiki kummerċjali jista' jkollhom rwol kruċjali fil-kontribut għal ktajjen tal-valur sostenibbli, b'mod partikolari permezz tal-infurzar effettiv tal-kapitoli dwar il-kummerċ u l-iżvilupp sostenibbli tal-ftehimiet kummerċjali tal-UE; iqis li l-Unjoni għandha

[64] https://www.ilo.org/wcmsp5/groups/public/---ed_protect/---protrav/---travail/documents/publication/wcms_561141.pdf
[65] ĠU L 111, 25.4.2019, p. 59.
[66] Parlament Ewropew, Direttorat għas-Servizzi ta' Riċerka Parlamentari, Briefing, "Tessuti u l-ambjent", 3 ta' Mejju 2022, disponibbli fuq: https://www.europarl.europa.eu/RegData/etudes/BRIE/2022/729405/EPRS_BRI(2022)729405_EN.pdf

tiżgura li l-ftehimiet kummerċjali u l-programmi ta' preferenza jintużaw bħala lievi biex jiġu promossi l-iżvilupp sostenibbli, il-protezzjoni tal-klima u l-ambjent, id-drittijiet tal-bniedem, id-drittijiet tax-xogħol u l-kummerċ ġust u etiku madwar id-dinja, kif ukoll biex tittejjeb ir-responsabbiltà tal-ktajjen tal-valur;

90. Ifakkar fil-prinċipju tal-koerenza tal-politiki għall-iżvilupp (PCD) u b'mod speċjali l-Artikolu 208 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea li jiddikjara li "L-Unjoni għandha tieħu inkunsiderazzjoni l-objettivi ta' kooperazzjoni għall-iżvilupp fl-implimentazzjoni tal-politika li x'aktarx tolqot lill-pajjiżi li qed jiżviluppaw"; jisħaq fuq l-importanza li jiġu minimizzati l-kontradizzjonijiet possibbli u jinbnew sinerġiji mal-politika ta' kooperazzjoni għall-benefiċċju tal-pajjiżi li qed jiżviluppaw u biex tiżdied l-effikaċja tal-kooperazzjoni għall-iżvilupp; jenfasizza l-importanza tal-PCD biex tippermetti approċċ integrat biex jintlaħqu l-SDGs;

91. Iħeġġeġ bil-qawwa lill-Kummissjoni, għalhekk, biex tissupplimenta l-istrateġija bi programmazzjoni reġjonali u tal-pajjiż korrispondenti għall-pajjiżi li qed jiżviluppaw fil-qafas tal-Istrument ta' Viċinat, ta' Kooperazzjoni għall-Iżvilupp u ta' Kooperazzjoni Internazzjonali – Ewropa Globali u l-inizjattivi ta' Tim Ewropa, li għandhom jippromwovu u jikkomunikaw viżibbilment dwar proġetti sostenibbli ji jippromwovu r-riformi tal-governanza u infurzar aħjar tal-liġijiet, b'mod partikolari l-liġijiet tax-xogħol, kif ukoll proġetti sostenibbli li jgħinu fil-bini ta' infrastruttura ta' produzzjoni u distribuzzjoni tat-tessuti;

92. Jiddenunzja ċ-ċirku vizzjuż maħluq mill-effetti tat-tibdil fil-klima li jġiegħlu lill-ħaddiema agrikoli jabbandunaw l-art tagħhom, minħabba li m'għadhiex adattata għall-biedja, biex imorru fiċ-ċentri industrijali u jkunu sfurzati jfittxu impjieg ta' sfruttament fl-industriji tal-ħwejjeġ u oħrajn; ifakkar li dawn il-ħaddiema migranti huma partikolarment vulnerabbli għall-isfruttament, peress li ma għandhomx networks ta' appoġġ soċjali u minħabba li hemm nuqqas ġenerali ta' infrastruttura soċjali u protezzjoni legali; ifakkar li l-għadd dejjem jikber ta' nixfiet u għargħar jhedded ukoll lill-bdiewa tal-qoton madwar id-dinja; ifakkar li l-qoton huwa eżempju partikolarment impressjonanti taċ-ċirku vizzjuż imsemmi hawn fuq, peress li t-tkabbir jinvolvi użu eċċessiv tal-ilma, li jagħmel ħsara lill-ħamrija, kif ukoll l-użu tal-pestiċidi, li għandu effetti dannużi fuq il-bdiewa u l-ambjent;

°

° °

93. Jagħti struzzjonijiet lill-President tiegħu biex tgħaddi din ir-riżoluzzjoni lill-Kunsill u lill-Kummissjoni.

## NOTA SPJEGATTIVA

Il-Kummissjoni Ewropea ppreżentat Strateġija ġdida tal-UE dwar it-Tessuti Sostenibbli u Ċirkolari[67] fit-30 ta' Marzu 2022. L-istrateġija tistabbilixxi sensiela ta' azzjonijiet u l-viżjoni tal-Kummissjoni għas-settur għall-2030, inklużi: il-prodotti kollha tat-tessuti mqiegħda fis-suq tal-UE huma durabbli, jistgħu jissewwew u riċiklabbli, magħmula fil-biċċa l-kbira minn fibri riċiklati, ħielsa minn sustanzi perikolużi u prodotti b'rispett għad-drittijiet soċjali u l-ambjent; il-"moda mgħaġġla" ma tkunx attraenti u l-konsumaturi jibbenefikaw aktar minn tessuti ta' kwalità għolja u bi prezzijiet raġonevoli; is-servizzi ta' użu mill-ġdid u ta' tiswija li jagħmlu profitt huma mifruxa; is-settur tat-tessuti huwa kompetittiv, reżiljenti u innovattiv, u l-manifatturi jieħdu r-responsabbiltà għall-prodotti tagħhom tul il-katina tal-valur kollha b'kapaċità suffiċjenti għar-riċiklaġġ filwaqt li l-inċinerazzjoni u r-rimi fil-landfills ikunu f'livell minimu.

Illum, il-konsum tat-tessuti Ewropew diġà għandu r-raba'[68] l-akbar impatt fuq l-ambjent u t-tibdil fil-klima, wara l-ikel, l-akkomodazzjoni u l-mobbiltà. It-tessuti jikklassifikaw fit-tielet post[69] f'termini ta' konsum tal-ilma u użu tal-art, u fil-ħames post f'termini ta' konsum ta' materja prima primarja u emissjonijiet ta' gassijiet serra. L-industrija globali tat-tessuti u tal-ħwejjeġ bħalissa hija responsabbli għal 92 miljun[70] tunnellata ta' skart fis-sena. Industrija prinċipalment xprunata mill-fjuwils fossili. Fl-2015, ikkonsmajna 98 miljun tunnellata ta' żejt għall-industrija tal-moda biss. Prinċipalment dan kien għall-produzzjoni ta' fibri sintetiċi, li jammontaw għal proporzjon kbir tal-materjali użati. Huwa stmat li diġà hemm 1,4 triljun[71] mikrofibri fl-oċeani. Il-ħasil tal-ħwejjeġ b'fibri sintetiċi jirrappreżenta l-akbar sehem ta' dawn b'35 %.[72] Kull sena, 552 000 tunnellata ta' mikrofibri waħedhom jispiċċaw fl-ilma.

Qed nipproduċu aktar ħwejjeġ u tessuti minn qatt qabel. Fl-UE biss, id-domanda żdiedet b'40 %[73] f'dawn l-aħħar deċennji. Qed nikkunsmaw ammonti akbar u aktar ta' spiss minn qatt qabel. Fl-istess ħin, bħala medja qed nilbsu l-ħwejjeġ tagħna ftit drabi biss. Qed ninsew kemm jintużaw xogħol u riżorsi. Hemm aktar kollezzjonijiet milli hemm staġuni, ix-xejriet huma aktar mgħaġġla u qabel kollezzjoni ġdida tkun fil-ħwienet u fis-siti web, il-kollezzjoni ta' qabilha tintrema. Fl-istess ħin, 1 %[74] biss qed jiġu rriċiklati.

Madankollu, mhux biss l-ambjent qed iħallas il-prezz tiegħu, iżda wkoll in-nies li jipproduċu t-tessuti tagħna tul il-katina tal-provvista kollha.

L-industrija timpjega 60 miljun[75] ruħ madwar id-dinja, il-biċċa l-kbira minnhom nisa. Il-pagi tal-ħaddiema tal-ħwejjeġ spiss ikunu 'l bogħod mill-pagi li jiggarantixxu l-għajxien. Is-sahra mhux imħallsa, il-perikli għas-saħħa, l-ebda kuntratti fissi, l-abbuż psikoloġiku u fiżiku huma biss uħud mill-problemi fl-industrija. Il-kundizzjonijiet tax-xogħol prekarji jiddominaw,

[67] https://ec.europa.eu/info/law/better-regulation/have-your-say/initiatives/12822-EU-strategy-for-sustainable-textiles_mt
[68] https://www.europarl.europa.eu/RegData/etudes/BRIE/2022/729405/EPRS_BRI(2022)729405_EN.pdf
[69] https://www.europarl.europa.eu/RegData/etudes/BRIE/2022/729405/EPRS_BRI(2022)729405_EN.pdf
[70] https://ellenmacarthurfoundation.org/a-new-textiles-economy
[71] https://ellenmacarthurfoundation.org/a-new-textiles-economy
[72] 72 https://www.eea.europa.eu/publications/textiles-in-europes-circular-economy
[73] 73 https://www.eea.europa.eu/publications/textiles-in-europes-circular-economy
[74] https://ellenmacarthurfoundation.org/a-new-textiles-economy
[75] https://cleanclothes.org/news/2022/live-blog-on-how-the-coronavirus-influences-workers-in-supply-chains

irrispettivament jekk ikunux fl-għalqa tal-qoton jew fil-fabbrika tat-tessuti. Madwar id-dinja kollha, in-nisa[76] jintlaqtu partikolarment ħażin minn diżastri ambjentali u estremi klimatiċi. Ma nistgħux inlaħħqu mal-agħar kriżi fid-dinja mingħajr ma ninvolvu nofs il-popolazzjoni tagħha.

Il-pressjoni kostanti ’l isfel fuq l-istandards soċjali u ambjentali qed twassal għal aktar u aktar inugwaljanzi soċjali u devastazzjoni ambjentali. L-ekonomija ċirkolari trid taqdi rwol ewlieni fil-ġestjoni tat-tranżizzjoni lejn is-sostenibbiltà soċjali, ekonomika u ambjentali.

Ir-rapporteur hija tal-fehma li mingħajr ekonomija ċirkolari li tiffunzjona, ma nistgħux niksbu n-newtralità klimatika u l-għanijiet ambjentali tagħna. Għalhekk neħtieġu regoli vinkolanti, li jiggarantixxu użu responsabbli tal-materja prima madwar id-dinja. Aħna bħala l-UE jeħtiġilna mmexxu bl-eżempju u niżguraw li t-tessuti mibjugħa fil-ħwienet u fis-servizzi tas-soċjetà tal-informazzjoni tagħna, bħall-pjattaformi online, jiggarantixxu standards ambjentali u tad-drittijiet tal-bniedem għoljin.

Ir-responsabbiltà għax-xiri sostenibbli ma għandhiex tibqa’ tiġi trasferita lill-konsumaturi biss, iżda l-mudell lineari eżistenti jrid jiġi abbandunat favur mudell ċirkolari u deċenti li ma jiddependix fuq il-volum.

Għal dan l-għan, neħtieġu leġiżlazzjoni vinkolanti, minħabba li s’issa l-industrija tat-tessuti tħalliet relattivament mhux mittiefsa mil-leġiżlaturi.

Għalhekk, ir-rapporteur titlob li jkun hemm leġiżlazzjoni Ewropea, li tiggarantixxi li l-moda ma tiġix prodotta għad-detriment tal-qerda ambjentali u l-ħajja tal-bniedem. Il-proposta l-ġdida dwar Regolament dwar l-Ekodisinn jista’ jkollha rwol ewlieni f’dan ir-rigward.

Barra minn hekk, għandhom jiġu stabbiliti rekwiżiti li jipprevjenu l-ħwejjeġ mhux mibjugħa milli jitqattgħu bċejjeċ jew jintbagħtu fil-landfills sempliċiment minħabba li ma għadhomx fil-moda jew minħabba li l-mħażen huma mimlijin. Ir-rapporteur tqis li għandhom jiġu importati fl-UE jew prodotti fl-UE biss dawk it-tessuti li jissodisfaw standard minimu ta’ rekwiżiti ta’ sostenibbiltà. Jeħtieġ li niddisinjaw tessuti li jistgħu jerġgħu jintużaw, jissewwew, u huma riċiklabbli u effiċjenti fl-użu tal-enerġija. Għalhekk, l-UE jeħtiġilha tistabbilixxi miri vinkolanti għat-tnaqqis tal-marka tal-karbonju tat-tessuti. Problema ewlenija hija l-konsum żejjed u l-produzzjoni żejda. Strateġija olistika għal tessuti sostenibbli tista’ tkun ġenwina biss, jekk innaqqsu l-kwantità assoluta tar-riżorsi naturali użati u fl-istess ħin innaqqsu l-kwantità tal-iskart.

[76] https://www.ilo.org/wcmsp5/groups/public/---asia/---ro-bangkok/documents/publication/wcms_836396.pdf

29.3.2023

## OPINJONI TAL-KUMITAT GĦALL-INDUSTRIJA, IR-RIĊERKA U L-ENERĠIJA

għall-Kumitat għall-Ambjent, is-Saħħa Pubblika u s-Sikurezza tal-Ikel

dwar Strateġija tal-UE għal Tessuti Sostenibbli u Ċirkolari
(2022/2171(INI))

Rapporteur għal opinjoni (*): Christian Ehler

(*) Proċedura b'kumitati assoċjati – Artikolu 57 tar-Regoli ta' Proċedura

## SUĠĠERIMENTI

Il-Kumitat għall-Industrija, ir-Riċerka u l-Enerġija jistieden lill-Kumitat għall-Ambjent, is-Saħħa Pubblika u s-Sikurezza tal-Ikel, bħala l-kumitat responsabbli, biex jinkorpora s-suġġerimenti li ġejjin fil-mozzjoni għal riżoluzzjoni tiegħu:

1. Jenfasizza l-importanza tal-ekosistema tat-tessuti għall-impjiegi, it-tkabbir u l-preservazzjoni tal-għarfien u tal-wirt kulturali fl-Ewropa; jissottolinja li s-settur tat-tessuti Ewropew kellu fatturat annwali ta' EUR 147 biljun fl-2022, b'EUR 58 biljun f'esportazzjonijiet u EUR 106 biljun f'importazzjonijiet, jimpjega 1.3 miljun ċittadin Ewropew u li n-nisa għandhom inqas minn 25 % tal-pożizzjonijiet ta' tmexxija fl-ogħla kumpaniji tal-moda filwaqt li jirrappreżentaw aktar minn 70 % tal-impjegati kollha fl-industrija tat-tessuti; ifakkar li aktar minn 99 % tal-ekosistema tat-tessuti tal-UE tikkonsisti f'intrapriżi żgħar u medji (SMEs) li ġeneralment għandhom marġni ta' profitt baxx; jissottolinja li l-kumpaniji tat-tessuti tal-UE jiffaċċjaw kompetizzjoni intensiva mill-Asja, b'mod partikolari ċ-Ċina[1], fejn xi kumpaniji tal-UE qegħdin jesternalizzaw il-produzzjoni tagħhom u fejn ir-regolamenti ambjentali u soċjali huma inqas stretti jew ineżistenti;

2. Jinnota bi tħassib li l-produzzjoni globali tat-tessuti, b'mod partikolari l-produzzjoni ta' lbies mhux riċiklabbli ta' kwalità baxxa, żdiedet b'mod sinifikanti minħabba l-iżvilupp tal-moda mgħaġġla fl-industrija tal-ħwejjeġ, li għandha impatt negattiv fuq ir-riżorsi naturali; jisħaq fuq l-importanza li l-industrija tat-tessuti tal-UE tiġi appoġġjata biex titbiegħed mill-moda mgħaġġla u lejn il-promozzjoni ta' mudell ta' manifattura sostenibbli li jgħaqqad il-kapaċità kreattiva u s-sistemi ta' produzzjoni bbażati fuq il-kwalità tal-proċessi, il-materjali u d-dettalji, li jnaqqas b'mod sinifikanti l-iskart tal-materjali tal-UE fl-industrija tat-tessuti u jsaħħaħ il-valur strateġiku tal-katina tal-provvista fl-UE; jisħaq, barra minn hekk, fuq l-importanza li jiġu żviluppati u implimentati programmi ta' sensibilizzazzjoni għall-konsumaturi dwar l-impatti ambjentali u klimatiċi tal-industrija tat-tessuti u tal-ħwejjeġ u li l-konsumaturi jingħataw is-setgħa li jagħmlu għażliet sostenibbli u intelliġenti;

---

[1] Studju – "Data dwar l-Ekosistema tat-Tessuti tal-UE u l-Kompetittività tagħha: ir-rapport finali", Kummissjoni Ewropea, Direttorat Ġenerali għas-Suq Intern, l-Industrija, l-Intraprenditorija u l-SMEs, 17 ta' Diċembru 2021.

3. Jirrikonoxxi t-theddida għall-industrija Ewropea u s-sostenibbiltà li ġejja mill-importazzjonijiet ta' prodotti foloz jew mhux sikuri li mhumiex konformi mal-leġiżlazzjoni tal-UE dwar it-tessuti; iħeġġeġ lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jipprovdu sistema ta' monitoraġġ u sorveljanza tas-suq aktar ikkoordinata u jżidu r-riżorsi u l-faċilitajiet biex jiżguraw il-konformità mal-leġiżlazzjoni tal-UE, inkluż ir-Regolament REACH[2], sabiex jiġu żgurati kundizzjonijiet ekwivalenti għan-negozji Ewropej; jinnota l-potenzjal għall-istabbiliment ta' ftehimiet kummerċjali ġodda ta' benefiċċju reċiproku u t-tisħiħ tar-relazzjonijiet kummerċjali attwali, li jistgħu jissalvagwardjaw il-konformità tal-prodotti tat-tessuti mal-leġiżlazzjoni tal-UE, u li jistgħu jkomplu jappoġġjaw il-ħolqien tal-impjiegi u jagħtu spinta lit-tkabbir ekonomiku kemm fl-UE kif ukoll fost is-sħab kummerċjali; jappella biex is-swieq diġitali u analogi jiżguraw li l-prodotti tat-tessuti li jbigħu jikkonformaw mad-dritt tal-UE; iqis li l-greenwashing huwa kompetizzjoni inġusta għall-SMEs li huma verament impenjati għal proċessi ta' manifattura aktar ekoloġiċi u partikolarment qarrieqa għall-konsumaturi;

4. Jappella lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri janalizzaw il-possibbiltà li jipprovdu appoġġ rilevanti u kosteffettiv lil pajjiżi mhux tal-UE għad-dekarbonizzazzjoni tal-ktajjen tal-provvista tat-tessuti, li ser ikollhom influwenza pożittiva fuq in-negozji Ewropej;

5. Jieħu nota li l-piż regolatorju, li jaffettwa direttament u indirettament l-industrija tat-tessuti tal-UE, aggravat mill-pandemija tal-COVID-19 u l-gwerra ta' aggressjoni Russa kontra l-Ukrajna, iż-żieda fil-prezzijiet tal-enerġija u l-konsegwenzi tal-inflazzjoni fuq l-industrija, qiegħed jhedded serjament il-kompetittività tan-negozji tal-UE; jilqa' u jinkoraġġixxi, f'dan ir-rigward, l-isforzi nazzjonali u tal-UE biex inaqqsu l-prezzijiet tal-enerġija għal livell kompetittiv fuq livell internazzjonali; ifakkar li l-ekosistema tat-tessuti tal-UE hija minn ta' quddiem fl-adozzjoni ta' prattiki ta' sostenibbiltà; jappella lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jimplimentaw regolamenti li jevitaw piż bla bżonn, jiffaċilitaw mudelli ta' negozju sostenibbli u jtejbu l-kompetittività tas-settur, peress li ħafna obbligi jżidu l-ispejjeż u l-burokrazija żejda b'mod drastiku, speċjalment għall-SMEs;

6. Jisħaq fuq il-ħtieġa li l-SMEs jiġu appoġġjati fi ħdan l-ekosistema tat-tessuti biex jitbiegħdu minn mudelli ta' negozju lineari u prattiki mhux sostenibbli; jappella, għaldaqstant, għall-ħolqien ta' network ta' ċentri tat-tessuti reġjonali u nazzjonali ta' innovazzjoni u sostenibbiltà biex jassistu lill-kumpaniji, b'mod partikolari lill-SMEs, fit-tranżizzjoni doppja diġitali u ekoloġika; jinnota l-opportunità li jistgħu joffru Network Enterprise Europe u ċ-Ċentri Ewropej tal-Innovazzjoni Diġitali f'dan ir-rigward; jappella biex jitfasslu linji gwida faċli dwar l-aċċess għall-finanzjament u s-semplifikazzjoni tal-proċeduri amministrattivi li jippermettu lill-SMEs jittrasformaw l-industriji tagħhom, b'inċentivi ddedikati, ħin, disponibbiltà ta' taħriġ iddedikat u sett ta' għodod għall-SMEs biex titnaqqas il-kumplessità;

[2] Ir-Regolament (KE) Nru 1907/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Diċembru 2006 dwar ir-reġistrazzjoni, il-valutazzjoni, l-awtorizzazzjoni u r-restrizzjoni ta' sustanzi kimiċi (REACH), li jistabbilixxi Aġenzija Ewropea għas-Sustanzi Kimiċi, li jemenda d-Direttiva 1999/45/KE u li jħassar ir-Regolament (KEE) Nru 793/93 tal-Kunsill u r-Regolament (KE) Nru 1488/94 tal-Kummissjoni kif ukoll id-Direttiva 76/769/KEE tal-Kunsill u d-Direttivi 91/155/KEE, 93/67/KEE, 93/105/KE u 2000/21/KE (ĠU L 396, 30.12.2006, p. 1).

7. Jappella lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jiżguraw koerenza fost il-miżuri ta' politika identifikati fl-istrateġija tal-UE dwar it-tessuti u l-perkors ta' tranżizzjoni sabiex jinħoloq qafas legali prevedibbli u armonizzat skont il-leġiżlazzjoni tal-UE u l-objettivi tal-Patt Ekoloġiku tal-UE, b'mod partikolari fir-rigward tar-rekwiżiti tal-ekodisinn għat-tessuti u b'perjodu ta' tranżizzjoni suffiċjenti għan-negozji; iħeġġeġ, barra minn hekk, lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jissalvagwardjaw l-armonizzazzjoni tal-politiki nazzjonali fil-livell tal-UE sabiex jiġu żgurati ċ-ċertezza u l-prevedibbiltà tad-dritt u jiġi evitat li jkun hemm suq uniku tal-UE frammentat u piżijiet burokratiċi żejda għall-operaturi tan-negozju, speċjalment l-SMEs; jisħaq li l-miżuri ta' politika għandhom ikunu debitament ġustifikati minn eżempji ta' impatti ambjentali pożittivi;

8. Ifakkar fil-ħtieġa li jiġu ffaċilitati djalogi speċifiċi għas-settur biex jiżdied l-involviment settorjali tal-industrija tat-tessuti fit-tranżizzjoni lejn ekonomija ċirkolari u newtrali għall-klima, u jirrikonoxxi l-perkors ta' tranżizzjoni bħala pedament importanti biex l-ekosistema tat-tessuti fl-Ewropa tiġi ttrasformata kif xieraq; jesprimi dispjaċir għall-fatt li l-Kummissjoni ħadet kważi sentejn mill-aġġornament tal-istrateġija industrijali tal-UE biex tniedi l-perkors ta' tranżizzjoni tal-ekosistema tat-tessuti; jisħaq li l-finalizzazzjoni u l-implimentazzjoni rapidi tal-azzjonijiet ta' appoġġ għan-negozji huma ta' importanza kbira biex jippermettu tranżizzjoni sostenibbli u jadattaw għar-rekwiżiti leġiżlattivi filwaqt li jnaqqsu l-impronta ambjentali b'miri fattibbli u prevedibbli; jisħaq li l-azzjonijiet meħuda f'konformità mal-perkors ta' tranżizzjoni għandhom ikunu allinjati bis-sħiħ mal-Istrateġija Industrijali tal-UE, mal-attivitajiet leġiżlattivi previsti fl-Istrateġija tal-UE għat-Tessuti, mal-għanijiet ta' awtonomija strateġika miftuħa u mal-objettivi tal-Patt Ekoloġiku Ewropew;

9. Jappella lill-Kummissjoni, lill-Istati Membri u lill-partijiet ikkonċernati tal-industrija jsegwu l-prinċipji gwida tal-inizjattiva tal-Bauhaus Ewropea l-Ġdida fir-rigward tas-sostenibbiltà, l-inklużività u l-estetika għat-tranżizzjoni tal-ekosistema tat-tessuti, peress li rabta bejn il-kreattività, l-arti u x-xjenza tista' tgħin biex jinħoloq impatt pożittiv; jevidenzja l-punti b'saħħithom tas-settur kreattiv Ewropew, li jistgħu jinfluwenzaw il-preferenzi u d-drawwiet tal-konsumaturi u b'hekk jiffaċilitaw tranżizzjoni sostenibbli tal-industrija tat-tessuti fl-Ewropa u fid-dinja;

10. Ifakkar li t-tranżizzjoni tal-ekosistema tat-tessuti lejn ekonomija ċirkolari tippreżenta wkoll potenzjal sinifikanti għall-ħolqien ta' impjiegi ekoloġiċi ġodda; iħeġġeġ lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jiffaċilitaw l-aċċess għal kurrikuli edukattivi innovattivi għall-iżvilupp ta' ħiliet rilevanti u għat-titjib tal-ħiliet u t-taħriġ mill-ġdid tal-forza tax-xogħol attwali, inkluż għat-tranżizzjoni diġitali meħtieġa tal-industrija tat-tessuti, b'mod partikolari għall-SMEs li spiss ma jkollhomx impjegati tas-sengħa; jevidenzja l-ħtieġa li jiżdiedu l-attraenza u l-perspettivi tal-impjiegi għall-professjonisti żgħażagħ fl-ekosistema tat-tessuti; jappella wkoll lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jagħtu attenzjoni mill-qrib lill-fużjoni tat-taħriġ artistiku u teknoloġiku għall-ħaddiema fl-ekosistema tat-tessuti, biex hekk jisfruttaw is-sinerġiji bejn il-ħiliet kreattivi u teknoloġiċi u jippromwovu kontinwament il-mobilità ta' ħaddiema tas-sengħa madwar l-Ewropa u jippreservaw l-għarfien Ewropew u l-wirt kulturali tal-ħiliet artiġjanali tat-tessuti; jappella lill-impjegaturi fl-industrija tat-tessuti jieħdu passi biex jiżguraw rappreżentanza femminili fil-livelli maniġerjali u ta' tmexxija u f'pożizzjonijiet fil-livell medju;

11. Jagħraf il-ħtieġa u l-isfidi biex jinkiseb mudell ta’ negozju kompletament ċirkolari għall-kumpaniji tat-tessuti, b’mod partikolari minħabba r-restrizzjonijiet teknoloġiċi u fiżiċi attwali fuq il-produzzjoni, ir-riċiklaġġ, it-tqassim u l-ġbir, l-użu ta’ sustanzi kimiċi, in-nuqqas ta’ disinn ċirkolari, il-lakuni fid-diġitalizzazzjoni u l-ħtiġijiet ta’ titjib tal-ħiliet u ta’ taħriġ mill-ġdid tal-forza tax-xogħol; jinnota li huma meħtieġa finanzjament speċifiku, metrika soda u inċentivi ekonomiċi u legali biex is-settur jinbidel f’settur verament sostenibbli u reżiljenti u biex tiġi ssalvagwardjata l-industrija tat-tessuti u l-impjiegi tagħha fl-Ewropa;

12. Jilqa’ l-estensjoni tar-Regolament dwar l-Ekodisinn għal Prodotti Sostenibbli[3] biex ikopri prodotti lil hinn minn dawk relatati mal-enerġija, inklużi t-tessuti; jissottolinja l-fatt li potenzjal kbir għal tessuti aktar ċirkolari u sostenibbli jinsab fil-fażi tad-disinn ta’ prodotti tat-tessuti; iħeġġeġ lill-Kummissjoni tikkonsulta mal-istituzzjonijiet tar-riċerka u mal-partijiet ikkonċernati rilevanti qabel ma tistabbilixxi miri u metrika ċari, fattibbli u prevedibbli fl-atti delegati tal-ekodisinn għal kategoriji differenti ta’ prodotti tat-tessuti li jsegwu approċċ ibbażat fuq ir-riskju u taċ-ċiklu tal-ħajja, b’konsiderazzjoni tal-liġijiet tal-fiżika; jisħaq fuq il-ħtieġa li jibda jiġi implimentat ir-regolament dwar l-ekodisinn fir-rigward ta’ dawk it-tessuti bl-ogħla impatt ambjentali u li għalihom ir-regolament huwa l-aktar faċli biex jiġi implimentat, u li jitqiesu l-bosta differenzi fl-industrija tat-tessuti, fejn diversi setturi diġà żviluppaw prodotti li huma ddisinjati biex ikunu aktar durabbli u riparabbli; jappella wkoll li jkun hemm perjodu ta’ tranżizzjoni li jippermetti l-ekosistema tikkonforma ma’ rekwiżiti ġodda tal-ekodisinn ibbażat fuq il-prodott;

13. Jirrikonoxxi l-ammont konsiderevoli ta’ investiment meħtieġ għad-diġitalizzazzjoni tal-ekosistema tat-tessuti u jistieden għalhekk lill-Kummissjoni, lill-Istati Membri u lir-reġjuni biex iżidu l-isforzi ta’ finanzjament tagħhom f’dan ir-rigward; jirrikonoxxi li l-aċċess, il-kondiviżjoni u l-ipproċessar tad-data relatata mal-ekosistema tat-tessuti huma essenzjali għat-tranżizzjoni diġitali tagħha; jilqa’ l-Passaport Diġitali tal-Prodotti (DPP) bħala għodda deċiżiva għaċ-ċirkolarità u r-rwol li d-DPP jista’ jkollu biex jippermetti mudelli kummerċjali sostenibbli ġodda għat-tessuti billi jagħmel id-data aktar aċċessibbli u trasparenti fil-katina tal-provvista; huwa konvint mill-opportunitajiet kummerċjali potenzjali għall-kummerċjalizzazzjoni u l-awtonomizzazzjoni tal-konsumaturi biex jiġu ffaċilitati għażliet sostenibbli u ċirkolari, li d-DPP jista’ jippermetti minħabba l-benefiċċji li jġib f’termini ta’ trasparenza, fehim tat-tendenzi tal-konsumatur, ir-rekwiżiti tal-katina tal-provvista u tal-informazzjoni ambjentali u soċjali, it-traċċabbiltà, it-tnaqqis tal-iskart u t-trattament korrett tat-tessuti għar-riċiklaġġ, l-użu mill-ġdid u t-tiswija, filwaqt li jitqies li d-drittijiet tal-aċċess għandhom jiġu differenzjati skont id-diversi kategoriji tal-utenti tad-data; jissottolinja li l-informazzjoni u, b’mod partikolari, ir-rekwiżiti tal-prestazzjoni għal kull prodott għandhom jiddependu fuq metodoloġija armonizzata u standardizzata u jiġu rfinati bir-reqqa biex tiġi żgurata l-fattibbiltà teknika u ekonomika, inkluż dwar aspetti bħall-funzjonalità, l-iskalabbiltà u l-kompetittività tan-negozji Ewropej, kif ukoll l-affordabilità għall-konsumaturi; jappella, għaldaqstant, għall-ħolqien immedjat ta’ proġett pilota, iffinanzjat minn Orizzont Ewropa, li jistabbilixxi l-kriterji fundamentali u l-ħtiġijiet

[3] Proposta tal-Kummissjoni tat-30 ta’ Marzu 2022 għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jistabbilixxi qafas għall-iffissar ta’ rekwiżiti għall-ekodisinn għal prodotti sostenibbli u li jħassar id-Direttiva 2009/125/KE (COM(2022)0142).

infrastrutturali għad-DPP;

14. Jirrimarka li l-informazzjoni pprovduta mid-DPP jeħtieġ li tkun rilevanti, preċiża u aġġornata, u li l-informazzjoni għandha tkun faċilment aċċessibbli u tista' tintuża mill-awtoritajiet, il-konsumaturi u l-partijiet ikkonċernati tul il-ktajjen tal-provvista; jevidenzja l-importanza ta' allinjament tar-rekwiżiti ta' informazzjoni koerenti għall-prodotti tat-tessuti mal-funzjonalitajiet u r-responsabbiltajiet tad-DPP, f'konformità mal-obbligi tal-protezzjoni tad-data, is-sigrieti kummerċjali u d-drittijiet tal-proprjetà intellettwali; jirrakkomanda li l-prodotti għandu jkollhom informazzjoni essenzjali f'format diġitali li tkun aċċessibbli, pereżempju, permezz ta' kodiċi QR u simultanjament f'format analogu għall-konsumaturi, biex dawn jagħmlu għażliet infurmati sew u għall-użu industrijali; jappella lill-Kummissjoni tuża l-proġett pilota tad-DPP għall-introduzzjoni gradwali tiegħu u tistabbilixxi perjodu ta' implimentazzjoni għall-SMEs, u speċjalment il-mikrointrapriżi, abbażi tal-esperjenzi meħuda mill-proġett pilota u filwaqt li tqis il-kapaċitajiet tagħhom, u tappoġġjahom biex jiżguraw konformità sħiħa mar-regolament; jappella wkoll lill-Kummissjoni tibbaża l-implimentazzjoni tad-DPP fuq bażijiet tad-data eżistenti, infrastrutturi tad-data u l-aħjar prattiki dwar l-istandards tad-data u l-kondiviżjoni tad-data biex jiġu evitati d-duplikazzjoni u l-piż amministrattiv bla bżonn; ifakkar li l-mistoqsijiet dwar l-affidabbiltà u l-verifikabbiltà tad-data, ir-responsabbiltà legali għad-data ppubblikata u l-aċċess għad-data mill-kumpaniji tul il-katina tal-provvista kollha għadhom bla tweġiba sal-lum u jeħtieġ li jiġu indirizzati kif xieraq mill-Kummissjoni u mill-Istati Membri qabel l-implimentazzjoni tad-DPP;

15. Jilqa' r-reviżjoni ppjanata tar-Regolament dwar it-Tikkettar tat-Tessuti[4] u r-Regolament dwar l-Ekotikketta[5] bħala opportunità biex jiġu evitati prattiki ta' greenwashing permezz tat-tikkettar u biex jiġi armonizzat il-kriterju għat-tikkettar obbligatorju tal-prodotti tat-tessuti madwar l-UE; jirrikonoxxi l-potenzjal mhux sfruttat tal-akkwist pubbliku fl-appoġġ ta' mudelli ċirkolari u kumpaniji bi proċessi ta' manifattura sostenibbli bħala parti minn reviżjoni possibbli tat-tikketta "Made in Europe"; jevidenzja l-fatt li r-regoli kollha dwar it-tikkettjar tal-prodotti tat-tessuti, li jużaw it-tikketta fiżika kif ukoll dik diġitali u dwar id-dominji kollha tat-tikkettjar, inkluż għas-sostenibbiltà u ċ-ċirkolarità, huma introdotti bil-għan li tiġi żgurata ċ-ċarezza tad-dritt, jitnaqqsu l-kostijiet tal-konformità għall-kumpaniji, b'mod partikolari l-SMEs, u li l-informazzjoni tkun faċilment aċċessibbli, tinqara u komparabbli mill-konsumaturi u n-negozji rilevanti u tiġi żviluppata bl-użu ta' approċċ ibbażat fuq l-evidenza, sabiex jiġu żgurati impatti pożittivi li jistgħu jiġu valutati; jinnota li t-tikketti diġitali jistgħu jisfruttaw is-soluzzjonijiet tekniċi pprovduti fid-DPP; jappella lill-Kummissjoni tkompli tiċċara u tissemplifika l-proċess ta' klassifikazzjoni għal applikazzjoni għal ismijiet ġodda ta' kompożizzjoni ta' fibri għal materjali ġodda u distintivi;

16. Jissottolinja l-ħtieġa li titnaqqas l-impronta tal-karbonju tas-settur, l-aktar permezz ta' investimenti f'teknoloġiji għat-tnaqqis tal-gassijiet b'effett ta' serra u r-riċerka fihom;

[4] Ir-Regolament (UE) Nru 1007/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-27 ta' Settembru 2011 dwar l-ismijiet ta' fibri ta' tessuti u t-tikkettar u l-immarkar relatati tal-kompożizzjoni tal-fibri ta' prodotti tat-tessut u li jħassar id-Direttiva tal-Kunsill 73/44/KEE u d-Direttiva 96/73/KE u 2008/121/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU L 272, 18.10.2021, p. 1).

[5] Ir-Regolament (KE) Nru 66/2010 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Novembru 2009 dwar skema ta' Ekotikketta tal-UE (ĠU L 27, 30.1.2010, p. 1).

jemmen bis-sħiħ li l-kwistjoni dinjija tal-użu tal-ilma fil-produzzjoni tat-tessuti għandha tiġi indirizzata minnufih; jappella lill-Kummissjoni tistabbilixxi miri li jnaqqsu l-impronta tal-industrija tat-tessuti fuq l-ilma, jinċentivaw l-iżvilupp ta' proċessi li jużaw inqas enerġija u ilma u jevita l-użu u r-rilaxx ta' sustanzi perikolużi; jisħaq fuq l-importanza tar-riċerka u l-innovazzjoni, b'mod partikolari rigward il-forom ġodda ta' fibri riċiklabbli li jirrikjedu inqas ilma, kif ukoll l-iżvilupp ta' alternattivi għall-użu konvenzjonali tas-sustanzi kimiċi, l-użu mill-ġdid tal-ilma permezz tal-iżvilupp ta' teknoloġiji għat-trattament tal-ilma mormi, u biex jitnaqqas il-konsum tal-enerġija u tal-ilma fil-proċess tal-produzzjoni;

17. Jilqa' l-intenzjoni tal-Kummissjoni li tikseb il-mira li l-prodotti tat-tessuti jkunu ħielsa mill-aktar sustanzi kimiċi perikolużi sal-2030 u l-impenn tagħha li tindirizza l-preżenza ta' sustanzi perikolużi li jintużaw fi prodotti tat-tessuti u fil-proċessi tal-produzzjoni; jesprimi dispjaċir għall-fatt li l-preżenza ta' sustanzi kimiċi perikolużi fit-tessuti ta' spiss ixxekkel l-użu mill-ġdid u r-riċiklabbiltà tagħhom[6]; jappoġġja, għaldaqstant, l-introduzzjoni ta' miri teknikament fattibbli għat-tnaqqis ta' sustanzi kimiċi perikolużi fit-tessuti u l-iskart tagħhom, kif ukoll it-traċċabbiltà sħiħa u d-divulgazzjoni ta' sustanzi kimiċi użati fil-proċessi ta' manifattura, bl-użu tal-benefiċċji tad-DPP, sabiex jiġi żgurat riċiklaġġ tat-tessuti nadif mill-bidu nett; jisħaq fuq il-ħtieġa li jiġu appoġġjati kontinwament ir-riċerka u l-finanzjament tal-prevenzjoni tat-tniġġis bil-mikroplastiċi minn tessuti sintetiċi u tixrid ta' mikrofibri; jappella lill-Kummissjoni tindirizza din il-kwistjoni fil-proposta ppjanata tagħha dwar miżuri biex jitnaqqas ir-rilaxx tal-mikroplastiċi fl-ambjent; jappella għal innovazzjoni li tipprevjeni r-rilaxx fl-ambjent tal-mikrofibri u l-mikroplastiċi f'kull stadju taċ-ċiklu tal-ħajja ta' prodott permezz ta' soluzzjonijiet tekniċi adegwati;

18. Jissottolinja l-opportunitajiet kummerċjali u l-mudelli kummerċjali alternattivi għall-użu mill-ġdid u t-tiswija u l-kontribut tagħhom għal ekosistema tat-tessuti aktar sostenibbli u ċirkolari, kif ukoll il-potenzjal għall-ħolqien tal-impjiegi permezz tal-iżvilupp ta' setturi tal-użu mill-ġdid u tar-riċiklabbiltà fl-UE; jappella biex, f'dan ir-rigward, jiġu stabbiliti inċentivi li jappoġġjaw is-setturi tal-użu mill-ġdid u tal-kiri, kif ukoll negozji ffukati fuq l-estensjoni tal-ħajja tal-ħwejjeġ; jissottolinja l-importanza tar-riċiklaġġ għaċ-ċirkolarità u t-tnaqqis tal-iskart u bħala sors ta' materja prima għall-produzzjoni tat-tessuti fl-Ewropa; jieħu nota, f'dan ir-rigward, tal-fatt li l-kisba ta' riċiklabbiltà u ċirkolarità assoluta tal-fibri eżistenti attwali hija limitata mil-liġijiet tal-fiżika; jissottolinja l-fatt li l-purità tal-input għat-tessuti taffettwa wkoll l-effiċjenza u l-vijabbiltà ekonomika tal-proċess ta' riċiklaġġ u li t-tnaqqis fil-kompożizzjoni ta' materjal imħallat isaħħaħ ir-riċiklabbiltà fl-Ewropa; jevidenzja l-ħtieġa li jinħolqu inċentivi b'saħħithom għar-riċiklaġġ kemm fil-produzzjoni kif ukoll fid-domanda u biex jinħoloq suq stabbli u miftuħ għar-riċiklaturi u l-prodotti riċiklati; jinkoraġġixxi l-użu ta' materja prima riċiklata u jissottolinja l-ħtieġa ta' suq sekondarju Ewropew għall-materja prima li jiffunzjona bis-sħiħ u kompetittiv li jippermetti lill-produtturi jimxu lejn rati ogħla ta' materjali riċiklati fil-prodotti tagħhom; ifakkar li sabiex tinħoloq industrija Ewropea tar-riċiklaġġ, ir-rekwiżiti tal-ġbir, is-separazzjoni, it-trattament tal-iskart u l-vjeġġi tul il-katina tal-valur kollha jeħtieġu l-investimenti adatti; jappella lill-Istati Membri jżidu l-investimenti tagħhom fit-teknoloġiji tar-riċiklaġġ, inkluża l-espansjoni tal-impjanti tar-riċiklaġġ eżistenti, u b'mod partikolari investimenti f'teknoloġiji tar-riċiklaġġ

[6] https://op.europa.eu/en/publication-detail/-/publication/739a1cca-6145-11ec-9c6c-01aa75ed71a1.

mekkaniċi u kimiċi; jappella, għaldaqstant, għal finanzjament Ewropew li jiġi dirett lejn l-iżvilupp ta' teknoloġiji lesti għar-riċiklaġġ;

19. Jissottolinja l-importanza ta' kriterji armonizzati għat-tmiem tal-istadju tal-iskart u definizzjoni tal-iskart għat-tessuti sabiex tiġi żgurata bidla lejn rati ogħla ta' materjali riċiklati fil-prodotti tat-tessuti; jappella għat-tneħħija ta' ostakli possibbli għall-irkupru ta' materjal ta' skart li ma jistax jibqa' jintuża fis-settur tat-tessuti u għall-innovazzjoni fl-użu possibbli tiegħu f'setturi oħra; jappella lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jikkunsidraw l-iskart tat-tessuti bħala materja prima, sabiex l-iskart jiġi ttrasformat f'valur wara li jkun għadda minn proċess ta' rkupru suffiċjenti, għall-produzzjoni tat-tessuti; ifakkar fl-obbligu li l-Istati Membri jkollhom infrastruttura ta' ġbir separat għat-tessuti mill-1 ta' Jannar 2025; jissottolinja l-ħtieġa urġenti li l-fondi jiġu diretti, kemm fil-livell tal-UE kif ukoll f'dak nazzjonali, lejn ir-riċerka, l-innovazzjoni u ż-żieda tal-infrastruttura għas-separazzjoni manwali u awtomatika tal-kompożizzjoni tat-tessuti ta' kwalità għolja sabiex l-industrija tkun lesta tagħmel użu mill-iskart miġbur permezz tar-riċiklaġġ, l-użu mill-ġdid jew it-tiswija u biex tiġi żgurata l-ġestjoni ambjentalment korretta tat-tessuti miġbura; jappella, minħabba r-rati baxxi ta' ġbir, biex jiġu żviluppati inċentivi għall-konsumatur biex jinkisbu rati ogħla ta' ġbir tat-tessuti, inkluż għall-użu mill-ġdid għal skopijiet soċjali; jinkoraġġixxi lill-Kummissjoni timmonitorja l-Istati Membri li implimentaw ġbir separat qabel l-1 ta' Jannar 2025 sabiex jiġbru l-aħjar prattiki u jidentifikaw kwistjonijiet possibbli relatati mal-armonizzazzjoni tal-prattiki tal-għażla u l-ġbir fil-livell tal-UE;

20. Jissottolinja l-fatt li l-azzjonijiet meħuda skont l-istrateġija tal-UE dwar it-tessuti għandhom jiffukaw primarjament fuq l-innovazzjonijiet diġitali, l-eliminazzjoni gradwali tal-fibri mhux riċiklabbli u l-iżvilupp ta' tipi ġodda ta' fibri b'impatt ambjentali aktar baxx; jappella lill-Kummissjoni, flimkien mal-Istati Membri, l-industrija u l-istituzzjonijiet tar-riċerka, biex tinkoraġġixxi u tiffinanzja r-riċerka biex il-prodotti tat-tessuti jsiru ħielsa minn sustanzi perikolużi u fil-kompromessi bejn fibri li huma aktar durabbli, jistgħu jerġgħu jintużaw, riċiklabbli u jistgħu jissewwew; jisħaq fuq il-ħtieġa li wieħed iħares lil hinn mill-fibri u t-tessuti eżistenti bħalissa sabiex jiżdiedu r-riċerka u l-innovazzjoni relatati mal-invenzjoni ta' materja prima ġdida sabiex titnaqqas l-impronta tal-karbonju tal-produzzjoni tat-tessuti u titnaqqas id-dipendenza mill-art, l-ilma u ż-żejt għall-ekosistema tat-tessuti; jinnota li tipi ġodda ta' fibri u tessuti flimkien ma' soluzzjonijiet diġitali ser ikunu jistgħu jtejbu l-ħajja taċ-ċittadini, pereżempju billi jipprovdu informazzjoni dwar is-saħħa lill-utenti tal-prodott skont il-konsiderazzjonijiet tal-privatezza; jevidenzja l-fatt li l-fibri artifiċjali għadhom essenzjali fil-manifattura ta' tessuti tekniċi flimkien ma' bosta kategoriji oħra ta' tessuti; jevidenzja l-ħtieġa ta' riċerka u innovazzjoni relatati mal-fibri artifiċjali, kemm dawk b'bażi bijoloġika kif ukoll dawk sintetiċi, bħar-riċiklaġġ tal-iskart għall-fibri, tal-fibri għall-fibri u l-upcycling tal-plastik mir-riżorsi biex jinħolqu tessuti ġodda;

21. Jissottolinja li r-riċerka u l-innovazzjoni huma essenzjali biex tissaħħaħ il-kompetittività tal-pożizzjoni ewlenija tal-industrija tat-tessuti tal-UE fl-innovazzjoni, speċjalment fil-proċessi ta' manifattura sostenibbli, il-fibri bijodegradabbli u sostenibbli bħall-fibri b'bażi bijoloġika, il-bijosoluzzjonijiet li għandhom jintużaw tul il-katina tal-valur tat-tessuti, l-invenzjoni u ż-żieda fil-produzzjoni ċirkolari u sikura, it-teknoloġiji tas-separazzjoni tal-kompożizzjoni awtomatika ta' kwalità għolja u t-teknoloġiji tar-riċiklaġġ u l-isfruttar tal-opportunitajiet offruti mid-diġitalizzazzjoni, pereżempju dawk

relatati ma' tessuti intelliġenti u DPP interoperabbli u standardizzata favorevoli għall-SMEs; jinkoraġġixxi lill-Istati Membri, lir-reġjuni u lill-awtoritajiet ta' ġestjoni jagħmlu użu mill-Fondi Strutturali Ewropej kif ukoll mill-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza biex jisfruttaw il-potenzjal tal-industrija tat-tessuti Ewropea għal soluzzjonijiet innovattivi ħalli jkomplu jiddiġitalizzaw u jiddekarbonizzaw is-settur, jappoġġjaw lill-SMEs u jappoġġjaw inizjattivi ta' titjib tal-ħiliet u taħriġ mill-ġdid; jappella, għaldaqstant, għall-iżvilupp ta' ċentri Ewropej tat-tessuti li jgħaqqdu ċentri ta' riċerka innovattivi ma' impjanti ta' ġbir, separazzjoni, riċiklaġġ u rimi, li jibdlu l-iskart f'valur u joħolqu impjiegi ġodda fiċ-ċentri tal-manifattura tat-tessuti; jappella lill-Kummissjoni tniedi alleanza industrijali tal-UE ddedikata għal dan;

22. Ifakkar li jeżistu diversi opportunitajiet ta' finanzjament tal-UE, pereżempju fi ħdan ir-Raggruppament 2 ta' Orizzont Ewropa jew permezz il-Kunsill Ewropew tal-Innovazzjoni (EIC); jappella għall-ħolqien ta' aġenda ta' riċerka u innovazzjoni tal-UE allinjata mal-perkors ta' tranżizzjoni għall-ekosistema tat-tessuti; jenfasizza li l-aġenda tar-riċerka u l-innovazzjoni tal-UE għandha tindirizza l-katina tal-valur kollha taċ-ċirkolarità fl-ekosistema tat-tessuti; jappella, f'dan ir-rigward, għal sħubija koprogrammata ddedikata fil-livell tal-UE biex tiżdied il-kompetittività tal-Unjoni Ewropea f'tessuti innovattivi u sostenibbli; jisħaq li tali sħubija għandha tiġbor u taċċellera l-attivitajiet ta' riċerka, innovazzjoni, ittestjar pilota, dimostrazzjoni u edukazzjoni f'erba' oqsma strateġiċi, jiġifieri l-ekonomija ċirkolari, responsabbli u b'bażi bijoloġika, il-manifattura diġitali u l-ktajjen tal-provvista, il-materjali u l-prodotti intelliġenti u ta' prestazzjoni għolja, u ħiliet diġitali u ekoloġiċi avvanzati; jisħaq li l-programmi ta' ħidma li jmiss ta' Orizzont Ewropa għandhom jirriflettu l-għanijiet taċ-ċirkolarità u s-sostenibbiltà kif stabbiliti fl-istrateġija tal-UE għat-tessuti u fl-aġenda korrispondenti tal-UE għar-riċerka u l-innovazzjoni għat-tessuti; jirrimarka, barra minn hekk, li appelli relatati għandhom ikunu bbażati fuq l-involviment strutturali tal-partijiet ikkonċernati fl-ekosistema kollha filwaqt li jħeġġu lis-setturi tat-tessuti u tat-teknoloġija diġitali jiżviluppaw il-potenzjal diġitali sħiħ tal-industrija tat-tessuti; jissottolinja r-rwol ewlieni li għandu jkollhom l-Istitut Ewropew tal-Innovazzjoni u t-Teknoloġija u l-Komunitajiet ta' Konoxxenza u Innovazzjoni (Kultura u Kreattività[7] u Manifattura[8]) f'dan il-proċess; iqis li l-potenzjal innovattiv u intraprenditorjali tal-ekosistema tat-tessuti għadu mhuwiex rikonoxxut b'mod ġust fi ħdan il-komunità tal-innovazzjoni u jappella lill-Kummissjoni taħtar maniġer tal-programm tal-EIC għal tessuti innovattivi, intelliġenti u sostenibbli u biex torganizza sfidi ddedikati għall-aċċeleratur tal-EIC.

[7] https://eit.europa.eu/eit-community/eit-culture-creativity.
[8] https://www.eitmanufacturing.eu/.

## INFORMAZZJONI DWAR L-ADOZZJONI FIL-KUMITAT LI JINTALAB JAGĦTI OPINJONI

| | |
|---|---|
| **Data tal-adozzjoni** | 28.3.2023 |
| **Riżultat tal-votazzjoni finali** | +: 64<br>–: 2<br>0: 0 |
| **Membri preżenti għall-votazzjoni finali** | Matteo Adinolfi, Nicola Beer, François-Xavier Bellamy, Hildegard Bentele, Tom Berendsen, Vasile Blaga, Paolo Borchia, Marc Botenga, Markus Buchheit, Martin Buschmann, Cristian-Silviu Buşoi, Jerzy Buzek, Maria da Graça Carvalho, Ignazio Corrao, Beatrice Covassi, Ciarán Cuffe, Josianne Cutajar, Nicola Danti, Martina Dlabajová, Christian Ehler, Valter Flego, Niels Fuglsang, Lina Gálvez Muñoz, Jens Geier, Nicolás González Casares, Bart Groothuis, Christophe Grudler, Robert Hajšel, Romana Jerković, Seán Kelly, Izabela-Helena Kloc, Łukasz Kohut, Andrius Kubilius, Marisa Matias, Dan Nica, Angelika Niebler, Niklas Nienaß, Johan Nissinen, Mauri Pekkarinen, Morten Petersen, Markus Pieper, Maria Spyraki, Beata Szydło, Riho Terras, Patrizia Toia, Marie Toussaint, Isabella Tovaglieri, Henna Virkkunen, Pernille Weiss, Carlos Zorrinho |
| **Sostituti preżenti għall-votazzjoni finali** | Alex Agius Saliba, Rasmus Andresen, Tiziana Beghin, Franc Bogovič, Jakop G. Dalunde, Pietro Fiocchi, Klemen Grošelj, Martin Hojsík, Marina Kaljurand, Dace Melbārde, Rob Rooken, Bronis Ropė, Ernő Schaller-Baross, Jordi Solé, Susana Solís Pérez |
| **Sostituti (skont l-Artikolu 209(7)) preżenti għall-votazzjoni finali** | Sven Simon |

## VOTAZZJONI FINALI B'SEJĦA TAL-ISMIJIET FIL-KUMITAT LI JINTALAB JAGĦTI OPINJONI

| 64 | + |
|---|---|
| ECR | Pietro Fiocchi, Izabela-Helena Kloc, Beata Szydło |
| ID | Matteo Adinolfi, Paolo Borchia, Markus Buchheit, Isabella Tovaglieri |
| NI | Tiziana Beghin, Martin Buschmann, Ernő Schaller-Baross |
| PPE | François-Xavier Bellamy, Hildegard Bentele, Tom Berendsen, Vasile Blaga, Franc Bogovič, Cristian-Silviu Buşoi, Jerzy Buzek, Maria da Graça Carvalho, Christian Ehler, Seán Kelly, Andrius Kubilius, Dace Melbārde, Angelika Niebler, Markus Pieper, Sven Simon, Maria Spyraki, Riho Terras, Henna Virkkunen, Pernille Weiss |
| Renew | Nicola Beer, Nicola Danti, Martina Dlabajová, Valter Flego, Bart Groothuis, Klemen Grošelj, Christophe Grudler, Martin Hojsík, Mauri Pekkarinen, Morten Petersen, Susana Solís Pérez |
| S&D | Alex Agius Saliba, Beatrice Covassi, Josianne Cutajar, Niels Fuglsang, Lina Gálvez Muñoz, Jens Geier, Nicolás González Casares, Robert Hajšel, Romana Jerković, Marina Kaljurand, Łukasz Kohut, Dan Nica, Patrizia Toia, Carlos Zorrinho |
| The Left | Marc Botenga, Marisa Matias |
| Verts/ALE | Rasmus Andresen, Ignazio Corrao, Ciarán Cuffe, Jakop G. Dalunde, Niklas Nienaß, Bronis Ropė, Jordi Solé, Marie Toussaint |

| 2 | - |
|---|---|
| ECR | Johan Nissinen, Rob Rooken |

| 0 | 0 |
|---|---|
| | |

Tifsira tas-simboli użati:
+ : favur
- : kontra
0 : astensjoni

2.3.2023

# OPINJONI TAL-KUMITAT GĦALL-IŻVILUPP

għall-Kumitat għall-Ambjent, is-Saħħa Pubblika u s-Sikurezza tal-Ikel

dwar l-istrateġija tal-UE għal tessuti sostenibbli u ċirkolari
(2022/2171(INI))

Rapporteur għal opinjoni: Marlene Mortler

## SUĠĠERIMENTI

Il-Kumitat għall-Iżvilupp jistieden lill-Kumitat għall-Ambjent, is-Saħħa Pubblika u s-Sikurezza tal-Ikel, bħala l-kumitat responsabbli, biex jinkorpora s-suġġerimenti li ġejjin fil-mozzjoni għal riżoluzzjoni tiegħu:

A. billi s-settur tat-tessuti, l-ilbies, il-prodotti tal-ġilda u ż-żraben (TCLF) huwa wieħed mill-akbar setturi fl-ekonomija globali, li l-maġġoranza tal-ħaddiema fih huma nisa; billi huwa kkaratterizzat minn kundizzjonijiet tax-xogħol ħżiena u ksur tad-drittijiet tal-ħaddiema, inkluż fir-rigward tal-kundizzjonijiet u d-drittijiet tal-bdiewa li jkabbru għelejjel tal-fibra agrikola bħall-qoton;

B. billi l-katina tal-valur tat-TCLF saret dejjem aktar xprunata mix-xerrejja, u dan wassal għal prezzijiet baxxi, żieda fil-pressjoni tal-ħin u termini ta' pagament ħżiena; billi dawn il-kundizzjonijiet ta' asimmetriji tas-saħħa fis-suq bejn il-fornituri u x-xerrejja globali jħeġġu u jaggravaw ir-riskju ta' abbużi tad-drittijiet tax-xogħol fil-fabbriki li jipproduċu t-TCLF;

C. billi l-produzzjoni u l-konsum tat-tessuti għandhom ukoll impatti serji fuq l-ambjent f'termini ta' emissjonijiet ta' gassijiet serra, tniġġis kimiku, użu tar-riżorsi u l-volum ta' skart tat-tessuti li jintbagħat fil-landfills;

D. billi madwar 60 % tal-ħwejjeġ kollha prodotti fil-Bangladesh huma importati fl-UE; billi l-Patt dwar is-Sostenibbiltà tal-Bangladesh (2013) għandu l-għan li jippromwovi titjib kontinwu fid-drittijiet tax-xogħol u fis-sikurezza tal-fabbriki fis-settur tal-ħwejjeġ lesti biex jintlibsu; billi l-Patt dwar is-Sostenibbiltà kiseb titjib tanġibbli fit-tisħiħ tal-bini u s-sikurezza fuq il-post tax-xogħol filwaqt li falla bħala għodda effettiva għall-promozzjoni tad-drittijiet tal-ħaddiema;

E. billi l-UE għandha rwol ewlieni bħala produttur, investitur, xerrej/importatur, bejjiegħ bl-imnut u konsumatur fil-ktajjen tal-valur tat-TCLF u għalhekk għandha ingranaġġ konsiderevoli biex tindirizza l-impatti soċjali u ambjentali negattivi tal-industrija tat-TCLF;

1. Jilqa' l-proposta għal regolament dwar l-ekodisinn għal prodotti sostenibbli u jilqa' b'mod speċjali l-istrateġija tal-UE għal tessuti sostenibbli u ċirkolari bħala pass 'il quddiem fl-indirizzar tal-isfidi marbuta mal-produzzjoni tat-tessuti u l-ħwejjeġ (T&C), ix-xejriet ta' konsum mhux sostenibbli, l-iskart u l-hekk imsejjaħ greenwashing; jistieden lill-Kummissjoni tippubblika l-proposta leġiżlattiva dwar l-issostanzjar tal-asserzjonijiet ambjentali u jfakkar li l-asserzjonijiet dwar is-sostenibbiltà fis-suq uniku tal-UE għandhom ikunu ċari, rilevanti u sostanzjati; jisħaq li l-miżuri adottati wara l-preżentazzjoni tal-istrateġija tal-UE għandhom ikunu allinjati bis-sħiħ mal-objettivi klimatiċi u ambjentali tal-Unjoni, b'mod partikolari li tinkiseb in-newtralità klimatika sa mhux aktar tard mill-2050 u li jitwaqqaf u jitreġġa' lura t-telf tal-bijodiversità; jilqa' l-isforzi ulterjuri tal-UE biex tissodisfa l-impenji tagħha dwar l-Għanijiet ta' Żvilupp Sostenibbli (SDGs) għall-2030 tan-NU, speċjalment l-SDG 12 (konsum u produzzjoni responsabbli) u l-SDG 8 (xogħol deċenti u tkabbir ekonomiku) filwaqt li xorta jqis il-piż amministrattiv u finanzjarju li dawn l-isforzi joħolqu għan-negozji; iħeġġeġ bil-qawwa l-promozzjoni ta' dan l-approċċ internazzjonalment, inkluż permezz tat-tisħiħ tal-kooperazzjoni ma' pajjiżi sħab li qed jiżviluppaw biex jiġu limitati l-impatti negattivi tal-industrija globali tat-tessuti fuq it-tibdil fil-klima u l-bijodiversità, iżda wkoll biex jittejbu l-kundizzjonijiet tax-xogħol u dawk soċjali f'dan is-settur speċifiku tas-suq;

2. Jiddenunzja ċ-ċirku vizzjuż maħluq mill-effetti tat-tibdil fil-klima li jġiegħlu lill-ħaddiema agrikoli jabbandunaw l-art tagħhom, minħabba li m'għadhiex adattata għall-biedja, biex imorru fiċ-ċentri industrijali u jkunu sfurzati jfittxu impjieg ta' sfruttament fl-industriji tal-ħwejjeġ u oħrajn; ifakkar li dawn il-ħaddiema migranti huma partikolarment vulnerabbli għall-isfruttament, peress li ma għandhomx networks ta' appoġġ soċjali u minħabba li hemm nuqqas ġenerali ta' infrastruttura soċjali u protezzjoni legali; ifakkar li l-għadd dejjem jikber ta' nixfiet u għargħar jhedded ukoll lill-bdiewa tal-qoton madwar id-dinja; ifakkar li l-qoton huwa eżempju partikolarment notevoli taċ-ċirku vizzjuż imsemmi, peress li jagħmel ħsara lill-ħamrija minħabba l-użu eċċessiv tal-ilma filwaqt li jkollu wkoll effetti dannużi fuq il-bdiewa u l-ambjent minħabba l-użu tal-pestiċidi;

3. Ifakkar fil-prinċipju tal-koerenza tal-politiki għall-iżvilupp (PCD) u b'mod speċjali l-Artikolu 208 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea li jiddikjara li "L-Unjoni għandha tieħu inkunsiderazzjoni l-objettivi ta' kooperazzjoni għall-iżvilupp fl-implimentazzjoni tal-politika li x'aktarx tolqot lill-pajjiżi li qed jiżviluppaw"; jisħaq fuq l-importanza li jiġu minimizzati l-kontradizzjonijiet possibbli u jinbnew sinerġiji mal-politika ta' kooperazzjoni għall-benefiċċju tal-pajjiżi li qed jiżviluppaw u biex tiżdied l-effikaċja tal-kooperazzjoni għall-iżvilupp; jenfasizza l-importanza tal-PCD biex tippermetti approċċ integrat biex jintlaħqu l-SDGs;

4. Jenfasizza li l-produzzjoni tat-tessuti u l-ħwejjeġ spiss issir barra mill-UE u ħafna mit-tessuti u l-ħwejjeġ ikkummerċjalizzati fl-UE jiġu importati minn pajjiżi li qed jiżviluppaw, u dan jiġġenera riskji ambjentali, tax-xogħol u tad-drittijiet tal-bniedem li jeħtieġ li jiġu identifikati u indirizzati; jistieden lill-Kummissjoni tiżgura kundizzjonijiet ekwi għall-prodotti magħmula fl-Unjoni u dawk esportati jew importati sabiex tippromwovi ktajjen tal-valur ekoloġiċi u ġusti bejn il-fruntieri u l-kontinenti; jissottolinja li l-mixja lejn il-produzzjoni sostenibbli u ċirkolari tat-tessuti u l-ħwejjeġ tirrikjedi approċċ olistiku u investiment tul il-katina tal-valur tat-tessuti biex jinħolqu opportunitajiet għal attivitajiet ekonomiċi ċirkolari lokali ta' valur għoli; jisħaq li s-

setgħa fis-suq tal-UE trid tiġi ingranata biex tinkoraġġixxi prattiki ta' produzzjoni sostenibbli fl-industrija tat-tessuti u l-ħwejjeġ, inkluż permezz tal-implimentazzjoni, il-monitoraġġ u l-evalwazzjoni tal-Patt dwar is-Sostenibbiltà bħala għodda għall-promozzjoni tad-drittijiet tal-ħaddiema; ifakkar fil-ħtieġa li tiġi promossa ċ-ċirkolarità u li jiġi implimentat approċċ taċ-ċiklu tal-ħajja li jqis il-katina tal-valur kollha, filwaqt li jiżgura t-traċċabilità kif ukoll jappoġġa l-produzzjoni ta' tessuti innovattivi li huma aktar durabbli, riutilizzabbli, jistgħu jissewwew, riċiklabbli u effiċjenti fl-użu tal-enerġija; jappoġġa l-miżuri li għandhom l-għan li jindirizzaw il-greenwashing u li jżidu s-sensibilizzazzjoni dwar l-implikazzjonijiet li għandhom il-moda mgħaġġla u l-imġiba tal-konsumatur għall-pjaneta;

5. Jisħaq li l-ktajjen tal-valur tat-tessuti u l-ħwejjeġ huma ta' spiss ikkaratterizzati minn riskji soċjali u ambjentali li jaffettwaw lill-kumpaniji u lill-partijiet ikkonċernati tul il-katina tal-valur, inklużi l-bdiewa, il-produtturi u l-ħaddiema; jilqa' l-proposta tal-Kummissjoni għal direttiva dwar id-diliġenza dovuta sostenibbli korporattiva (CSDD) bħala pass importanti biex jiġu indirizzati problemi speċifiċi fis-settur tat-tessuti; jenfasizza li l-impatti ambjentali u soċjali negattivi fil-pajjiżi fornituri ma jistgħux jiġu evitati biss permezz ta' leġiżlazzjoni dwar id-diliġenza dovuta; jistieden lill-Kummissjoni tipprovdi appoġġ addizzjonali lill-pajjiżi sħab, b'mod partikolari għall-atturi lokali; ifakkar li l-proposta CSDD għandha l-għan li trawwem imġiba korporattiva sostenibbli u responsabbli fil-ktajjen tal-valur globali bħala mezz ta' protezzjoni tad-drittijiet tal-bniedem u tal-ambjent; jirrimarka li, skont l-Organizzazzjoni Internazzjonali tax-Xogħol (ILO), l-iżbilanċ attwali tal-poter bejn ix-xerrejja tal-ħwejjeġ u l-fornituri tagħhom (muri f'fenomeni bħal bidliet tal-aħħar minuta fid-disinji jew fiż-żmien meħtieġ, emendi unilaterali għall-kuntratti, prattiki ta' xiri inaċċettabbli u kanċellazzjoni tal-aħħar minuta tal-ordnijiet) jikkawża produzzjoni żejda, jaħli riżorsi naturali u jisfrutta l-ħaddiema fl-industrija, u b'hekk iżid ir-riskju ta' ksur tad-drittijiet tax-xogħol u tad-drittijiet tal-bniedem; jenfasizza l-ħtieġa li jiġu indirizzati l-prattiki kummerċjali inġusti fis-settur tat-tessuti u l-ħwejjeġ permezz ta' approċċ regolatorju, inkluż permezz tal-projbizzjoni ta' prattiki kummerċjali inġusti għall-kumpaniji attivi fis-suq uniku tal-UE billi tiġi riveduta l-leġiżlazzjoni eżistenti;

6. Ifakkar li s-snajja' indiġeni spiss jiġu approprjati, li huwa relatat mar-razziżmu strutturali, u spiss jintużaw għall-ħwejjeġ għall-konsum tal-massa; ifakkar li huma sagrifikati l-artiġjanat tradizzjonali u l-produtturi tiegħu, peress li l-komunitajiet lokali jiġu sfurzati f'impjiegi relatati mal-ħwejjeġ bi ħlas baxx[1];

7. Jirrimarka li t-tessuti u l-ħwejjeġ mill-Ewropa ta' spiss jiġu esportati lejn pajjiżi li qed jiżviluppaw biex jintremew; jisħaq fuq il-fatt li din il-prattika ta' ħsara titfa' l-problemi ambjentali li jirriżultaw mir-rimi tat-tessuti u l-ħwejjeġ ikkawżati minn produzzjoni żejda u konsum żejjed fuq pajjiżi li qed jiżviluppaw; jirrakkomanda li tiġi stabbilita ċirkolarità xierqa biex jiġu evitati dawn it-tipi ta' prattiki ta' ħsara; jirrakkomanda wkoll li tiżdied il-kapaċità fl-Ewropa li t-tessuti u l-ħwejjeġ jissewwew u jerġgħu jintużaw; jissottolinja l-ħtieġa li jiġu appoġġati wkoll l-investimenti fl-infrastruttura tar-riċiklaġġ u tat-tiswija fil-pajjiżi li qed jiżviluppaw u li jiġu aġġornati l-kapaċitajiet tagħhom biex jirriċiklaw u jsewwu l-ħwejjeġ; iħeġġeġ lill-UE u lill-Istati Membri tagħha jirriformaw

[1] https://cleanclothes.org/file-repository/an-intersectional-approach-challenging-discrimination-in-the-garment-industry_lbl_dci-wpc-paper-final.pdf.

b'mod fundamentali n-natura lineari tal-industrija tat-tessuti sabiex jitnaqqas il-konsum tar-riżorsi bħall-ilma u jitnaqqsu t-tniġġis u l-iskart, b'mod partikolari billi jittejjeb l-ipproċessar fi tmiem il-ħajja biex tiġi indirizzata l-problema enormi tat-tunnellati ta' mikroplastiċi li jiġu rilaxxati kull sena u li jispiċċaw iniġġsu l-ilmijiet, l-ibħra, l-art u l-arja tagħna kif ukoll jikkawżaw ħsara lill-ekosistemi tagħna; iħeġġeġ lill-UE u lill-Istati Membri tagħha jużaw ukoll sustanzi mhux perikolużi, joħolqu impjiegi deċenti fis-setturi tat-tiswija, ir-riċiklaġġ u l-manutenzjoni, u jaħdmu biex inaqqsu b'mod effettiv il-produzzjoni żejda speċjalment bil-ħsieb li jinżammu l-istandards ambjentali u tax-xogħol f'pajjiżi terzi; jistieden lill-UE tistabbilixxi mekkaniżmu ta' kontroll effettiv għall-esportazzjoni ta' tessuti użati sabiex jiġu evitati vjeġġi illegali lejn pajjiżi terzi, u tistabbilixxi kriterji tal-UE għat-tikkettar ta' flussi ta' skart bħala oġġetti użati biex tiġi evitata ċ-ċirkomvenzjoni tal-kontrolli;

8. Ifakkar li l-ġbir separat tat-tessuti se jkun obbligatorju fl-UE mill-1 ta' Jannar 2025; jissottolinja li r-reviżjoni tad-Direttiva Qafas dwar l-Iskart ippjanata għall-2024 għandha tikkunsidra miri separati speċifiċi għall-prevenzjoni tal-iskart tat-tessuti, l-użu mill-ġdid tat-tessuti, it-tħejjija għall-użu mill-ġdid, u r-riċiklaġġ; jissottolinja li l-promozzjoni qawwija tas-settur tal-użu mill-ġdid hija essenzjali sabiex il-konsumaturi jingħataw opzjonijiet ta' ħwejjeġ sostenibbli bi prezz raġonevoli, li mbagħad huwa fattur essenzjali biex tiġi indirizzata l-"moda mgħaġġla";

9. Jisħaq fuq il-ħtieġa li tiġi intensifikata t-tfittxija għal soluzzjonijiet innovattivi (bħal magni, tagħmir u pjattaformi diġitali) għas-separazzjoni, l-użu mill-ġdid u l-ġestjoni tal-iskart tat-tessuti miġbur sal-istadju tar-riċiklaġġ;

10. Jisħaq li l-kundizzjonijiet tax-xogħol fl-industrija tat-tessuti fil-pajjiżi li qed jiżviluppaw spiss huma inferjuri u għandhom impatt negattiv dirett fuq l-istandards tal-għajxien tal-ħaddiema minħabba, fost fatturi oħra, pagi baxxi, kundizzjonijiet tax-xogħol ħżiena, standards ta' sikurezza inadegwati, ksur tad-drittijiet tal-ħaddiema, ħinijiet tax-xogħol twal, limitazzjonijiet għal-libertà ta' assoċjazzjoni u n-negozjar kollettiv, prattiki ta' ħsara bħall-użu ta' sustanzi kimiċi perikolużi jew perikli oħra għas-saħħa, vjolenza abbażi tal-ġeneru, u abbuż psikoloġiku u fiżiku; ifakkar li l-ksur tad-drittijiet tal-bniedem assoċjat mal-ktajjen tal-valur tat-tessuti u l-ħwejjeġ u li jseħħ fil-pajjiżi produtturi spiss jista' jiġi attribwit għal liġijiet dgħajfa jew għan-nuqqas ta' infurzar tal-liġijiet eżistenti; jenfasizza li, meta jseħħ ksur, il-ħaddiema jiffaċċjaw bosta ostakli biex jaċċessaw jew jirċievu rimedju għal tali ħsara; ifakkar fl-importanza li jintlaħaq l-SDG 5 dwar l-ugwaljanza bejn il-ġeneri għas-settur, peress li madwar 75 % tal-impjegati fis-settur tal-ħwejjeġ huma nisa u huma soċjalment u ekonomikament f'pożizzjoni saħansitra aktar vulnerabbli; ifakkar li n-nisa jintlaqtu partikolarment ħażin mill-faqar, il-kriżijiet ekonomiċi, il-vjolenza, id-diżastri ambjentali u l-estremitajiet klimatiċi; jiddenunzja d-differenza fil-pagi bejn il-ġeneri u n-nuqqas ta' nisa fi rwoli ta' tmexxija għolja fis-settur tat-tessuti u l-ħwejjeġ madwar id-dinja; jikkundanna x-xogħol persistenti tat-tfal u tal-migranti irregolari, ix-xogħol furzat u l-korruzzjoni fl-industrija; jissottolinja, f'dan ir-rigward, il-ħtieġa li l-UE tippromwovi r-ratifika tal-konvenzjonijiet kollha tal-ILO li huma rilevanti għall-industrija tat-tessuti fil-pajjiżi sħab; itenni r-responsabbiltà tal-UE li tfassal sħubijiet ma' atturi lokali li jippromwovu d-drittijiet tal-bniedem, il-proċessi demokratiċi, il-governanza tajba, l-ugwaljanza bejn il-ġeneri u s-sostenibbiltà fis-settur tat-tessuti;

11. Ifakkar li l-produzzjoni globali tat-tessuti kważi rduppjat bejn l-2000 u l-2015 filwaqt li inqas minn 1 % tat-tessuti kollha madwar id-dinja huma riċiklati fi prodotti ġodda; jirrimarka li madwar żewġ terzi tal-fatturat tat-tessuti u l-ħwejjeġ fl-Istati Membri huma importati u li sehem imdaqqas ta' dan il-fatturat huwa importat minn pajjiżi li qed jiżviluppaw bħall-Bangladesh, l-Indja, il-Pakistan u l-Kambodja; jinnota li l-biċċa l-kbira tal-impatt ambjentali tal-konsum tat-tessuti tal-UE jseħħ barra mill-UE, bħal 90 % tal-użu tal-art, kważi 90 % tal-użu tal-ilma, 80 % tal-użu tal-materja prima, u kważi 75 % tal-emissjonijiet tal-gassijiet serra; jitlob informazzjoni u żvelar aktar robusti dwar l-impatti tal-industrija tat-tessuti u l-ħwejjeġ fuq l-ambjent u speċjalment fuq il-bijodiversità; ifakkar li, peress li l-industrija globali tat-tessuti u l-ħwejjeġ hija attwalment responsabbli għall-produzzjoni ta' 92 miljun tunnellata ta' skart fis-sena, il-pajjiżi li qed jiżviluppaw jiffaċċjaw aktar diffikultajiet biex iżommu standards soċjali u ambjentali adegwati fil-produzzjoni tat-tessuti u l-ħwejjeġ;

12. Jilqa' l-introduzzjoni ta' passaport diġitali tal-prodotti (DPP) għat-tessuti; jisħaq li l-passaport diġitali tal-prodotti għandu jkun fih informazzjoni dwar kif l-istandards ambjentali, tax-xogħol u tad-drittijiet tal-bniedem jiġu rrispettati permezz tal-katina tal-provvista kollha;

13. Jissottolinja li t-tranżizzjoni lejn industrija tat-tessuti aktar sostenibbli u ċirkolari toffri l-opportunità li jittejbu l-kundizzjonijiet tax-xogħol u r-remunerazzjoni tal-ħaddiema; jistieden lill-Kummissjoni u l-Istati Membri jiżguraw l-possibbiltà ta' taħriġ u edukazzjoni settorjali fil-qasam tat-tessuti sostenibbli sabiex jissalvagwardjaw l-impjiegi attwali, itejbu s-sodisfazzjon tal-ħaddiema u jiżguraw id-disponibbiltà ta' forza tax-xogħol b'ħiliet speċjalizzati fi ħdan u barra mill-UE;

14. Iħeġġeġ bil-qawwa lill-Kummissjoni, għalhekk, biex tissupplimenta l-istrateġija bi programmazzjoni reġjonali u tal-pajjiż korrispondenti għall-pajjiżi li qed jiżviluppaw fil-qafas tal-Istrument ta' Viċinat, ta' Kooperazzjoni għall-Iżvilupp u ta' Kooperazzjoni Internazzjonali – Ewropa Globali u l-inizjattivi ta' Tim Ewropa, li għandhom jippromwovu u jikkomunikaw viżibbilment dwar proġetti sostenibbli ji jippromwovu r-riformi tal-governanza u infurzar aħjar tal-liġijiet, b'mod partikolari l-liġijiet tax-xogħol, kif ukoll proġetti sostenibbli li jgħinu fil-bini ta' infrastruttura ta' produzzjoni u distribuzzjoni tat-tessuti u l-ħwejjeġ li tipproteġi l-ambjent kif ukoll id-drittijiet soċjali u tax-xogħol, inkluż permezz tal-appoġġ u l-promozzjoni ta' intrapriżi żgħar u medji u intrapriżi soċjali;

15. Ifakkar li l-politiki kummerċjali jista' jkollhom rwol kruċjali fil-kontribut għal ktajjen tal-valur sostenibbli tat-TCLF, b'mod partikolari permezz tal-infurzar effettiv tal-kapitoli dwar il-kummerċ u l-iżvilupp sostenibbli tal-ftehimiet kummerċjali tal-UE, inkluż permezz ta' mekkaniżmi tal-ilmenti biex jirrapportaw nuqqas ta' konformità ma' ftehimiet multilaterali dwar ix-xogħol u l-ambjent, u permezz tal-użu sistematiku ta' valutazzjonijiet tal-impatt fuq is-sostenibbiltà tal-kummerċ *ex ante* u *ex post* u parteċipazzjoni akbar tal-partijiet ikkonċernati; iħeġġeġ lill-UE, barra minn hekk, timplimenta u timmonitorja b'mod effettiv, b'mod trasparenti u parteċipattiv, il-kundizzjonijiet soċjali u ambjentali marbuta mal-Iskema Ġeneralizzata ta' Preferenzi (SĠP, SĠP+ u Kollox Minbarra Armi);

16. Iħeġġeġ lill-awtoritajiet doganali u tas-suq tal-Istati Membri, ikkoordinati u appoġġati

mill-Kummissjoni, biex itejbu u jżidu s-sorveljanza tal-importazzjonijiet u l-esportazzjonijiet tat-tessuti u l-ħwejjeġ sabiex jiġi evitat li prodotti magħmula f'pajjiżi li qed jiżviluppaw bi ksur tal-istandards tax-xogħol, soċjali u ambjentali jidħlu fis-suq uniku, kif ukoll biex tiġi evitata l-esportazzjoni lejn pajjiżi li qed jiżviluppaw ta' tessuti u ħwejjeġ li huma ttikkettati bħala prodotti użati iżda li fil-fatt huma skart;

17. Ifakkar fil-ħtieġa li jittejbu r-responsabbiltà u t-trasparenza tal-marki fis-settur tat-tessuti u l-ħwejjeġ sabiex jiġi ggarantit id-dritt għall-informazzjoni għall-konsumaturi;

18. Jistieden lill-UE ssaħħaħ id-djalogu politiku mal-pajjiżi produtturi, inkluż dwar il-kwistjoni ta' spazji politiċi li qed jiċkienu għas-soċjetà ċivili u t-trade unions biex jippromwovu kundizzjonijiet tax-xogħol deċenti fil-fabbriki tat-TCLF;

19. Ifakkar li aktar minn 200 miljun siġra jinqatgħu kull sena bl-għan li jiġu pproċessati f'tessuti ċellulożiċi bħall-visk u r-rayon, u li sa 30 % tal-viskuż u r-rayon użati fl-industrija tal-moda huma magħmula minn foresti fil-periklu u antiki li darba kienu jospitaw pjanti u annimali indiġeni[2]; ifakkar, barra minn hekk, li fil-Brażil, l-ikklerjar tal-art għat-trobbija tal-baqar, li mbagħad jinqatlu għall-ikel u l-moda, huwa responsabbli għal 80 % tad-deforestazzjoni tal-Amażonja[3]; jenfasizza li r-regolament il-ġdid tal-UE dwar il-prodotti mingħajr deforestazzjoni se jinkludi wkoll il-ġilda.

[2]https://www.sustainably-chic.com/blog/how-the-fashion-industry-contributes-to-deforestation.
[3]https://www.collectivefashionjustice.org/articles/leather-lobbying-and-deforestation.

# INFORMAZZJONI DWAR L-ADOZZJONI FIL-KUMITAT LI JINTALAB JAGĦTI OPINJONI

| | |
|---|---|
| **Data tal-adozzjoni** | 1.3.2023 |
| **Riżultat tal-votazzjoni finali** | +: 19<br>–: 1<br>0: 1 |
| **Membri preżenti għall-votazzjoni finali** | Barry Andrews, Hildegard Bentele, Stéphane Bijoux, Dominique Bilde, Udo Bullmann, Catherine Chabaud, Elisabetta De Blasis, György Hölvényi, Beata Kempa, Karsten Lucke, Erik Marquardt, Michèle Rivasi, Eleni Stavrou, Tomas Tobé, Bernhard Zimniok |
| **Sostituti preżenti għall-votazzjoni finali** | Marlene Mortler, Maria Noichl, Carlos Zorrinho |
| **Sostituti (skont l-Artikolu 209(7)) preżenti għall-votazzjoni finali** | Alexander Bernhuber, Katrin Langensiepen, Aušra Maldeikienė |

## VOTAZZJONI FINALI B'SEJĦA TAL-ISMIJIET FIL-KUMITAT LI JINTALAB JAGĦTI OPINJONI

| 19 | + |
|---|---|
| ID | Dominique Bilde, Elisabetta De Blasis |
| PPE | Hildegard Bentele, Alexander Bernhuber, György Hölvényi, Aušra Maldeikienė, Marlene Mortler, Eleni Stavrou, Tomas Tobé |
| Renew | Barry Andrews, Stéphane Bijoux, Catherine Chabaud |
| S&D | Udo Bullmann, Karsten Lucke, Maria Noichl, Carlos Zorrinho |
| Verts/ALE | Katrin Langensiepen, Erik Marquardt, Michèle Rivasi |

| 1 | - |
|---|---|
| ID | Bernhard Zimniok |

| 1 | 0 |
|---|---|
| ECR | Beata Kempa |

Tifsira tas-simboli użati:
+ : favur
- : kontra
0 : astensjoni

29.3.2023

## OPINJONI TAL-KUMITAT GĦAS-SUQ INTERN U L-ĦARSIEN TAL-KONSUMATUR

għall-Kumitat għall-Ambjent, is-Saħħa Pubblika u s-Sikurezza tal-Ikel

dwar l-Istrateġija tal-UE għal Tessuti Sostenibbli u Ċirkolari
(2022/2171(INI))

Rapporteur għal opinjoni: Anne-Sophie Pelletier

## SUĠĠERIMENTI

Il-Kumitat għas-Suq Intern u l-Ħarsien tal-Konsumatur jistieden lill-Kumitat għall-Ambjent, is-Saħħa Pubblika u s-Sikurezza tal-Ikel, bħala l-kumitat responsabbli, biex jinkorpora s-suġġerimenti li ġejjin fil-mozzjoni għal riżoluzzjoni tiegħu:

A. billi l-produzzjoni u l-konsum tat-tessuti fl-Ewropa għandhom impatt ambjentali u klimatiku sostanzjali, li jirrappreżenta r-raba' l-akbar impronta ambjentali[88];

B. billi l-konsumaturi huma sensittivi għaż-żidiet fil-prezzijiet; billi l-istudji jindikaw li l-konsumaturi jaqblu li huwa importanti li d-ditti jikkondividu informazzjoni affidabbli dwar l-impatt ambjentali tal-prodotti tagħhom, u li ħafna mill-konsumaturi huma lesti li jibdlu l-mudelli tax-xiri tagħhom għal għażliet sostenibbli, dment li jkollhom għad-dispożizzjoni tagħhom tikketti ċari u affidabbli;

C. billi għażliet infurmati tajjeb dwar is-sostenibbiltà u l-oriġini tal-prodotti jistgħu jgħinu biex jixprunaw id-domanda lejn ħwejjeġ ta' kwalità għolja li jagħmlu inqas ħsara lill-ambjent u t-tranżizzjoni lejn katina tal-provvista li tirrispetta n-natura u l-ħaddiema;

D. billi l-Ewropa għandha tradizzjoni rikka u esperjenza twila fis-settur tat-tessuti; billi s-settur jinkludi aktar minn 160 000 produttur, ħafna minnhom SMEs, li huma soġġetti għal leġiżlazzjoni Ewropea u leġiżlazzjoni nazzjonali estensivi; billi ħafna produtturi mill-industrija tat-tessuti esprimew l-interess tagħhom fl-iżvilupp ta' tessuti u teknoloġiji tal-produzzjoni aktar sostenibbli u durabbli biex jindirizzaw l-isfidi ppreżentati mill-Patt Ekoloġiku Ewropew;

E. billi l-produzzjoni tat-tessuti rduppjat bejn is-sena 2000 u l-2015[89] u t-tul tal-ħajja tal-użu tal-ħwejjeġ naqas b'36 % fl-istess perjodu[90]; billi l-mudelli tal-"moda mgħaġġla"

[88] Network Ewropew ta' Informazzjoni u Osservazzjoni tal-Ambjent ETC/WMGE Rapport 6/2019 – "Textiles and the environment in a circular economy" (It-tessuti u l-ambjent f'ekonomija ċirkolari), l-Aġenzija Ewropea għall-Ambjent, iċ-Ċentru Tematiku Ewropew dwar Skart u Materjal f'Ekonomija Ħadra, 19 ta' Novembru 2019.
[89] Rapport – ‘A new textiles economy: Redesigning fashion's future' (Ekonomija ġdida tat-tessuti: Niddisinjaw mill-ġdid il-futur tal-moda), Fondazzjoni Ellen MacArthur, 28 ta' Novembru 2017.
[90] Rapport tal-ETC/CE tan-Network Ewropew ta' Informazzjoni u Osservazzjoni tal-Ambjent 2/2022 – ‘Textiles

jinkoraġġixxu l-konsum tal-massa ta' ħwejjeġ ta' kwalità baxxa li spiss ma jkunux riċiklabbli, u dan iqajjem tħassib dwar id-drittijiet soċjali tal-ħaddiema u l-prattiki ta' greenwashing;

F. billi l-ktajjen tal-provvista kumplessi u frammentati ħafna fis-settur tal-ħwejjeġ fil-livell globali jkomplu jikkumplikaw il-ħidma tal-awtoritajiet tas-sorveljanza tas-suq, tal-assoċjazzjonijiet tal-konsumaturi u tar-rivendituri, bħal meta pereżempju xi drabi jxekklu l-konformità mad-dritt rilevanti tal-Unjoni dwar il-kwalità tal-prodotti u l-kundizzjonijiet tal-manifattura, inkluż fir-rigward tax-xogħol furzat; billi s-settur tal-produzzjoni tat-tessuti, li huwa magħmul l-aktar minn SMEs, diġà kien taħt pressjoni kbira mid-dumping soċjali, bħala riżultat ta' kostijiet tal-produzzjoni baxxi ħafna f'pajjiżi mhux tal-UE; billi dan ġie aggravat mill-pandemija tal-COVID-19, b'għadd ta' każijiet ta' prattiki abbużivi li jinvolvu ditti internazzjonali u l-fornituri u l-ħaddiema tagħhom li ħarġu fid-dieher minn mindu faqqgħet il-pandemija;

1. Ifakkar fl-importanza assoluta tal-protezzjoni tal-konsumaturi billi jiġu indirizzati asserzjonijiet qarrieqa li ma jikkonformawx mad-dritt tal-Unjoni jew mad-dritt nazzjonali dwar il-protezzjoni tal-konsumatur, kif ukoll prattiki ta' greenwashing u d-dipendenza żejda fuq il-plastik u l-użu ta' sustanzi kimiċi ta' ħsara fil-ħwejjeġ, u billi minnufih jittieħdu l-miżuri kollha xierqa biex jiġu indirizzati prodotti li ma jirrispettawx id-dritt tal-Unjoni; jilqa', f'dan ir-rigward, il-proposta tal-Kummissjoni dwar l-għoti tas-setgħa lill-konsumaturi għat-tranżizzjoni ekoloġika[91], li tgħin biex tipproteġihom minn reklamar qarrieqi u greenwashing; jilqa', barra minn hekk, l-inizjattivi mħabbra biex tissaħħaħ l-informazzjoni għall-konsumaturi rigward id-durabbiltà, l-użu mill-ġdid, il-possibbiltà ta' tiswija u r-riċiklabbiltà tal-prodotti tat-tessuti; jappella għal proposta ambizzjuża dwar l-issostanzjar tal-asserzjonijiet ekoloġiċi, sabiex il-konsumaturi u n-negozji jingħataw is-setgħa għat-tranżizzjoni ekoloġika u tiġi pprovduta l-metodoloġija biex il-konsumaturi jiġu infurmati b'mod adegwat dwar is-sostenibbiltà tal-prodotti li jixtru; jenfasizza li l-produtturi għandhom jipprovdu lill-operaturi downstream, inklużi l-bejjiegħa bl-imnut u s-swieq online, b'informazzjoni rigward ir-rekwiżiti tal-ekodisinn, sabiex il-konsumaturi jkunu jistgħu jiġu infurmati kif xieraq;

2. Jilqa' l-introduzzjoni tal-passaport diġitali tal-prodotti fil-proposta għal regolament dwar ir-rekwiżiti għall-ekodisinn għal prodotti sostenibbli[92], li, flimkien mad-direttiva proposta dwar id-diliġenza dovuta tas-sostenibbiltà korporattiva[93] u l-proposta dwar ix-xogħol furzat[94], jistgħu jipprovdu pass 'il quddiem biex jitjieb il-fehim tal-ktajjen tal-

and the Environment: the role of design in Europe' s circular economy "(It-tessuti u l-ambjent: ir-rwol tad-disinn fl-ekonomija ċirkolari tal-Ewropa), l-Aġenzija Ewropea għall-Ambjent, iċ-Ċentru Tematiku Ewropew dwar l-Ekonomija Ċirkolari u l-Użu tar-Riżorsi, 10 ta' Frar 2022.

[91] Il-proposta tal-Kummissjoni tat-30 ta' Marzu 2022 għal direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li temenda d-Direttivi 2005/29/KE u 2011/83/UE fir-rigward tal-għoti tas-setgħa lill-konsumaturi għat-tranżizzjoni ekoloġika permezz ta' protezzjoni mtejba kontra prattiki żleali u permezz ta' informazzjoni aħjar (COM(2022)0143).

[92] Il-proposta tal-Kummissjoni tat-30 ta' Marzu 2022 għal regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jistabbilixxi qafas għall-iffissar ta' rekwiżiti għall-ekodisinn għal prodotti sostenibbli u li jħassar id-Direttiva 2009/125/KE (COM(2022)0142).

[93] Il-proposta tal-Kummissjoni tat-23 ta' Frar 2022 għal direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar id-Diliġenza Dovuta tas-Sostenibbiltà Korporattiva u li temenda d-Direttiva (UE) 2019/1937 (COM(2022)0071).

[94] Il-proposta tal-Kummissjoni tal-14 ta' Settembru 2022 għal regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-projbizzjoni ta' prodotti magħmulin b'xogħol furzat fis-suq tal-Unjoni (COM(2022)0453),

provvista u tiżdied it-trasparenza tagħhom, inkluż fir-rigward tad-drittijiet tax-xogħol; jappella biex din l-għodda importanti jkollha l-għan li żżid it-trasparenza u l-informazzjoni affidabbli għall-konsumaturi, kif ukoll għall-intermedjarji fil-katina tal-provvista; jemmen li, sabiex ikun rilevanti, dan il-passaport jeħtieġ li jkun armonizzat, faċli biex jinqara u disponibbli fuq il-prodott innifsu jew, jekk dan ma jkunx possibbli, fuq l-imballaġġ li jkollu miegħu; jiffavorixxi data miftuħa, aċċessibbli faċilment, aġġornata regolarment u affidabbli li tiżgura t-traċċabbiltà tul il-katina tal-provvista kollha, li tibqa' nieżla sal-livell tal-fabbriki, inkluż dwar il-komponenti u s-sustanzi użati fil-prodotti tat-tessuti, fejn tingħata attenzjoni partikolari għas-sustanzi kimiċi ta' ħsara; jilqa' s-sett ta' standards dwar it-traċċabbiltà u t-trasparenza tal-ktajjen tal-provvista sostenibbli fis-settur tal-ħwejjeġ u taż-żraben approvat mill-Kummissjoni Ekonomika għall-Ewropa tan-NU fl-2021; jinkoraġġixxi l-adozzjoni tagħhom minn kumpaniji bbażati fl-UE; jemmen li traċċabbiltà mtejba tal-katina tal-provvista tista' tinkoraġġixxi mudelli ċirkolari ta' bejgħ bl-imnut u ta' konsum bħall-bejgħ mill-ġdid u l-użu mill-ġdid ta' prodotti tat-tessuti; jemmen, madankollu, li l-ktajjen tal-provvista mhumiex lineari u jinkludu ħafna intermedjarji, inklużi dawk involuti fin-negozjar ta' kwantitajiet kbar ta' materja prima fil-boroż tal-komoditajiet, u li r-rekwiżiti ta' traċċabbiltà jridu għalhekk ikunu applikabbli għal tali atturi kif ukoll għall-produtturi, u jrid jingħata appoġġ biex l-SMEs f'dan is-settur jiġu megħjuna jadattaw għar-regoli l-ġodda; jissottolinja, f'dak ir-rigward, li l-passaport diġitali tal-prodotti għandu jkun strument li jippermetti lill-kumpaniji, b'mod partikolari l-SMEs u l-mikrointrapriżi, jikkomunikaw aħjar dwar il-prattiki sostenibbli tagħhom, iżda ma jridx isir rekwiżit għali u burokratiku;

3. Jemmen li l-passaport diġitali tal-prodotti jmur id f'id mas-simplifikazzjoni tat-tikketti eżistenti biex il-konsumaturi jkunu jistgħu jirċievu informazzjoni koerenti u affidabbli dwar l-impronta ambjentali u soċjali tal-prodotti, kif ukoll dwar l-oriġini u dwar il-kontenut tal-materjali u tas-sustanzi kimiċi tagħhom; jisħaq li din is-simplifikazzjoni tat-tikketti eżistenti tista' titwettaq billi tibni fuq skemi ta' ċertifikazzjoni eżistenti u metodoloġiji standard li jkopru aspetti ta' sostenibbiltà bħall-prestazzjoni taċ-ċirkolarità, il-possibbiltà ta' tiswija u d-durabbiltà, filwaqt li jiġu żgurati t-trasparenza u l-kredibbiltà permezz tal-akkontabbiltà tat-tikketti u tal-iskemi ta' ċertifikazzjoni; jinnota li ċerti inizjattivi u skemi ta' ċertifikazzjoni minn diversi partijiet ikkonċernati, kif ukoll skemi ta' tikketti privati li jikkonċernaw is-sostenibbiltà, urew nuqqasijiet fil-passat; jinnota, barra minn hekk, li xi bejjiegħa bl-imnut reċentement ġew issanzjonati għal prattiki ta' greenwashing fil-kuntest ta' tali skemi; jissottolinja l-potenzjal tat-tikkettar elettroniku, li jipprovdi lill-konsumaturi b'informazzjoni dettaljata dwar it-tessuti, inklużi pariri dwar kif jieħdu ħsiebhom u għażliet ta' tiswija u riċiklaġġ; jissottolinja, madankollu, li t-tikketti elettroniċi ma jistgħux jissostitwixxu t-tikketti fiżiċi, li għandhom ikomplu jipprovdu informazzjoni bażika dwar kif tieħu ħsieb it-tessuti u l-kompożizzjoni tagħhom;

4. Jemmen li d-domanda u l-kapaċità tal-akkwist tal-konsumaturi jaqdu rwol fil-bdil tal-mudelli tal-konsum; jinkoraġġixxi inizjattivi li jgħinu lill-konsumaturi jduru għal mudelli ta' konsum aktar sostenibbli u responsabbli billi jipprovdu prodotti ta' kwalità għolja bi prezz xieraq u jnaqqsu l-iskart, inkluż billi jinċentivaw id-disinn u l-produzzjoni ta' ħwejjeġ li jużaw biss fibri u materja prima tat-tessuti naturali u ekoloġiċi u b'hekk idumu aktar u jkunu aktar faċli biex jiġu riċiklati; jissottolinja l-importanza li l-konsumaturi jiġu protetti minn żieda fil-prezzijiet ikkawżata minn bidliet fil-leġiżlazzjoni u l-ħtieġa li l-proċessi ta' produzzjoni jiġu adattati; jissottolinja, barra minn

hekk, l-importanza li l-konsumaturi jiġu infurmati dwar l-impatt pożittiv li jista' jkollhom fuq l-ambjent billi jibdlu d-drawwiet tagħhom, pereżempju billi jirriċiklaw u jużaw mill-ġdid il-prodotti jew irażżnu l-konsum tagħhom; jissottolinja, f'dan ir-rigward, l-importanza ta' kampanji ta' informazzjoni jew tutorials għall-konsumaturi dwar kif it-tessuti jistgħu jintużaw mill-ġdid jew dwar kif jiġu riċiklati; ifakkar fl-importanza li tinħoloq ekosistema ta' riċiklaġġ fattibbli u sostenibbli u qafas li jinkludi lill-SMEs u atturi ekonomiċi oħra, fejn it-tessuti u l-fibri tat-tessuti jintużaw mill-ġdid u jiġu riċiklati kemm b'mod klassiku kif ukoll b'mod innovattiv; ifakkar li tali ekosistemi jistgħu jiġu appoġġjati permezz ta' inċentivi finanzjarji; jissottolinja li ż-żieda fid-durabbiltà tat-tessuti għandha impatt sinifikanti fuq l-ambjent, filwaqt li fl-istess ħin toħloq opportunitajiet ta' ffrankar ta' kostijiet għall-konsumaturi; jappella, f'dan ir-rigward, għal miżuri li jappoġġjaw ir-riċerka dwar tessuti sostenibbli;

5. Jemmen li l-produtturi tat-tessuti u d-ditti għandhom ikunu muturi tas-sostenibbiltà billi jkunu trasparenti fil-prattiki tagħhom tul il-ktajjen tal-provvista tagħhom u jirrispettaw id-drittijiet tal-bniedem u l-ambjent; jemmen li l-għan tar-rispett tad-drittijiet tal-bniedem u tal-ambjent jista' jintlaħaq ukoll billi jiġu appoġġjati l-produtturi u d-ditti tul il-katina tal-provvista u billi jiġu aġevolati prodotti Ewropej ta' kwalità għolja filwaqt li tiġi żgurata tranżizzjoni ġusta; ifakkar, f'dan ir-rigward, fl-importanza li jiġu ffaċilitati r-riċerka u l-innovazzjoni fis-settur tat-tessuti, inkluż billi tiġi pprovduta aktar flessibbiltà fir-reġistrazzjoni ta' fibri ġodda u jinħoloq qafas legali ċar u effiċjenti għall-kumpaniji u għall-konsumaturi;

6. Jinnota li l-mudell ta' negozju tal-moda mgħaġġla fil-ktajjen tal-provvista u fil-mudelli tal-konsum ipoġġi pressjoni fuq il-fornituri, li spiss ikunu SMEs, u fuq il-forza tax-xogħol tagħhom permezz ta' prattiki kummerċjali żleali; jenfasizza l-asimmetrija tal-poter bejn id-ditti u l-fornituri tagħhom u l-fatt li dan irriżulta f'ċerti prattiki kummerċjali ta' ħsara fis-settur tat-tessuti, bħal pagamenti mdewma, ħinijiet qosra ta' turnaround għall-ordnijiet, kanċellazzjonijiet tard tal-ordnijiet u pagamenti li ma jkunux biżżejjed biex ikopru l-kostijiet tal-produzzjoni; iqis li tali prattiki għandhom effetti detrimentali fuq il-fornituri u fuq il-forza tax-xogħol tagħhom u jridu jiġu pprojbiti; jistieden lill-Kummissjoni tivvaluta modi possibbli biex tindirizza dawn il-prattiki inġusti fil-livell Ewropew, billi tispira ruħha mid-Direttiva 2019/633 dwar prattiki kummerċjali inġusti fir-relazzjonijiet bejn in-negozji fil-katina tal-provvista agrikola u alimentari[95]; iqis, f'dan ir-rigward, li l-valur strateġiku tal-katina tal-provvista għandu jingħata spinta billi jiġi aġevolat sal-akbar livell possibbli l-mudell ta' produzzjoni sostenibbli, għall-kuntrarju tal-mudell tar-"rimi", li jgħaqqad l-innovazzjoni, il-kapaċità kreattiva u s-sistemi ta' produzzjoni bbażati fuq il-kwalità tal-proċessi, tal-materjali u tal-finituri, filwaqt li jħeġġeġ ir-riċiklaġġ ta' prodotti mhux mibjugħa minflok il-qerda ta' tali prodotti; jilqa' l-introduzzjoni fil-proposta dwar l-ekodisinn tal-possibbiltà li l-Kummissjoni tipprojbixxi l-qerda ta' ċerti kategoriji ta' prodotti mhux mibjugħa; jilqa' l-fatt li l-istrateġija tal-UE dwar it-tessuti ppreżentata mill-Kummissjoni Ewropea hija konformi mal-Patt Ekoloġiku Ewropew u mal-pjan ta' azzjoni dwar l-ekonomija ċirkolari; jissottolinja li s-settur tal-moda mgħaġġla jwassal għal tul ta' ħajja qasir tal-prodott u jżid l-iskart tat-tessuti, u għalhekk isir essenzjali li jiġu kkunsidrati miri ta'

[95] Id-Direttiva (UE) 2019/633 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' April 2019 dwar prattiki kummerċjali inġusti fir-relazzjonijiet bejn in-negozji fil-katina tal-provvista agrikola u alimentari. ĠU L 111, 25.4.2019, p. 59.

riċiklaġġ filwaqt li l-industrija tiġi megħjuna b'appoġġ suffiċjenti biex tadotta l-klassifikazzjoni fakultattiva tat-tessuti bbażata fuq id-durabbiltà u s-sostenibbiltà; jilqa' l-isforzi mħabbra biex jiġu promossi mudelli ta' negozju ċirkolari, bħal servizzi ta' "teħid lura", kollezzjonijiet ta' oġġetti użati u servizzi ta' bejgħ mill-ġdid, kiri, tpartit u tiswija tal-ħwejjeġ; jistieden, għalhekk, lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jinkoraġġixxu l-iżvilupp ta' tali soluzzjonijiet u prattiki ta' bejgħ innovattivi biex tingħata spinta lit-tiswija u l-użu mill-ġdid, filwaqt li jiġu promossi l-ħiliet ekoloġiċi u trasferibbli rilevanti u l-opportunitajiet ta' apprendiment tul il-ħajja;

7. Iqis li l-awtoritajiet pubbliċi għandhom jixprunaw l-iżvilupp ta' tessuti aktar sostenibbli u mudelli ta' negozju ċirkolari u jkollhom l-għan li jnaqqsu l-impatt ambjentali tat-tessuti meta jagħmlu xiri pubbliku; jappella għal applikazzjoni usa' u aktar effettiva tal-kriterji tal-akkwist pubbliku soċjalment responsabbli u sostenibbli għat-tessuti, sabiex tiġi evitata l-frammentazzjoni tas-suq; jinkoraġġixxi l-parteċipazzjoni tal-intrapriżi soċjali fl-offerti pubbliċi;

8. Ifakkar fl-importanza assoluta li jiġi żgurat li l-awtoritajiet tas-sorveljanza tas-suq ikollhom riżorsi adegwati, inkluż fir-rigward tal-persunal, li jrid ikun imħarreġ kif xieraq, u f'termini ta' riżorsi u għodod finanzjarji; jistieden lill-Istati Membri jiżguraw sorveljanza tas-suq aktar b'saħħitha, kontrolli aktar frekwenti u penali dissważivi għall-ksur, sabiex jiġi żgurat li l-prodotti kollha introdotti fis-suq tal-UE, inkluż minn swieq online minn pajjiżi mhux tal-UE, jissodisfaw standards ambjentali minimi, bħal standards fir-rigward tal-limiti tas-sustanzi kimiċi fil-ħwejjeġ, kif ukoll standards soċjali; jappella għal sorveljanza aħjar u aktar armonizzata tas-suq intern, b'kontrolli doganali aktar stretti biex tiġi evitata l-importazzjoni ta' tessuti kontrafatti jew mhux sikuri li ma jikkonformawx mar-rekwiżiti ddikjarati espressament, biex b'hekk jiġu protetti l-konsumaturi u l-ambjent; jappella għal żieda fis-sorveljanza b'mod partikolari għal trasgressuri reċidivi, inklużi n-negozjanti; jappella għal aktar kooperazzjoni bejn l-awtoritajiet tas-sorveljanza tas-suq u l-awtoritajiet doganali, inkluż permezz tar-reviżjoni tal-Kodiċi Doganali tal-Unjoni (ir-Regolament (UE) Nru 952/2013[96]);

9. Ifakkar fil-ħtieġa li jiġi appoġġjat is-settur tat-tessuti tal-UE, li jikkontribwixxi b'mod attiv għall-kompetittività tal-UE; jinkoraġġixxi lill-Kummissjoni toħloq linji gwida u tipprovdi appoġġ biex tiżgura li r-rekwiżiti amministrattivi għall-prodotti tat-tessuti ma jsirux ta' piż żejjed wisq, speċjalment għall-SMEs; jisħaq fuq l-importanza ta' djalogu kontinwu mas-settur u ta' soluzzjonijiet konġunti; jisħaq li l-SMEs spiss ikunu minn ta' quddiem fl-użu ta' teknoloġiji innovattivi u durabbli li jippromwovu mġiba sostenibbli tal-konsumaturi; jisħaq fuq il-ħtieġa li jinħoloq ambjent li jwassal għal tali azzjoni; jisħaq, barra minn hekk, fuq il-ħtieġa li jiġu żgurati l-koerenza u l-armonizzazzjoni tal-politiki fil-livell tal-UE, inkluż fir-rigward tar-rekwiżiti tad-data u tal-metodoloġiji tal-inizjattivi ta' politika kollha tal-UE mħabbra fl-istrateġija.

[96] Ir-Regolament (UE) Nru 952/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-9 ta' Ottubru 2013 li jistabbilixxi l-Kodiċi Doganali tal-Unjoni. ĠU L 269, 10.10.2013, p. 1.

## ANNESS: LISTA TA' ENTITAJIET JEW PERSUNI LI R-RAPPORTEUR GĦAL OPINJONI RĊEVIET KONTRIBUT MINGĦANDHOM

Il-lista li ġejja hija mfassla fuq bażi purament volontarja taħt ir-responsabbiltà esklużiva tar-rapporteur. Ir-rapporteur irċeviet kontribut mingħand l-entitajiet jew il-persuni li ġejjin fit-tħejjija tal-abbozz ta' opinjoni:

| **Entità u/jew persuna** |
|---|
| BEUC |
| Clean Clothes Campaign |
| Fair Trade Advocacy Office |
| The Good Goods |
| RREUSE |
| Fashion Revolution |
| Zero Waste Europe |

# INFORMAZZJONI DWAR L-ADOZZJONI FIL-KUMITAT LI JINTALAB JAGĦTI OPINJONI

| | |
|---|---|
| **Data tal-adozzjoni** | 28.3.2023 |
| **Riżultat tal-votazzjoni finali** | +: 41<br>–: 2<br>0: 1 |
| **Membri preżenti għall-votazzjoni finali** | Andrus Ansip, Pablo Arias Echeverría, Brando Benifei, Adam Bielan, Biljana Borzan, Markus Buchheit, Anna Cavazzini, Dita Charanzová, Lara Comi, David Cormand, Alexandra Geese, Sandro Gozi, Maria Grapini, Krzysztof Hetman, Virginie Joron, Eugen Jurzyca, Arba Kokalari, Kateřina Konečná, Andrey Kovatchev, Jean-Lin Lacapelle, Maria-Manuel Leitão-Marques, Antonius Manders, Beata Mazurek, Leszek Miller, Anne-Sophie Pelletier, Miroslav Radačovský, René Repasi, Christel Schaldemose, Andreas Schwab, Tomislav Sokol, Róża Thun und Hohenstein, Tom Vandenkendelaere, Kim Van Sparrentak, Marion Walsmann |
| **Sostituti preżenti għall-votazzjoni finali** | Marc Angel, Vlad-Marius Botoş, Malte Gallée, Ivars Ijabs, Tsvetelina Penkova, Romana Tomc, Isabella Tovaglieri, Kosma Złotowski |
| **Sostituti (skont l-Artikolu 209(7)) preżenti għall-votazzjoni finali** | Miriam Lexmann, Jan-Christoph Oetjen |

## VOTAZZJONI FINALI B'SEJĦA TAL-ISMIJIET FIL-KUMITAT LI JINTALAB JAGĦTI OPINJONI

| 41 | + |
|---|---|
| ECR | Adam Bielan, Beata Mazurek, Kosma Złotowski |
| ID | Virginie Joron, Jean-Lin Lacapelle |
| NI | Miroslav Radačovský |
| PPE | Pablo Arias Echeverría, Lara Comi, Krzysztof Hetman, Arba Kokalari, Andrey Kovatchev, Miriam Lexmann, Antonius Manders, Andreas Schwab, Tomislav Sokol, Romana Tomc, Tom Vandenkendelaere, Marion Walsmann |
| Renew | Andrus Ansip, Vlad-Marius Botoş, Dita Charanzová, Sandro Gozi, Ivars Ijabs, Jan-Christoph Oetjen, Róża Thun und Hohenstein |
| S&D | Marc Angel, Brando Benifei, Biljana Borzan, Maria Grapini, Maria-Manuel Leitão-Marques, Leszek Miller, Tsvetelina Penkova, René Repasi, Christel Schaldemose |
| The Left | Kateřina Konečná, Anne-Sophie Pelletier |
| Verts/ALE | Anna Cavazzini, David Cormand, Malte Gallée, Alexandra Geese, Kim Van Sparrentak |

| 2 | - |
|---|---|
| ECR | Eugen Jurzyca |
| ID | Markus Buchheit |

| 1 | 0 |
|---|---|
| ID | Isabella Tovaglieri |

Tifsira tas-simboli użati:
+ : favur
- : kontra
0 : astensjoni

10.3.2023

## OPINJONI TAL-KUMITAT GĦAD-DRITTIJIET TAN-NISA U L-UGWALJANZA BEJN IS-SESSI

għall-Kumitat għall-Ambjent, is-Saħħa Pubblika u s-Sikurezza tal-Ikel

dwar l-Istrateġija tal-UE għal Tessuti Sostenibbli u Ċirkolari
(2022/2171(INI))

Rapporteur għal opinjoni: Alice Kuhnke

## SUĠĠERIMENTI

Il-Kumitat għad-Drittijiet tan-Nisa u l-Ugwaljanza bejn is-Sessi jistieden lill-Kumitat għall-Ambjent, is-Saħħa Pubblika u s-Sikurezza tal-Ikel, bħala l-kumitat responsabbli, biex jinkorpora s-suġġerimenti li ġejjin fil-mozzjoni għal riżoluzzjoni tiegħu:

– wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni 70/1 tal-Assemblea Ġenerali tan-Nazzjonijiet Uniti tal-25 ta' Settembru 2015 intitolata "Transforming our World: the 2030 Agenda for Sustainable Development" (Nittrasformaw id-Dinja tagħna: l-Aġenda 2030 għall-Iżvilupp Sostenibbli),

– wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tas-27 ta' April 2017 dwar inizjattiva ewlenija tal-UE għas-settur tal-ħwejjeġ[1],

A. billi l-ugwaljanza bejn il-ġeneri hija prinċipju ċentrali tal-UE, minqux fl-Artikoli 2 u 3(3) tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea (TUE), fl-Artikolu 8 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE) u fl-Artikolu 23 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali; billi l-Kummissjoni, fl-Istrateġija tagħha ta' Ugwaljanza Bejn il-Ġeneri għall-2020-2025, timpenja ruħha li tinkludi perspettiva tal-ugwaljanza bejn il-ġeneri fl-aspetti u fil-livelli kollha tat-tfassil tal-politika, interni kif ukoll esterni, inkluż fl-indirizzar tal-ħtiġijiet, tal-isfidi u tal-opportunitajiet f'setturi speċifiċi;

B. billi l-industriji tat-tessuti u tal-ħwejjeġ spiss jiddependu fuq xogħol bl-irħis; billi n-nisa jirrappreżentaw madwar 80 % tal-forza tax-xogħol globali fis-settur tal-ħwejjeġ[2], u għalhekk huma affettwati b'mod sproporzjonat mill-impatti negattivi tal-industrija tal-ħwejjeġ; billi l-pagi baxxi[3] flimkien ma' livell baxx jew totalment nieqes ta' protezzjoni soċjali jagħmlu lin-nisa u lit-tfal partikolarment vulnerabbli għall-isfruttament; billi l-pagi minimi fil-pajjiżi li jipproduċu t-tessuti huma minn darbtejn sa ħames darbiet aktar baxxi minn paga li tiggarantixxi l-għajxien; billi l-ħaddiema tal-ħwejjeġ jirċievu biss

[1] ĠU C 298, 23.8.2018, p. 100.
[2] Il-Parlament Ewropew, id-Direttorat Ġenerali għas-Servizzi ta' Riċerka Parlamentari, *Textile workers in developing countries and the European fashion industry: Towards sustainability? (Il-Ħaddiema tat-tessuti fil-pajjiżi li qed jiżviluppaw u l-industrija tal-moda Ewropea: lejn is-sostenibbiltà?)*, l-24 ta' Lulju 2020.
[3] Kampanja Ħwejjeġ Nodfa, *Another wage is possible: A cross-border base living wage in Europe (Paga oħra hija possibbli: Paga bażi transfruntiera li tiggarantixxi l-għajxien fl-Ewropa)*.

medja ta' 1-3 % tal-prezz finali bl-imnut tal-ħwejjeġ[4]; billi l-impjiegi tan-nisa fis-settur tal-ħwejjeġ fil-pajjiżi li qed jiżviluppaw jikkontribwixxu b'mod sinifikanti għall-introjtu tal-familji u t-tnaqqis tal-faqar; billi l-Istrateġija tal-UE għal tessuti sostenibbli u ċirkolari fiha ambizzjonijiet ekoloġiċi iżda tonqos milli tindirizza aspetti ewlenin oħra tas-settur bħad-drittijiet tal-ħaddiema u l-perspettiva tal-ugwaljanza bejn il-ġeneri;

C. billi l-impjiegi li huma tradizzjonalment ikklassifikati bħala "xogħol imwettaq min-nisa" jew li huma f'setturi ddominati ħafna min-nisa, bħas-settur tal-ħwejjeġ, għandhom it-tendenza li jkunu sottovalutati; billi n-nisa ġeneralment għandhom aċċess għal firxa dejqa ta' impjiegi u kompiti, u jiffaċċjaw segregazzjoni orizzontali u vertikali kif ukoll segregazzjoni tal-pagi abbażi tal-ġeneru; billi jbatu wkoll minn mard okkupazzjonali u minn nuqqas ta' aċċess għal kura tas-saħħa xierqa u tant meħtieġa; billi n-nisa jġarrbu wkoll diskriminazzjoni diretta u indiretta abbażi tal-ġeneru b'riżultat tal-iżbilanċi ta' poter bejn forza tax-xogħol komposta l-aktar min-nisa u strutturi maniġerjali fejn jippredominaw l-irġiel, b'għadd sproporzjonat ta' rġiel f'pożizzjonijiet ta' tmexxija, maniġerjali u ta' livell medju;

D. billi ħafna ħaddiema nisa fl-industrija tal-ħwejjeġ jiffaċċjaw it-theddida kostanti ta' vjolenza u fastidju sesswali fuq il-post tax-xogħol; billi l-kwistjonijiet marbuta mal-fastidju u l-vjolenza abbażi tal-ġeneru spiss jiġu msikkta minn ktajjen ta' valur globali enormi u intensifikati mill-iżbilanċi tal-poter bejn il-ġeneri;

E. billi ħafna mill-istanzi ta' ksur tad-drittijiet tal-bniedem li jseħħu fis-settur tat-tessuti, inkluż is-settur tal-ħwejjeġ, jikkonċernaw id-drittijiet tal-ħaddiema; billi l-abbuż mifrux fuq il-ħaddiema nisa tal-ħwejjeġ intensifika matul il-pandemija tal-COVID-19, speċjalment lil hinn mill-UE; billi minkejja l-vjolazzjonijiet mifruxa tad-drittijiet tal-bniedem l-azzjonijiet ta' rimedju ġeneralment għadhom rari u l-vittmi jħabbtu wiċċhom ma' ħafna ostakli biex ikollhom aċċess għal rimedji ġudizzjarji, inkluż ostakli proċedurali għall-ammissibbiltà u d-divulgazzjoni tal-provi, spejjeż ta' litigazzjoni li spiss huma projbittivi, nuqqas ta' standards ċari fil-qasam tar-responsabbiltà tal-kumpaniji involuti fl-abbużi tad-drittijiet tal-bniedem u nuqqas ta' ċarezza dwar l-applikazzjoni tar-regoli tal-UE dwar id-dritt internazzjonali privat f'litigazzjoni ċivili transnazzjonali; billi l-oqfsa volontarji li jipproteġu lin-nisa, li jaħdmu fis-settur tal-ħwejjeġ, mill-vjolenza u l-isfruttament fuq il-post tax-xogħol f'pajjiżi involuti fis-sottokuntrattar tat-tessuti wrew li huma ineffettivi; billi għandhom jiġu stabbiliti miżuri vinkolanti biex jindirizzaw dan il-ksur tad-drittijiet tal-bniedem;

F. billi l-Għan 5 tal-Għanijiet ta' Żvilupp Sostenibbli tan-NU huwa "Ugwaljanza bejn il-Ġeneri", l-Għan 8 huwa "Xogħol deċenti u Tkabbir Ekonomiku" u l-Għan 12 huwa "Konsum u Produzzjoni Responsabbli"; billi ħafna pajjiżi qed jaqgħu lura fil-miri tagħhom li jilħqu dawn l-għanijiet, li l-Istati Membri impenjaw ruħhom li jkunu laħquhom sal-2030;

G. billi 189 stat iffirmaw u rratifikaw il-Konvenzjoni tan-NU dwar l-Eliminazzjoni ta' Kull Forma ta' Diskriminazzjoni kontra n-Nisa (CEDAW) li tiddikjara li d-diskriminazzjoni kontra n-nisa "tikser il-prinċipji tal-ugwaljanza tad-drittijiet u r-rispett għad-dinjità tal-bniedem";

---
[4] Ibid.

H. billi l-industrija tat-tessuti hija waħda mill-industriji li l-aktar iniġġsu[5], u tipproduċi 1,2 biljun tunnellata ta' ekwivalenti ta' $CO_2$ fis-sena; billi l-Ewropej jikkonsmaw medja ta' 26 kg ta' tessuti għal kull persuna fis-sena – sehem sinifikanti minnhom joriġina minn pajjiżi mhux tal-UE; billi l-industrija tat-tessuti, b'mod partikolari l-produzzjoni taż-żraben u tal-ħwejjeġ, hija waħda mill-aktar industriji li qed jikbru malajr u għalhekk l-effetti tagħha fuq l-ambjent qed jintensifikaw kontinwament; billi n-nisa u l-bniet għandhom tendenza akbar mill-irġiel li jkunu dipendenti finanzjarjament fuq riżorsi naturali mhedda u setturi li huma vulnerabbli minħabba l-klima u li spiss ikunu esposti għal fatturi u ostakli addizzjonali speċifiċi għall-ġeneru li b'mod konsistenti jagħmluhom aktar vulnerabbli għall-impatti tat-tibdil fil-klima u d-diżastri;

I. billi l-aġendi soċjali, ekoloġiċi u femministi huma interkonnessi u jikkondividu l-għan li tiġi żgurata distribuzzjoni ġusta tar-riżorsi; billi n-nisa, il-ħaddiema migranti u informali u t-tmexxija tagħhom huma ċentrali għall-promozzjoni ta' ekonomija ċirkolari li hija meħtieġa wkoll biex jitwettqu t-tranżizzjonijiet ekoloġiċi u ġusti; billi għalhekk, it-titjib tas-sostenibbiltà soċjali ma jistax iseħħ permezz ta' strument uniku iżda jirrikjedi approċċ olistiku, integrat fis-setturi diversi tal-industrija, li jqis id-disinn, ix-xiri, il-produzzjoni, il-konsum u r-riċiklaġġ;

1. Jinnota li minbarra l-impatti negattivi sinifikanti tagħha fuq l-ambjent u l-klima, l-industrija tat-tessuti għandha wkoll impatt soċjali detrimentali; jisħaq li għadd sproporzjonat ta' nisa u gruppi emarġinati huma involuti f'xogħol prekarju, b'kundizzjonijiet tax-xogħol inumani u perikolużi, inklużi livelli għoljin ta' xogħol part-time u informali, bi ħlas ta' pagi baxxi ħafna u sostanzjalment anqas minn pagi li jiggarantixxu l-għajxien, xogħol furzat, kundizzjonijiet tax-xogħol perikolużi, ħsara għas-saħħa b'rabta mas-sustanzi kimiċi użati, u vjolenza abbażi tal-ġeneru li tinkludi l-fastidju sesswali; jesprimi dispjaċir għall-fatt li l-Istrateġija tal-UE għal tessuti sostenibbli u ċirkolari ma tirrikonoxxix il-valur tax-xogħol tal-industrija, b'mod partikolari tar-rwol tal-ħaddiema nisa tagħha;

2. Jenfasizza li l-kundizzjonijiet tax-xogħol u l-liġijiet tax-xogħol f'pajjiżi mhux tal-UE li jfornu lill-UE bi prodotti tat-tessuti spiss huma estremament ħżiena jew mhux infurzati kif xieraq; jissottolinja b'mod partikolari r-restrizzjonijiet għas-saħħa u d-drittijiet sesswali u riproduttivi kif ukoll il-limitazzjonijiet fuq il-liv tal-maternità mħallas; jenfasizza li n-nisa u l-gruppi żvantaġġati spiss ikollhom impjieg informali u ma jkollhomx aċċess għas-sigurtà soċjali; jenfasizza li l-asimmetrija tal-poter bejn ix-xerrejja u l-fornituri li tikkontribwixxi għal prattiki kummerċjali inġusti għandha effetti detrimentali fuq il-kundizzjonijiet tax-xogħol, il-pagi u l-produzzjoni żejda, u taffettwa b'mod sproporzjonat lin-nisa, speċjalment f'pajjiżi b'pagi baxxi mhux tal-UE iżda wkoll f'pajjiżi produtturi fl-UE stess; jistieden lill-Kummissjoni tinkludi l-perspettiva tal-ġeneru fi kwalunkwe leġiżlazzjoni li tipproponi dwar il-ġlieda kontra l-prattiki kummerċjali inġusti fis-settur tat-tessuti;

3. Jenfasizza li l-vjolenza abbażi tal-ġeneru ġiet irrappurtata b'mod wiesa' fl-industrija tat-tessuti; jisħaq li n-nisa u l-bniet fil-fabbriki tal-ħwejjeġ huma partikolarment f'riskju ta' fastidju u ta' vjolenza abbażi tal-ġeneru minħabba l-impjieg prekarju u b'introjtu baxx tagħhom, kif ukoll il-mobbiltà limitata 'l fuq tagħhom, il-post tax-xogħol u l-

[5] https://www.europarl.europa.eu/news/mt/headlines/society/20201208STO93327/l-impatt-tal-produzzjoni-tat-tessuti-u-l-iskart-fuq-l-ambjent-infografika

akkomodazzjoni fuq il-post[6]; jenfasizza li l-vittmi tal-vjolenza abbażi tal-ġeneru jistgħu jiffaċċjaw ostakli biex jirrapportaw vjolenza jew fastidju u jitlob lill-impjegaturi fis-settur tat-tessuti jiżguraw li jkun hemm fis-seħħ mekkaniżmi ta' lmentar robusti u sensittivi għall-ġeneru fil-livell operazzjonali biex il-ħaddiema jkunu jistgħu jirrapportaw fastidju, vjolenza jew theddid ta' vjolenza b'mod anonimu u kunfidenzjali mingħajr biża' ta' tpattija; jitlob mekkaniżmi ta' rimedju xierqa; jitlob li n-nisa jiġu inklużi meta jitfasslu miżuri ta' monitoraġġ u evalwazzjoni; jistieden lill-impjegaturi jipprovdu taħriġ u edukazzjoni dwar l-ugwaljanza bejn il-ġeneri u l-vjolenza abbażi tal-ġeneru lill-impjegati rġiel u nisa;

4. Jiddispjaċih li, fil-biċċa l-kbira, il-proċessi ta' produzzjoni ta' merkanzija fl-industrija tat-tessuti u tal-ħwejjeġ ġew delokalizzati lejn pajjiżi mhux tal-UE u jilmenta dwar it-telf sinifikanti ta' impjiegi u opportunitajiet intraprenditorjali li dan jirrappreżenta għall-ħaddiema nisa Ewropej;

5. Jinnota li n-nisa fl-industrija tat-tessuti spiss jiġu esklużi mill-ispazji tat-teħid ta' deċiżjonijiet; jistieden lill-impjegaturi fl-industrija tat-tessuti jieħdu passi biex jiżguraw rappreżentanza tan-nisa fil-livelli maniġerjali u ta' tmexxija kif ukoll f'pożizzjonijiet fil-livell medju, u jiżguraw ir-rappreżentanza tan-nisa fil-fora ta' konsultazzjoni;

6. Jilqa' b'sodisfazzjon il-fatt li f'dawn l-aħħar snin is-suq għall-ħwejjeġ vintage tan-nisa ngħata impetu ġdid;

7. Jistieden lill-kumpaniji tax-xiri u l-fabbriki jiżviluppaw kodiċijiet ta' kondotta li jintegraw il-perspettiva tal-ġeneru b'politiki dwar il-vjolenza abbażi tal-ġeneru u l-fastidju kif ukoll mekkaniżmi ċari ta' infurzar; jistieden lill-kumpaniji tax-xiri jinkludu l-ugwaljanza bejn il-ġeneri fil-ftehimiet kuntrattwali mal-fornituri;

8. Iħeġġeġ lill-Istati Membri jirratifikaw il-konvenzjonijiet rilevanti tal-Organizzazzjoni Internazzjonali tax-Xogħol u jimplimentaw ir-rakkomandazzjonijiet tagħha, speċjalment dawk maħsuba biex jiżguraw is-saħħa u s-sikurezza okkupazzjonali u l-istandards tal-bini, inkluż fir-rigward tax-xogħol tad-dar kif inhu prevalenti fil-katina tal-provvista tat-tessuti u tal-ħwejjeġ, biex titnaqqas id-diskriminazzjoni abbażi tal-ġeneru u l-iskala tax-xogħol prekarju u biex il-ħaddiema jiġu protetti minn kundizzjonijiet tax-xogħol ħżiena u mill-effetti dannużi ta' sustanzi kimiċi perikolużi, li għalihom sfortunatament spiss ikun hemm nuqqas ta' data diżaggregata skont il-ġeneru, u anki mill-vjolenza u l-fastidju fuq il-post tax-xogħol; jindika b'mod partikolari l-Konvenzjoni dwar it-Tmiem tal-Vjolenza u l-Fastidju Sesswali fid-Dinja tax-Xogħol (Nru 190), il-Konvenzjoni dwar ir-Remunerazzjoni Ugwali (Nru 100), il-Konvenzjoni dwar id-Diskriminazzjoni (Impjiegi u Xogħol) (Nru 111) u l-Konvenzjoni dwar il-Protezzjoni tal-Maternità (Nru 183); jisħaq li l-produzzjoni tat-tessuti hija intensa ħafna fl-użu tal-kimika u tesponi lin-nisa għal sustanzi kimiċi li jikkawżaw il-kanċer, li jfixklu s-sistema endokrinali, u allerġeni, fost l-oħrajn; jenfasizza l-ħtieġa urġenti li jiġu adottati miżuri marbuta mas-saħħa u s-sikurezza fuq il-post tax-xogħol li jinkludu approċċ sensittiv għall-ġeneru;

9. Jitlob li l-unions tal-ħaddiema nisa jitħallew jistabbilixxu u joperaw liberament u jitlob li d-dritt ta' negozjar kollettiv jiġi rrispettat;

[6] https://mneguidelines.oecd.org/oecd-due-diligence-guidance-garment-footwear.pdf.

10. Jenfasizza li t-taħriġ fil-ħiliet, it-titjib tal-ħiliet u t-taħriġ mill-ġdid fis-settur tat-tessuti jaqdu rwol ewlieni biex titnaqqas id-differenza bejn il-ġeneri fl-impjiegi u biex jiġi żgurat li l-politiki u l-inizjattivi tal-UE u dawk nazzjonali jirċievu s-sostenn tal-finanzjament meħtieġ; jissottolinja li huwa importanti għall-investituri korporattivi li jiżguraw li l-ħaddiema tas-settur tat-tessuti b'pagi baxxi, b'mod partikolari n-nisa u gruppi emarġinati oħra, inklużi dawk involuti fl-aktar forom prekarji ta' impjieg, ikollhom aċċess għal opportunitajiet ta' tagħlim tul il-ħajja u taħriġ ta' kwalità, b'mod partikolari wara perjodi ta' assenza għal raġunijiet ta' kura, bl-għan li jieħdu miżuri b'saħħithom biex jegħlbu n-nuqqas ta' ħin u riżorsi ddedikati għal tali opportunitajiet u jindirizzaw il-preġudizzju bejn il-ġeneri u l-istereotipi tal-ġeneru; jenfasizza l-ħtieġa li l-ħaddiema nisa jiġu infurmati dwar id-drittijiet tagħhom, il-leġiżlazzjoni dwar ix-xogħol u l-kwistjonijiet ta' sikurezza u ta' saħħa, kif ukoll il-ħtieġa li jiġi pprovdut taħriġ lill-maniġers dwar l-ugwaljanza bejn il-ġeneri u n-nondiskriminazzjoni; jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jiżviluppaw programmi li jippromwovu l-parteċipazzjoni sħiħa tan-nisa fl-industriji tat-tessuti u tal-ħwejjeġ, u li jagħmlu enfasi fuq l-aspetti kollha relatati ma' dawk l-industriji, sabiex joħolqu ambjent ospitabbli għall-ħolqien, il-promozzjoni u l-iżvilupp ta' attivitajiet immexxija min-nisa;

11. Jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jadottaw miżuri b'saħħithom biex jiżguraw l-aċċess tan-nisa għal tranżizzjoni diġitali u ekoloġika ġusta u inklużiva fis-settur tat-tessuti;

12. Jitlob lill-impjegaturi fis-settur tat-tessuti jiżguraw li l-impjegati tagħhom ikollhom sigurtà soċjali bażika;

13. Jilqa' l-proposta għal regolament dwar l-ekodisinn li jkopri t-tessuti u r-rieżami tar-Regolament dwar it-Tikkettar tat-Tessuti[7]; jitlob l-introduzzjoni ta' żvelar obbligatorju ta' informazzjoni li jibda bl-akbar kumpaniji fl-Unjoni, inkluż dwar l-impatti negattivi tagħhom fuq id-drittijiet tal-bniedem u l-ambjent; jinnota li tali informazzjoni għandha tkun sensittiva għall-ġeneru; jitlob l-inklużjoni ta' standards soċjali u tax-xogħol kemm fir-regolament propost dwar l-ekodisinn kif ukoll skont ir-rekwiżiti tat-tikkettar u biex l-informazzjoni dwar ir-rispett ta' dawn l-istandards tkun disponibbli fil-passaporti diġitali tal-prodotti u ssir obbligatorja għall-akkwist pubbliku; jinsab imħasseb dwar l-istampa frammentata u limitata tal-impatt fuq il-prodott li l-iżvilupp ta' kriterji biex jissostanzjaw l-asserzjonijiet ekoloġiċi joħloq jekk ma jqisx l-impatti soċjali u dawk relatati mal-ġeneru; jenfasizza li perspettiva daqshekk ristretta tas-sostenibbiltà tal-prodotti la hi konformi mal-impenji tal-UE għall-Għanijiet ta' Żvilupp Sostenibbli, u lanqas mal-Patt Ekoloġiku Ewropew; jistieden lill-kumpaniji fl-industrija tat-tessuti jipprovdu informazzjoni dettaljata dwar l-istatus tal-ugwaljanza bejn il-ġeneri fil-kumpaniji tul il-ktajjen tal-provvista tagħhom, f'konformità mad-Direttiva proposta dwar ir-rapportar korporattiv dwar is-sostenibbiltà u d-direttiva futura dwar id-diliġenza dovuta tas-sostenibbiltà korporattiva;

14. Jilqa' b'sodisfazzjon il-proposta mistennija tal-Kummissjoni li tipprojbixxi prodotti magħmula b'xogħol furzat milli jidħlu fis-suq tal-UE, li se tkopri l-użu tax-xogħol

[7] Ir-Regolament (UE) Nru 1007/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-27 ta' Settembru 2011 dwar l-ismijiet ta' fibri ta' tessuti u t-tikkettar u l-immarkar relatati tal-kompożizzjoni tal-fibri ta' prodotti tat-tessut u li jħassar id-Direttiva tal-Kunsill 73/44/KEE u d-Direttivi 96/73/KE u 2008/121/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill. ĠU L 272, 18.10.2011, p. 1.

furzat tul il-ktajjen tal-provvista kollha; ifakkar fl-importanza tal-integrazzjoni tal-perspettiva tal-ġeneri fil-politiki kollha tal-UE; itenni li l-konformità mal-obbligi ta' diliġenza dovuta trid tiġi infurzata b'mod strett u uniformi fis-suq uniku kollu u li l-kumpaniji li joperaw fis-suq intern li ma jikkonformawx mal-kriterji ambjentali u tad-drittijiet tal-bniedem stabbiliti fil-leġiżlazzjoni futura dwar id-diliġenza dovuta jridu jkunu soġġetti għal penali ħorox; jiddispjaċih li l-proposta għal direttiva dwar id-diliġenza dovuta tas-sostenibbiltà korporattiva ma tikkunsidrax il-ġeneru u jappella biex tiġi inkorporata perspettiva tal-ġeneru fit-test; jenfasizza li l-impatti negattivi relatati mal-ġeneru tal-katina tal-valur eżistenti tat-tessuti ma jistgħux jiġu evitati bil-leġiżlazzjoni proposta dwar id-diliġenza dovuta biss; jenfasizza li l-leġiżlazzjoni dwar id-diliġenza dovuta kif proposta mill-Kummissjoni tkopri biss 1 % tal-kumpaniji tal-UE iżda li peress li l-akbar ditti tal-ħwejjeġ ma jiddominawx l-industrija tal-ħwejjeġ kif jagħmlu l-akbar ditti f'industriji oħra konċentrati ħafna; jisħaq għalhekk li r-regolamenti li japplikaw biss għall-akbar ditti mhux se jippermettu li l-maġġoranza tal-ħaddiema fis-settur tal-ħwejjeġ, li spiss ikunu nisa, jibbenefikaw mill-protezzjonijiet li huma intiżi li jipprovdu; iħeġġeġ lill-Istati Membri jinkludu kemm jista' jkun kumpaniji meta jimplimentaw il-leġiżlazzjoni dwar id-diliġenza dovuta;

15. Jenfasizza l-ħtieġa li jissaħħu l-isforzi biex jiġu inkorporati kunsiderazzjonijiet soċjali sensittivi għall-ġeneru fl-akkwist pubbliku sabiex jiġu appoġġati l-produzzjoni, l-użu u l-ġestjoni tat-tessuti fi tmiem il-ħajja sostenibbli; jitlob, f'dan ir-rigward, reviżjoni tad-Direttiva tal-2014 dwar l-Akkwist Pubbliku[8], kif ukoll l-inklużjoni ta' kriterji tal-akkwist pubbliku soċjalment responsabbli, flimkien ma' kriterji tal-akkwist pubbliku ekoloġiċi skont ir-regolament dwar l-ekodisinn;

16. Jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jinvolvu ruħhom mal-partijiet ikkonċernati tas-soċjetà ċivili, inklużi l-atturi tal-edukazzjoni, l-organizzazzjonijiet tal-ugwaljanza bejn il-ġeneri, is-sħab soċjali u l-organizzazzjonijiet lokali li jaħdmu fuq il-post sabiex jiżviluppaw programmi li jżidu s-sensibilizzazzjoni dwar l-impatti ambjentali, klimatiċi u fuq id-drittijiet tal-bniedem tal-industriji tat-tessuti u tal-ħwejjeġ, inklużi l-kundizzjonijiet tax-xogħol għan-nisa u l-bniet, u jippromwovu ekonomija ċirkolari li tinkludi l-iżvilupp tas-sostenibbiltà u r-rispett għad-drittijiet tal-bniedem tul il-katina tal-valur tas-settur tat-tessuti kollu;

17. Jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jippromwovu u jinkoraġġixxu l-iskambju tal-għarfien u tal-aħjar prattiki rigward iċ-ċirkolarità u s-sostenibbiltà fis-settur tat-tessuti; jinnota li s-sostenibbiltà u ċ-ċirkolarità għandu jkollhom karattru trasversali u għandhom jiġu integrati fid-diversi setturi tal-industrija; ifakkar li waħda mill-miri tal-istrateġija tal-UE għal tessuti sostenibbli u ċirkolari hija li jiġi stabbilit qafas komprensiv biex jinħolqu kundizzjonijiet u inċentivi li jagħtu spinta lill-kompetittività, is-sostenibbiltà u r-reżiljenza tas-settur tat-tessuti tal-UE; iħeġġeġ lill-Kummissjoni tiżgura li din il-mira tqis ir-rwol fundamentali tan-nisa fl-industrija; jistieden lill-Kummissjoni tintegra l-perspettiva tal-ġeneru, b'mod partikolari fejn jidħlu d-drittijiet tan-nisa, fl-implimentazzjoni tal-istrateġija; jemmen li din l-inizjattiva għandha tippromwovi n-nondiskriminazzjoni u tindirizza l-kwistjoni ta' vjolenza u fastidju fuq il-post tax-xogħol, kif diġà previst minn impenji tal-UE u internazzjonali;

[8] Id-Direttiva 2014/24/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-26 ta' Frar 2014 dwar l-akkwist pubbliku u li tħassar id-Direttiva 2004/18/KE, (Test b'relevanza għaż-ŻEE), (ĠU L 94, 28.3.2014, p. 65).

18. Jisħaq fuq l-importanza li jiġi salvagwardjat u ppreservat l-artiġjanat tradizzjonali, l-aktar manifestazzjoni tanġibbli tal-wirt kulturali intanġibbli, kif ukoll li tiġi stabbilita lenti tal-ġeneru li permezz tagħha jitqies ir-rwol storiku tan-nisa fil-ħolqien, iż-żamma u t-tisħiħ ta' xogħol ta' kwalità għolja;

19. Iħeġġeġ lill-Istati Membri jużaw il-fondi eżistenti biex jappoġġaw l-istrumenti finanzjarji, jiżviluppaw il-ħiliet u l-prestazzjoni permezz tal-edukazzjoni, it-taħriġ u s-servizzi konsultattivi u jżidu l-parteċipazzjoni fi gruppi ta' azzjoni lokali bl-għan li jiggarantixxu aħjar il-parteċipazzjoni tan-nisa fl-intraprenditorija fl-industrija tat-tessuti u tal-ħwejjeġ;

20. Jilqa' l-fatt li hemm eżempji ta' nisa fl-industrija tat-tessuti li rnexxielhom joħolqu prodotti kummerċjalment vijabbli minn prodotti sekondarji jew prodotti tal-iskart li ġejjin mill-industriji tas-settur tal-ikel jew industriji oħra;

21. Iħeġġeġ lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jiżviluppaw strateġiji biex jiżguraw il-vijabbiltà kummerċjali ta' prodotti għan-nisa u l-bniet li ma jagħmlux ħsara lill-ambjent; jenfasizza l-ħtieġa ta' objettiv ġenerali biex jitnaqqsu l-prezzijiet ta' lbies u żraben ta' kwalità għolja, durabbli u sostenibbli sabiex tintemm is-sitwazzjoni fejn l-ilbies ta' kwalità baxxa u li jniġġes minn pajjiżi mhux tal-UE jkun l-aktar għażla vijabbli u affordabbli għan-nisa minn sfondi ekonomiċi żvantaġġati;

22. Ifakkar li fl-industrija tat-tessuti, kważi 75 % tan-nisa għandhom livell ta' edukazzjoni medju sa għoli; jiddispjaċih, f'dan il-kuntest, li n-nisa jokkupaw biss 38 % tal-pożizzjonijiet għolja jew maniġerjali fl-industrija tat-tessuti;

23. Jinnota li n-nisa ta' kull età spiss ikollhom rwol ċentrali fl-organizzazzjoni, il-finanzjament, it-tmexxija u l-promozzjoni ta' inizjattivi u organizzazzjonijiet tal-karità bbażati fuq il-manifattura u l-bejgħ ta' prodotti tat-tessuti; jissottolinja li dawn l-organizzazzjonijiet storikament kienu ta' sinifikat soċjali kbir kemm għax ħolqu opportunitajiet ta' impjieg għan-nisa kif ukoll għax ipprovdew għajnuna, appoġġ u assistenza ta' karità għan-nisa fil-bżonn;

24. Jistieden lill-Kummissjoni tikkomunika b'mod effettiv dwar is-sinifikat tal-intrapriżi tat-tessuti żgħar u medji mmexxija min-nisa madwar l-UE, u tippromwovihom permezz tal-pjattaformi online, u tagħtihom viżibbiltà akbar u tħeġġeġ sensibilizzazzjoni akbar tal-intraprenditorija tan-nisa li ma tagħmilx ħsara lill-ambjent;

25. Jistieden lill-Istati Membri jippromwovu t-tagħlim fis-suġġetti tax-xjenza, it-teknoloġija, l-inġinerija, l-arti u l-matematika biex jiżguraw aħjar li n-nisa jkollhom rwol ewlieni fl-aspetti kollha tal-industrija tat-tessuti, inkluż l-użu ta' makkinarju ta' teknoloġija avvanzata li spiss ikun meħtieġ matul diversi proċeduri ta' manifattura, u b'hekk jenfasizzaw ir-rabta bejn in-nisa, it-teknoloġija u t-tessuti;

26. Jistieden lill-Istati Membri jippromwovu l-indipendenza ekonomika tan-nisa anzjani u jirrikonoxxuha bħala sfida kruċjali oħra għas-snin li ġejjin;

27. Jappella għall-ġbir ta' data komprensiva diżaggregata skont il-ġeneru biex jiġi aċċertat l-involviment tan-nisa fl-industrija tat-tessuti u kwalunkwe varjazzjoni jew diskrepanza potenzjali bejn l-Istati Membri.

## INFORMAZZJONI DWAR L-ADOZZJONI FIL-KUMITAT LI JINTALAB JAGĦTI OPINJONI

| | |
|---|---|
| **Data tal-adozzjoni** | 28.2.2023 |
| **Riżultat tal-votazzjoni finali** | +: 24<br>–: 2<br>0: 3 |
| **Membri preżenti għall-votazzjoni finali** | Simona Baldassarre, Vilija Blinkevičiūtė, Maria da Graça Carvalho, Margarita de la Pisa Carrión, Frances Fitzgerald, Lina Gálvez Muñoz, Arba Kokalari, Alice Kuhnke, Elżbieta Katarzyna Łukacijewska, Radka Maxová, Karen Melchior, Maria Noichl, Carina Ohlsson, Samira Rafaela, Evelyn Regner, María Soraya Rodríguez Ramos, Christine Schneider, Michal Šimečka, Sylwia Spurek |
| **Sostituti preżenti għall-votazzjoni finali** | Michiel Hoogeveen, Ewa Kopacz, Elena Kountoura, Johan Nissinen, Katarína Roth Neveďalová, Pernille Weiss |
| **Sostituti (skont l-Artikolu 209(7)) preżenti għall-votazzjoni finali** | Francisco Guerreiro, France Jamet, Łukasz Kohut, Ana Miranda |

# VOTAZZJONI FINALI B'SEJĦA TAL-ISMIJIET FIL-KUMITAT LI JINTALAB JAGĦTI OPINJONI

| 24 | + |
| --- | --- |
| ID | France Jamet |
| PPE | Maria da Graça Carvalho, Frances Fitzgerald, Arba Kokalari, Ewa Kopacz, Elżbieta Katarzyna Łukacijewska, Christine Schneider, Pernille Weiss |
| Renew | Karen Melchior, María Soraya Rodríguez Ramos, Michal Šimečka |
| S&D | Vilija Blinkevičiūtė, Lina Gálvez Muñoz, Łukasz Kohut, Radka Maxová, Katarína Roth Neveďalová, Maria Noichl, Carina Ohlsson, Evelyn Regner |
| The Left | Elena Kountoura |
| Verts/ALE | Francisco Guerreiro, Alice Kuhnke, Ana Miranda, Sylwia Spurek |

| 2 | - |
| --- | --- |
| ECR | Johan Nissinen |
| Renew | Samira Rafaela |

| 3 | 0 |
| --- | --- |
| ECR | Michiel Hoogeveen, Margarita de la Pisa Carrión |
| ID | Simona Baldassarre |

Tifsira tas-simboli użati:
+ : favur
- : kontra
0 : astensjoni

## INFORMAZZJONI DWAR L-ADOZZJONI FIL-KUMITAT RESPONSABBLI

| | |
|---|---|
| **Data tal-adozzjoni** | 27.4.2023 |
| **Riżultat tal-votazzjoni finali** | +: 68<br>–: 0<br>0: 1 |
| **Membri preżenti għall-votazzjoni finali** | Mathilde Androuët, Bartosz Arłukowicz, Margrete Auken, Marek Paweł Balt, Traian Băsescu, Aurélia Beigneux, Hildegard Bentele, Malin Björk, Michael Bloss, Delara Burkhardt, Pascal Canfin, Sara Cerdas, Mohammed Chahim, Tudor Ciuhodaru, Maria Angela Danzì, Bas Eickhout, Heléne Fritzon, Malte Gallée, Gianna Gancia, Andreas Glück, Catherine Griset, Teuvo Hakkarainen, Anja Hazekamp, Martin Hojsík, Pär Holmgren, Yannick Jadot, Karin Karlsbro, Ewa Kopacz, Joanna Kopcińska, Peter Liese, Liudas Mažylis, Marina Mesure, Tilly Metz, Silvia Modig, Dolors Montserrat, Alessandra Moretti, Ville Niinistö, Ljudmila Novak, Grace O'Sullivan, Jutta Paulus, Francesca Peppucci, Stanislav Polčák, Jessica Polfjärd, Erik Poulsen, Frédérique Ries, María Soraya Rodríguez Ramos, Maria Veronica Rossi, Silvia Sardone, Christine Schneider, Günther Sidl, Ivan Vilibor Sinčić, Maria Spyraki, Edina Tóth, Véronique Trillet-Lenoir, Alexandr Vondra, Mick Wallace, Pernille Weiss, Michal Wiezik, Tiemo Wölken |
| **Sostituti preżenti għall-votazzjoni finali** | Mercedes Bresso, Milan Brglez, Asger Christensen, Margarita de la Pisa Carrión, Billy Kelleher, Massimiliano Salini, Susana Solís Pérez |
| **Sostituti (skont l-Artikolu 209(7)) preżenti għall-votazzjoni finali** | Attila Ara-Kovács, Colm Markey, Javier Moreno Sánchez |

## VOTAZZJONI FINALI B'SEJĦA TAL-ISMIJIET FIL-KUMITAT RESPONSABBLI

| 68 | + |
|---|---|
| ECR | Joanna Kopcińska, Margarita de la Pisa Carrión, Alexandr Vondra |
| ID | Mathilde Androuët, Aurélia Beigneux, Gianna Gancia, Catherine Griset, Maria Veronica Rossi, Silvia Sardone |
| NI | Maria Angela Danzì, Ivan Vilibor Sinčić, Edina Tóth |
| PPE | Bartosz Arłukowicz, Traian Băsescu, Hildegard Bentele, Ewa Kopacz, Peter Liese, Colm Markey, Liudas Mažylis, Dolors Montserrat, Ljudmila Novak, Francesca Peppucci, Stanislav Polčák, Jessica Polfjärd, Massimiliano Salini, Christine Schneider, Maria Spyraki, Pernille Weiss |
| Renew | Pascal Canfin, Asger Christensen, Andreas Glück, Martin Hojsík, Karin Karlsbro, Billy Kelleher, Erik Poulsen, Frédérique Ries, María Soraya Rodríguez Ramos, Susana Solís Pérez, Véronique Trillet-Lenoir, Michal Wiezik |
| S&D | Attila Ara-Kovács, Marek Paweł Balt, Mercedes Bresso, Milan Brglez, Delara Burkhardt, Sara Cerdas, Mohammed Chahim, Tudor Ciuhodaru, Heléne Fritzon, Javier Moreno Sánchez, Alessandra Moretti, Günther Sidl, Tiemo Wölken |
| The Left | Malin Björk, Anja Hazekamp, Marina Mesure, Silvia Modig, Mick Wallace |
| Verts/ALE | Margrete Auken, Michael Bloss, Bas Eickhout, Malte Gallée, Pär Holmgren, Yannick Jadot, Tilly Metz, Ville Niinistö, Grace O'Sullivan, Jutta Paulus |

| 0 | - |
|---|---|
| | |

| 1 | 0 |
|---|---|
| ECR | Teuvo Hakkarainen |

Tifsira tas-simboli użati:
+ : favur
- : kontra
0 : astensjoni